IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.9.2021
COM(2021) 589 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu

ANNESS I

FTEHIM TA' SĦUBIJA

fis-settur tas-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania

L-UNJONI EWROPEA,

Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Unjoni", u

IR-REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-MAURITANIA,

Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Mauritania",

It-tnejn li huma flimkien imsejħa l-"Partijiet" u individwalment il-"Parti",

WARA LI KKUNSIDRAW ir-relazzjonijiet ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Unjoni u l-Mauritania, b'mod partikolari fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou li jistabbilixxi relazzjoni ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mauritania, min-naħa l-oħra, jew tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-AKP li se jieħu post il-Ftehim ta' Cotonou fid-data tal-applikazzjoni provviżorja jew tad-dħul fis-seħħ tiegħu u r-rieda komuni tagħhom li jintensifikaw dawn ir-relazzjonijiet,

IMPENJATI KIF INHUMA li jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt internazzjonali u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, filwaqt li jiżguraw benefiċċji reċiproċi għall-Partijiet ikkonċernati;

WARA LI KKUNSIDRAW id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) tal-Bajja ta' Montego tal-1982;

KONXJI mill-importanza tal-prinċipji minquxa fil-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli adottat fil-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1995;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tal-Ftehim dwar Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Irregolat u bl-għan li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tiegħu;

DETERMINATI li japplikaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd rilevanti li l-Partijiet huma membri tagħhom;

BIR-RIEDA, għal dawn il-finijiet, li jqisu l-opinjonijiet xjentifiċi disponibbli u rilevanti u l-pjanijiet ta' ġestjoni rilevanti adottati mill-

organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd rilevanti, sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet tas-sajd u tiġi promossa l-governanza tal-oċeani fil-livell internazzjonali;

DEĊIŻI, għal dawn il-finijiet, li jistabbilixxu djalogu, b'mod partikolari fir-rigward tal-governanza tas-sajd, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat u l-kontroll, il-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd;

BIR-RIEDA li l-aċċess għaż-żona tas-sajd ikun proporzjonat mal-attività tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni u li l-flotta Ewropea takkwista sehem xieraq tar-riżorsi żejda tas-sajd, bl-istess kundizzjonijiet tekniċi tas-sajd applikati għall-flotot kollha.

KONVINTI li s-sħubija għandha tkun ibbażata fuq il-komplementarjetà tal-azzjonijiet imwettqa, kemm b'mod konġunt kif ukoll minn kull waħda mill-Partijiet, filwaqt li jiġu żgurati l-koerenza u s-sinerġija tal-isforzi;

DEĊIŻI, fil-qafas tal-politika settorjali tas-sajd tal-Mauritania, li jippromwovu s-sħubija bl-għan, b'mod partikolari, li jidentifikaw l-aktar mezzi xierqa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' din il-politika u l-involviment tal-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili fil-proċess;

BIR-RIEDA li jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd filwaqt li titqies il-kapaċità tas-sajd tal-flotot li joperaw fiż-żona, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għan-natura ta' ċerti speċijiet transżonali u li jpassu ħafna;

KONXJI mir-rwol li għandu s-settur tas-sajd marittimu, inkluży l-industriji relatati tiegħu, fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Mauritania kif ukoll f'ċerti reġjuni tal-Unjoni,

DEĊIŻI li jfittxu kooperazzjoni ekonomika u soċjali aktar mill-qrib bil-għan li jistabbilixxu u jsaħħu s-sajd sostenibbli u jikkontribwixxu għal governanza aħjar tal-oċeani, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' investimenti li jinvolvu intrapriżi taż-żewġ Partijiet u b'rabta mal-objettivi ta' żvilupp tal-Mauritania;

FTIEHMU DWAR DAN LI ĠEJ:

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għal-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-termini li ġejjin se jkollhom dawn it-tifsiriet:

a) “Awtoritajiet tal-Mauritania” tfisser il-Ministeru tas-Sajd u l-Ekonomija Marittima;

b) “Awtoritajiet tal-Unjoni” tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

c) “ftehim” tfisser dan il-Ftehim ta’ Sħubija fis-Settur tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, il-Protokoll għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija fis-Settur tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, l-Annessi u l-Appendiċijiet tagħhom;

d) “attività tas-sajd” tfisser il-lokalizzazzjoni tal-ħut, it-tfigħ, l-użu, it-tkarkir jew l-irfigħ ta’ rkaptu tas-sajd, it-tlugħ tal-qabdiet abbord, it-trażbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid fil-gaġeġ, it-tismin u l-ħatt l-art tal-ħut u l-prodotti tas-sajd;

e) “bastiment tas-sajd” tfisser kwalunkwe bastiment mgħammar għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

f) “bastiment tal-Unjoni” tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta’ Stat Membru tal-Unjoni u li huwa rreġistrat fl-Unjoni;

g) “sid ta’ bastiment” tfisser kwalunkwe persuna legalment responsabbli għall-bastiment tas-sajd, li toperah u tikkontrollah;

h) “żona tas-sajd” tfisser l-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania. L-attività tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni prevista f’dan il-Ftehim għandha titwettaq biss fiż-żoni fejn is-sajd huwa permess skont il-leġiżlazzjoni tal-Mauritania; Din id-definizzjoni mhix se taffettwa n-negozjati possibbli dwar id-delimitazzjoni taż-żoni marittimi tal-Istati kostali li jmissu maż-żona tas-sajd u d-drittijiet ta’ Stati terzi b’mod ġenerali;

i) “żona ta’ ġestjoni” tfisser iż-żona ta’ attività delimitata minn koordinati ġeografiċi, l-irkaptu li jista’ jintuża jew l-ispeċijiet awtorizzati;

j) “awtorizzazzjoni tas-sajd” tfisser il-liċenzja tas-sajd maħruġa mill-awtoritajiet tal-Mauritania lil bastiment tas-sajd tal-Unjoni li tagħtih id-dritt li jwettaq attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd;

k) “stokk” tfisser riżorsa bijoloġika tal-baħar li tkun preżenti f’żona partikolari;

l) “prodotti tas-sajd” tfisser l-organiżmi akkwatiċi li jirriżultaw minn attività tas-sajd;

m) “prodotti tal-akkwakultura” tfisser l-organiżmi akkwatiċi li jirriżultaw minn attività tal-akkwakultura, irrispettivament mill-istadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, jew il-prodotti derivati minnhom;

n) “settur tas-sajd” tfisser is-settur ekonomiku li jkopri l-attivitajiet kollha relatati mal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

o) “opportunitajiet tas-sajd” tfisser dritt kwantifikat għas-sajd espress f’termini ta’ qbid jew għadd ta’ bastimenti;

p) “sajd sostenibbli” tfisser sajd konformi mal-objettivi u l-prinċipji minquxa fil-Kodiċi ta’ Kondotta għal Sajd Responsabbli adottat fil-Konferenza tal-FAO fl-1995.

Artikolu 2

Għan

Dan il-Ftehim jistabbilixxi qafas ta’ governanza legali, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistabbilixxi b’mod partikolari:

a) il-kundizzjonijiet li bihom il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd;

b) il-kooperazzjoni ekonomika u finanzjarja fis-settur tas-sajd bil-ħsieb li tiġi stabbilita sħubija li tippromwovi s-settur tas-sajd u bl-għan li tissaħħaħ il-governanza tal-oċeani;

c) il-kooperazzjoni amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja kif definita fl-Artikolu 13(2), il-punti (b) u (c) ;

d) il-kooperazzjoni xjentifika u teknika bl-għan li jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd u l-iżvilupp tas-settur ikkonċernat;

e) il-kooperazzjoni dwar miżuri ta’ kontroll u sorveljanza biex jiġu kkontrollati l-attivitajiet fiż-żona tas-sajd, bl-għan li tiġi żgurata l-konformità mar-regoli fis-seħħ u li tiġi garantita l-effettività tal-miżuri tal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u tal-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd, b’mod partikolari għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Artikolu 3

Prinċipji u għanijiet għall-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli fiż-żona tas-sajd abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn il-flotot differenti li jkunu jinsabu f’dik iż-żona.

2. L-awtoritajiet tal-Mauritania jintrabtu li jiżguraw li l-aċċess għaż-żona tas-sajd ikun jikkorrispondi għall-attività tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni. Il-Mauritania għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-flotta Ewropea tirċievi sehem xieraq mir-riżorsi żejda tas-sajd. Il-flotta Ewropea se tibbenefika

mill-istess kundizzjonijiet tekniċi tas-sajd u tal-aċċess applikati għall-flotot kollha.

3. Fl-interess tat-trasparenza, il-Mauritania tintrabat li tippubblika u tiskambja informazzjoni dwar kwalunkwe ftehim li jawtorizza bastimenti barranin fiż-żona tas-sajd tagħha u dwar l-isforz tas-sajd li jirriżulta minnu, b'mod partikolari l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġa, il-qabdiet iddikjarati u ż-żoni tas-sajd awtorizzati.

4. Il-partijiet jaqblu li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jistadu biss għall-eċċess tal-qabda permissibbli kif imsemmi fl-Artikolu 62(2) u (3) tal-UNCLOS, u kif stabbilit b'mod ċar u trasparenti abbażi tal-opinjonijiet xjentifiċi disponibbli u tal-informazzjoni rilevanti skambjata bejn il-Partijiet dwar l-isforz totali tas-sajd eżerċitat fuq l-istokkijiet ikkonċernati mill-flotot kollha li joperaw fiż-żona tas-sajd.

5. Fir-rigward tal-istokkijiet ta' ħut transżonali jew li jpassu ħafna, il-Partijiet għandhom iqisu kif xieraq, fid-determinazzjoni tar-riżorsi disponibbli, il-valutazzjonijiet xjentifiċi mwettqa fil-livell reġjonali kif ukoll il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali kompetenti għall-ġestjoni tas-sajd.

6. Il-partijiet jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw il-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou jew l-artikolu korrispondenti għalih fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-AKP li se jissostitwixxi l-Ftehim ta' Cotonou fid-data tal-applikazzjoni provviżorja jew tad-dħul fis-seħħ tiegħu fir-rigward tal-elementi essenzjali li jikkonċernaw id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, kif ukoll l-element fundamentali li jikkonċerna l-governanza tajba.

7. Fl-interess reċiproku tal-Partijiet, il-Partijiet jintrabtu li jistabbilixxu djalogu mill-qrib, jippromwovu l-konsultazzjoni u jipprovdu informazzjoni, b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd u l-governanza tal-oċeani.

8. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin qabel ma jieħdu kwalunkwe deċiżjoni li tista' taffettwa l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni skont dan il-Ftehim.

9. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw li d-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol tkun applikabbli bis-sħiħ għall-baħħara kollha li jittellgħu abbord il-bastimenti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv għall-ħaddiema, kif ukoll l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u x-xogħol.

10. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw ukoll fit-twettiq ta' evalwazzjonijiet *ex ante*, simultanji u *ex post* tal-miżuri, il-programmi u l-azzjonijiet implimentati abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 4

L-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd

L-awtoritajiet tal-Mauritania jintrabtu li jawtorizzaw lill-bastimenti tal-Unjoni biex iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd skont dan il-Ftehim.

Artikolu 5

Kundizzjonijiet ta' twettiq tas-sajd u klawżola ta' esklużività

1. Il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jistadu fiż-żona tas-sajd koperta b'dan il-Ftehim sakemm dawn ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd li tkun inħarġet skont dan il-Ftehim. Kull attività tas-sajd li ssir barra mill-qafas ta' dan il-Ftehim hija pprojbita.

2. L-awtoritajiet tal-Mauritania għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fil-qafas ta' dan il-Ftehim biss. Il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għas-sajd għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tal-Unjoni barra mill-qafas ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari fil-forma ta' awtorizzazzjonijiet diretti.

3. Il-proċedura għall-ksib ta' awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastiment, it-tariffi applikabbli u l-metodu ta' ħlas li għandu juża sid il-bastiment huma definiti fil-Protokoll, fl-Annessi u fl-Appendiċijiet tiegħu.

4. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet u dawn l-arranġamenti jiġu applikati tajjeb permezz ta' kooperazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom mil-lat amministrattiv.

Artikolu 6

Liġijiet u regolamenti applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd

1. Sabiex jiġi żgurat qafas regolatorju għas-sajd sostenibbli, il-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fiż-żona tas-sajd għandhom jirrispettaw il-liġijiet u r-regolamenti tal-Mauritania li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd f'din iż-żona, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-Ftehim. L-awtoritajiet tal-Mauritania għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet tal-Unjoni bil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli sa mhux aktar tard minn xahar qabel l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. L-Unjoni tintrabat li tieħu l-passi kollha xierqa biex tiżgura l-konformità tal-bastimenti tagħha ma' dan il-Ftehim u mal-liġijiet u r-regolamenti, kif mgħarrfa, kif ukoll l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza tas-sajd previsti f'dan il-Ftehim.

3. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-Mauritania responsabbli għall-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza.

4. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin b'kull deċiżjoni ta' applikabbiltà ġenerali li jista' jkollha impatt fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni skont dan il-Ftehim. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin minn qabel bi kwalunkwe bidla fil-politika u fil-leġiżlazzjoni tas-sajd rispettiva tagħhom li jista' jkollha impatt fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni skont dan il-Ftehim.

5. Kull bidla fil-leġiżlazzjoni li taffettwa l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd għandha tkun infurzabbli fir-rigward tal-bastimenti tal-Unjoni mis-sittin jum, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn dan il-perjodu ma jkunx applikabbli, wara li l-awtoritajiet tal-Unjoni jirċievu n-notifika mill-Mauritania.

Artikolu 7

Sħubija

Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu s-sħubija tagħhom, inkluża l-kooperazzjoni fil-qasam xjentifiku, il-kooperazzjoni reġjonali, il-kooperazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza (MKS), il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat u l-kooperazzjoni amministrattiva għall-implimentazzjoni ta' politika tas-sajd sostenibbli.

Artikolu 8

Kooperazzjoni fil-qasam xjentifiku

1. Matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jimmonitorjaw il-bidliet fl-istat tar-riżorsi fiż-żona tas-sajd u għal dan il-għan għandhom jintrabtu li jagħmlu disponibbli d-*data* disponibbli. Għal dan l-għan, ġie miftiehem li tiġi stabbilita laqgħa xjentifika konġunta, li għandha ssir darba fis-sena, f'sessjoni ordinarja, darba fl-Unjoni u darba fil-Mauritania.

2. Imsejsa fuq il-konklużjonijiet tal-laqgħa xjentifika u l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 14 u, fejn ikun meħtieġ u bi qbil komuni, jieħdu miżuri sabiex jiżguraw il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

3. Il-Partijiet jintrabtu li jikkonsultaw lil xulxin, jew direttament jew fl-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, bl-għan li jiżguraw il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi u li jikkooperaw fir-riċerka xjentifika relatata ma' dan.

Artikolu 9

Kooperazzjoni reġjonali

1. Il-Partijiet jintrabtu li jikkooperaw fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd (RFOs) li jappartjenu għalihom, sabiex jippromwovu l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi u jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd ma jkollhomx impatt negattiv fuq l-ekosistema tal-baħar.

2. Il-Partijiet jintrabtu wkoll li jikkonsultaw lil xulxin b'mod regolari fi ħdan il-qafas tal-laqgħat tal-RFMOs u tal-RFOs li jappartjenu għalihom qabel u waqt il-laqgħat tal-RFMOs u tal-RFOs, inkluż dwar il-possibbiltà li jressqu proposti konġunti f'dawk l-organizzazzjonijiet.

Artikolu 10

Kooperazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-koperazzjoni ekonomika, xjentifika u teknika fis-settur tas-sajd u fis-setturi relatati miegħu. Dawn għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jiffaċilitaw u jippromwovu l-azzjonijiet differenti li jistgħu jittieħdu għal dan il-għan.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu l-iskambju tal-informazzjoni dwar it-tekniki tas-sajd, l-irkaptu tas-sajd, il-metodi ta' preservazzjoni u l-ipproċessar industrijali tal-prodotti tas-sajd.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet adattati għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-impriżi tagħhom, fl-oqsma tekniċi, ekonomiċi u kummerċjali, billi jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tan-negozju u l-investimenti.

4. Il-Partijiet għandhom iħeġġu b'mod partikolari l-promozzjoni tal-investimenti fl-interess reċiproku tagħhom, f'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 11

Kooperazzjoni fil-qasam tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza u fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

1. Il-Partijiet jintrabtu li jikkooperaw fil-qasam tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd u fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat bl-għan li jkun hemm sajd sostenibbli.

2. Il-Mauritania għandha tiżgura l-applikazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll tas-sajd previsti f'dan il-Ftehim u fil-Protokoll tiegħu. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-Mauritania responsabbli mit-twettiq ta' dawn il-kontrolli.

IMPENJI U OBBLIGI ĠENERALI

Artikolu 12

Kooperazzjoni amministrattiva

Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd, il-Partijiet għandhom:

– jiżviluppaw kooperazzjoni amministrattiva bl-għan li jiżguraw li l-bastimenti tal-Unjoni jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim,

– jikkooperaw biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra s-sajd illegali, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib.

Artikolu 13

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja hija definita fil-Protokoll, fl-Annessi tiegħu u fl-Appendiċijiet tiegħu.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

a) il-kumpens finanzjarju mogħti mill-Unjoni fir-rigward tal-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd;

b) it-tariffi mħallsa mis-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni;

c) l-appoġġ settorjali mogħti mill-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' politika tas-sajd sostenibbli, il-promozzjoni tas-settur tas-sajd u l-governanza tal-oċeani, suġġett għal programmazzjoni annwali u pluriennali.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni għandha titħallas skont il-proċeduri stabbiliti fil-Protokoll.

4. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2(a) jista' jiġi rivedut mill-Kumitat Konġunt fil-każijiet li ġejjin:

a) jekk jonqsu l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jiġu applikati miżuri ta' ġestjoni għall-istokkijiet ikkonċernati meqjusa meħtieġa għall-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi abbażi tal-aqwa opinjonijiet xjentifiċi disponibbli; jew

b) jekk jiżdiedu l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jekk, abbażi tal-aqwa opinjonijiet xjentifiċi disponibbli, l-istat tar-riżorsi jippermetti dan;

c) f'każ ta' sospensjoni jew terminazzjoni kif previsti fl-Artikoli 21 u 22 tal-Ftehim.

5. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2(c) hija:

a) separata mill-pagamenti għall-ispejjeż tal-aċċess imsemmija fil-paragrafu 2(a) u (b);

b) determinata u kundizzjonata mill-ksib tal-objettivi tal-appoġġ settorjali f'konformità mal-Protokoll u l-programmazzjoni annwali u pluriennali għall-implimentazzjoni tiegħu.

6. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmi fil-paragrafu 2(c) jista' jiġi rivedut mill-Kumitat Konġunt jekk jiġu vvalutati mill-ġdid il-kundizzjonijiet tal-appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali.

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

Artikolu 14

Kumitat Konġunt

1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet. Dan għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u jista' jadotta emendi għall-Protokoll, l-Annessi tiegħu u l-Appendiċijiet tiegħu.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu:

a) jissorvelja l-implimentazzjoni, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

b) jiddefinixxi u jevalwa l-programmazzjoni annwali u pluriennali tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 13(2)(c);

c) jiżgura l-komunikazzjoni meħtieġa dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mas-sajd;

d) iservi bħala forum għas-soluzzjoni amikevoli tat-tilwim li jirriżultaw mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim.

3. Il-Kumitat Konġunt jista' japprova emendi għall-Protokoll u l-Annessi tiegħu relatati ma':

a) ir-reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u, konsegwentement, tal-kontribuzzjoni finanzjarja relatata msemmija fl-Artikolu 13(2)(a) u (b) ;

b) l-arranġamenti għall-appoġġ settorjali u, konsegwentement, għall-kontribuzzjoni finanzjarja relatata msemmija fl-Artikolu 13(2)(c);

c) il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tekniċi li bihom il-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom;

d) kwalunkwe funzjoni oħra li l-Partijiet jaqblu li jassenjawlu bi qbil komuni, inkluż dwar il-ġlieda kontra s-sajd illegali u l-kooperazzjoni amministrattiva u l-governanza tal-oċeani.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, darba fil-Mauritania u darba fl-Unjoni, jew f'post ieħor miftiehem bejn il-Partijiet, fejn tippresjedi l-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa. Jekk xi waħda mill-Partijiet titlob dan, dan għandu jitlaqqa' b'mod straordinarju.

Il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom jitniżżlu fil-minuti ffirmati miż-żewġ Partijiet.

5. Il-Kumitat Konġunt jista' jaġixxi permezz ta' skambju ta' ittri, jekk ikun meħtieġ.

Artikolu 15

Żona ta' applikazzjoni

Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorji li fihom japplika t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fuq naħa, u għat-territorju tal-Mauritania u l-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Mauritania, fuq l-oħra.

Artikolu 16

Soluzzjoni tat-tilwim

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar kull tilwim li jikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 17

Status tal-Protokoll, l-Annessi u l-Appendiċijiet

Il-Protokoll, l-Annessi u l-Appendiċijiet tiegħu għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim u għandhom ukoll ikunu rregolati minn dawn id-dispożizzjonijiet finali.

Artikolu 18

Lingwi u dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim huwa mfassal bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Għarbi, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Iżvediż, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Huwa se jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jgħarrfu lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 19

Durata

Dan il-ftehim għandu japplika għal sitt snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu; huwa jiġġedded b'mod taċitu, ħlief meta tingħata notifika ta' terminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 22.

Artikolu 20

Applikazzjoni provviżorja

L-iffirmar ta' dan il-Ftehim mill-Partijiet għandu jwassal għall-applikazzjoni provviżorja tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu sakemm waħda mill-Partijiet ma tiddeċidix, fil-mument tal-iffirmar, li l-Ftehim ma għandux jiġi applikat b'mod provviżorju.

Artikolu 21

Sospensjoni

1. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet fil-każ ta' xi waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

a) meta ċirkostanzi għajr fenomeni naturali li ma jkunux fil-kontroll raġonevoli ta' waħda mill-Partijiet ikunu tali li jipprevjenu t-twettiq tal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd;

b) meta tinqala' tilwima bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

c) ksur minn kwalunkwe Parti tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari l-Artikolu 3(6) tiegħu, dwar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

d) meta jkun hemm bidliet sinifikanti fil-politika settorjali li jwasslu għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim, li jirriżultaw f'talba minn kwalunkwe Parti biex temendah.

2. Is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Ftehim għandha tiġi mgħarrfa bil-miktub mill-Parti interessata lill-Parti l-oħra u għandha tieħu effett tliet xhur wara li tasal din in-notifika. Il-fatt li tintbagħat in-notifika jwassal biex jinfetħu konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni amikevoli għat-tilwima tagħhom fi żmien tliet xhur.

3. Meta ma tinstabx soluzzjoni amikevoli għad-differenzi bejn il-Partijiet u l-Ftehim jiġi sospiż, il-Partijiet għandhom ikomplu jikkonsultaw lil xulxin biex isibu soluzzjoni għat-tilwima tagħhom. Meta tinstab tali soluzzjoni, għandha tissokta l-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmi fl-Artikolu 13(2) għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u *pro rata temporis*, skont il-perjodu li matulu kien sospiż il-Ftehim, sakemm ma jintlaħaqx qbil mod ieħor.

Artikolu 22

Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim jista' jintemm fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet fil-każ ta' xi waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

a) meta ċirkostanzi għajr fenomeni naturali li ma jkunux fil-kontroll raġonevoli ta' waħda mill-Partijiet ikunu tali li jipprevjenu t-twettiq tal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd;

b) f'każ ta' degradazzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati;

c) f'każ ta' tnaqqis fl-użu tal-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni;

d) f'każ ta' ksur tal-impenji li ntrabtu bihom il-Partijiet fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat;

e) meta tinqala' tilwima bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u ma tiġix solvuta b'mod amikevoli fi żmien sitt (6) xhur;

f) meta waħda mill-Partijiet ma tirrispettax dan il-Ftehim;

g) meta jkun hemm bidliet sinifikanti fil-politika settorjali li jwasslu għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim, li jirriżultaw f'talba minn kwalunkwe Parti biex temendah li tibqa' ma tiġix imwieġba wara sitt (6) xhur.

2. It-terminazzjoni tal-Ftehim għandha tiġi mgħarrfa bil-miktub mill-Parti interessata lill-Parti l-oħra u għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara li tasal din in-notifika sakemm il-Partijiet ma jaqblux bejniethom li jtawlu dan il-perjodu.

3. Meta tasal in-notifika ta' terminazzjoni, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin biex isibu soluzzjoni amikevoli għat-tilwima tagħhom fi żmien dan il-perjodu ta' sitt xhur.

4. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 13 għas-sena meta tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u *pro rata temporis*. Dan it-tnaqqis għandu japplika wkoll jekk waħda mill-Partijiet ittemm l-applikazzjoni provviżorja.

Artikolu 23

Reviżjoni

Il-Partijiet jaqblu li jirrevedu dan il-Ftehim biex jitqiesu l-emendi kollha fil-qafas tal-governanza ġuridika, ambjentali, ekonomika u soċjali li jistgħu jaffettwaw l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni.

Artikolu 24

Tħassir

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li daħal fis-seħħ mit-8 ta' Awwissu 2008, huwa mħassar.

PROTOKOLL

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Ftehim, ħlief kif emendati hawn taħt u ssupplimentati kif ġej:

1. "Ftehim dwar is-Sajd" tfisser il-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania;

2. "Protokoll" tfisser dan il-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim dwar is-Sajd, l-Annessi tiegħu u l-Appendiċijiet tiegħu;

3. "ħatt l-art" tfisser il-ħatt ta' kwalunkwe kwantità ta' prodotti tas-sajd minn bastiment tas-sajd għal fuq l-art;

4. "trasbord" tfisser il-ħatt minn fuq bastiment ieħor ta' parti mill-prodotti tas-sajd jew tal-prodotti tas-sajd kollha abbord bastiment;

5. "osservatur" tfisser kwalunkwe persuna awtorizzata minn awtorità nazzjonali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness, biex tosserva l-attività tas-sajd għal skopijiet xjentifiċi;

6. "liċenzja tas-sajd" tfisser awtorizzazzjoni amministrattiva maħruġa mid-Dipartiment lil sid il-bastiment bi ħlas ta' tariffi u li tintitolah jistad matul il-perjodu li għalih tkun ingħatat;

7. "opportunitajiet tas-sajd" tfisser dritt kwantifikat għas-sajd, espress f'termini ta' qbid u/jew ta' sforz tas-sajd;

8. "operatur" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla kwalunkwe impriża li twettaq attività relatata ma' kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar, it-tqegħid fis-suq, id-distribuzzjoni u l-bejgħ bl-imnut tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

9. "Delegazzjoni" tfisser id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Mauritania;

10. "Ministeru" tfisser il-Ministeru tas-Sajd u l-Ekonomija Marittima;

11. "kustodju" kif definita fl-Artikolu 538 tal-Kodiċi tal-Merkanzija tal-Baħar tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania.

Artikolu 2

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Protokoll huwa li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar is-Sajd billi jistabbilixxi b'mod partikolari l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd tal-Mauritania, kif definit fl-Artikolu 1(h) tal-Ftehim, kif ukoll id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tas-Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli.

Artikolu 3

Opportunitajiet ta' sajd

1. Mid-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll u għall-perjodu definit fl-Artikolu 20, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar is-Sajd għandhom ikunu kif stabbiliti fit-tabella mehmuża ma' dan il-Protokoll u skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-iskedi informattivi fl-Anness 1 ta' dan il-Protokoll.

2. Il-paragrafu 1 japplika suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7, 10, 23 ta' dan il-Protokoll.

3. Skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar is-Sajd, il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd biss jekk ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd, fil-forma ta' liċenzja tas-sajd maħruġa f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u skont l-arranġamenti stabbiliti fl-Anness u fl-Appendiċijiet.

Artikolu 4

L-isforz kumplessiv tas-sajd fl-ilmijiet tal-Mauritania u t-trasparenza

1. L-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Mauritania għandu jingħata lill-flotot barranin sakemm ikun hemm eċċess, kif definit fl-Artikolu 62 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar[1] u wara li titqies il-kapaċità ta' sfruttament tal-flotot nazzjonali tal-Mauritania.

2. Skont il-leġiżlazzjoni tal-Mauritania, l-objettivi li għandhom jintlaħqu f'termini tal-iżvilupp u tal-ġestjoni sostenibbli, kif ukoll il-qabdiet totali permissibbli, għandhom

[1] Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (flimkien mal-annessi, mal-att finali u mal-minuti tar-rettifika tal-att finali tagħha tat-3 ta' Marzu 1986 u tas-26 ta' Lulju 1993), konkluża f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982 — Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, 16.11.1994, Vol. 1834, I-31363, pp. 3-178.

jiġu deċiżi għal kull qabda mill-gvern tal-Mauritania, skont il-pariri tal-aġenzija responsabbli għar-riċerka oċeanografika fil-Mauritania u tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd rilevanti.

3. Dan il-Protokoll jiżgura l-prijorità tal-aċċess tal-flotot tal-Unjoni għall-istokkijiet żejda disponibbli fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania. L-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-flotot tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll, għandhom jittieħdu mill-istokkijiet żejda disponibbli bi prijorità meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd allokati lil flotot barranin oħra awtorizzati biex jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania.

4. Il-miżuri tekniċi kollha għall-konservazzjoni, l-iżvilupp u l-ġestjoni tar-riżorsi, kif ukoll l-arranġamenti finanzjarji, it-tariffi, il-kontribuzzjoni finanzjarja pubblika u imposti oħra involuti, li għalihom huwa suġġett l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd, kif speċifikat għal kull tip ta' sajd fl-Anness 1 ta' dan il-Protokoll, japplikaw għall-flotot industrijali barranin kollha li joperaw fiż-żoni tas-sajd tal-Mauritania taħt kundizzjonijiet tekniċi simili għal dawk tal-flotot tal-Unjoni.

5. Il-Mauritania tintrabat li tippubblika kull ftehim pubbliku jew privat li jippermetti l-aċċess għaż-żona tas-sajd tagħha minn bastimenti barranin, inklużi:

— l-Istati jew l-entitajiet l-oħra li jkunu partijiet kontraenti tal-ftehim;

— il-perjodu jew il-perjodi li jkopri l-ftehim;

— l-għadd ta' bastimenti awtorizzati u t-tipi ta' rkaptu permessi;

— l-ispeċijiet jew l-istokkijiet li jistgħu jiġu mistada, fosthom kull limitu li jista' jkun hemm fuq il-qabdiet;

— il-miżuri ta' rappurtar, monitoraġġ, kontroll u sorveljanza meħtieġa;

— kopja tal-ftehim bil-miktub.

6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 4 u 5, kull sena, il-Mauritania għandha tibgħat lill-Unjoni rapport dettaljat li jispeċifika l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal kull kategorija tas-sajd maħruġa lil bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi oħra, il-volumi tal-qabdiet awtorizzati korrispondenti, il-qabdiet li saru fil-prattika u l-arranġamenti finanzjarji u tekniċi għall-aċċess ta' dawk il-bastimenti għaż-żona tas-sajd tal-Mauritania. Dan ir-rapport għandu jiġi eżaminat mill-Kumitat Konġunt u jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt indipendenti previst fl-Artikolu 9.

7. Il-mudell tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 6 huwa stabbilit fl-Anness 3 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 5

Kontribuzzjoni finanzjarja

A. Kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess

1. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 20, il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali għall-aċċess imsemmi

fl-Artikolu 13(a) tal-Ftehim għandha tkun ta' EUR 57 500 000 fis-sena, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 4 u 6, u suġġetta għall-paragrafu 10.

2. Għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll, l-Unjoni għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess f'żewġ pagamenti:

a) L-ammont ta' EUR 50 000 000 għandu jitħallas mhux aktar tard minn 90 jum mid-data li fiha tibda l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll;

b) L-ammont ta' EUR 7 500 000 għandu jitħallas fi żmien sittin jum mill-validazzjoni mill-Kumitat Konġunt tal-pjan ta' ġestjoni għall-ħut pelaġiku żgħir fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania msemmi fl-Artikolu 9(9).

3. Għat-tieni sena ta' applikazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja sa mhux aktar tard mill-anniversarju tal-ewwel jum tal-applikazzjoni tal-Protokoll.

4. Mit-tielet sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll 'il quddiem, il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess għandha tiġi ffissata skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 7.

5. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess kif iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 4 għandha titħallas kollha sa mhux aktar tard mill-anniversarju tal-ewwel jum tal-applikazzjoni tal-Protokoll għas-snin ta' wara.

6. Għall-kategoriji tas-sajd 4 u 5 (bastimenti tas-sajd għat-tonn), jekk il-qabdiet li jsiru mill-bastimenti tas-sajd għat-tonn tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania jaqbżu t-tunnellaġġ ta' referenza ddefinit għal kull waħda minn dawn il-kategoriji fl-Appendiċi 2, l-Unjoni għandha tħallas, minbarra l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafi 1 sa 3, l-ammont ta' EUR 45 għal kull tunnellata addizzjonali maqbuda, mingħajr preġudizzju għall-ammont tat-tariffa li għandha titħallas mis-sidien tal-bastimenti kif indikat fl-iskedi informattivi rilevanti kkonċernati. Madankollu, l-ammont imħallas mill-Unjoni għall-eċċess ma għandux jaqbeż ammont li jikkorrispondi għad-doppju tat-tunnellaġġ ta' referenza korrispondenti. Meta l-kwantitajiet maqbuda mill-bastimenti tal-Unjoni jaqbżu d-doppju tat-tunnellaġġ ta' referenza korrispondenti, l-ammont dovut għall-kwantità li taqbeż dak il-limitu għandu jitħallas is-sena ta' wara.

7. It-tariffi li għandhom jitħallsu mis-sidien tal-bastimenti huma stabbiliti fl-Anness 1 u l-iskedi informattivi fl-Appendiċi 2 ta' dan il-Protokoll. Dawn għandhom jitħallsu

mis-sidien tal-bastimenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness 1 u l-Appendiċi 2.

8. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess imsemmija fis-subparagrafi preċedenti għandha titħallas lit-Teżor tal-Istat tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania. Dan jiddaħħal fil-baġit tal-Istat u huwa suġġett għar-regoli u l-proċeduri tal-ġestjoni finanzjarja pubblika tal-Mauritania.

9. L-awtoritajiet tal-Mauritania għandhom jikkomunikaw kull sena lill-Unjoni d-dettalji tal-kontijiet bankarji msemmija fil-paragrafu 7 fit-tliet xhur ta' qabel id-data prevista tal-ħlas.

10. L-awtoritajiet tal-Mauritania huma unikament responsabbli għall-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafi preċedenti.

11. Dan l-Artikolu għandu japplika suġġett għall-Artikoli 7, 9, 10, 11 u 13 ta' dan il-Protokoll.

B. Kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali

12. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 20, il-kontribuzzjoni finanzjarja globali mogħtija mill-Unjoni bħala appoġġ settorjali, kif imsemmi fl-Artikolu 13(2)(b) tal-Ftehim, għandha tkun ta': EUR 16 500 000. It-tqassim annwali ta' dan l-ammont għandu jiġi deċiż mill-Kumitat Konġunt skont il-proċeduri previsti fl-Artikolu 8 u fl-Anness 2.

13. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi allokata b'mod konġunt mill-Mauritania u mill-Unjoni f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 8 u fl-Anness 2 ta' dan il-Protokoll.

14. Il-ħlas mill-Unjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 12 għandu jsir f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 8 u fl-Anness 2.

15. L-awtoritajiet tal-Mauritania għandhom jikkomunikaw kull sena lill-Unjoni d-dettalji tal-kontijiet bankarji msemmija fl-Artikolu 8(12) fit-tliet xhur ta' qabel id-data prevista tal-ħlas.

16. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiddaħħal fil-baġit tal-Istat u hija suġġetta għar-regoli u l-proċeduri tal-ġestjoni finanzjarja pubblika tal-Mauritania. Din għandha tqis il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari l-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività, filwaqt li jiġu rrispettati b'mod partikolari l-prinċipji tat-trasparenza, il-proporzjonalità, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali.

17. L-azzjonijiet u l-proġetti ffinanzjati mill-appoġġ settorjali jistgħu jiġu awditjati mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u investigati mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.

18. Il-paragrafu 12 ta' dan l-Artikolu japplika suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 13, 14, 15, 21 u 23 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 6

Monitoraġġ tal-qabdiet totali permissibbli u t-tunnellaġġ ta' referenza

1. Il-qabdiet totali permissibbli (il-kategoriji 1, 2, 2a, 3, 6, 7 u 8) u t-tunnellaġġ ta' referenza (il-kategoriji 4 u 5) huma ddefiniti fl-iskedi informattivi fl-Anness 1 ta' dan il-Protokoll. Dawn huma stabbiliti għal sena kalendarja, jiġifieri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena kkonċernata. Meta l-ewwel perjodu u l-aħħar perjodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll ma jkunux jikkorrispondu għal sena kalendarja, il-qabdiet totali permissibbli għandhom jiġu stabbiliti *pro rata temporis* filwaqt li jitqiesu, għal kull kategorija tas-sajd, ix-xejriet tat-tqassim tal-qabdiet matul is-sena.

2. Bl-eċċezzjoni tal-kategoriji 4 u 5, il-kategoriji tat-tonn, li għalihom japplikaw it-tunnellaġġ ta' referenza u d-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-qabda totali permissibbli tal-kategorija 6, il-qabdiet totali li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania ma jistgħux jaqbżu l-qabdiet totali permissibbli. F'każ li dan l-ammont jinqabeż, japplikaw ir-regoli dwar it-tnaqqis tal-kwoti applikabbli skont ir-regoli tal-Unjoni.

3. Skont il-paragrafu 2, il-Mauritania u l-Unjoni għandhom jiżguraw b'mod konġunt il-monitoraġġ tal-attività tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania sabiex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-qabdiet totali permissibbli msemmija hawn fuq. Matul dan il-monitoraġġ, il-Mauritania u l-Unjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin malli l-livell tal-qabdiet mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni preżenti fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania jilħaq it-80 % tal-qabdiet totali permissibbli fil-kategorija tas-sajd korrispondenti. L-Unjoni mbagħad għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan.

4. Ladarba l-qabdiet jilħqu t-80 % tal-qabdiet totali permissibbli korrispondenti, il-Mauritania u l-Unjoni għandhom jimmonitorjaw il-qabdiet li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fuq bażi ta' kuljum. Il-Mauritania u l-Unjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin malli tintlaħaq il-qabda totali permissibbli korrispondenti. L-Unjoni mbagħad għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan bil-ħsieb li jitwaqqfu l-attivitajiet tas-sajd.

Artikolu 7

Reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, l-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll jistgħu jiġu riveduti mill-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Artikolu 14(3)(a) tal-Ftehim dwar is-

Sajd u l-Artikolu 11 ta' dan il-Protokoll bi qbil reċiproku u sakemm tali reviżjoni tirrispetta s-sostenibbiltà tar-riżorsi fiż-żona tas-sajd. Din ir-reviżjoni tista' tikkonċerna l-għadd ta' bastimenti tal-Unjoni, l-ispeċijiet fil-mira jew il-kwoti allokati skont l-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll għal kull kategorija, b'kunsiderazzjoni tal-attivitajiet reali tal-flotta Ewropea fiż-żona tas-sajd u għandha twassal għal aġġustament tal-kontribuzzjoni finanzjarja korrispondenti.

2. Skont il-paragrafu 1, u mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem it-tieni sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq l-ewwel evalwazzjoni tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fiż-żona tas-sajd.

3. Madankollu, wara r-reviżjoni msemmija fil-paragrafu 1, ma għandu jkun hemm l-ebda żieda fl-opportunitajiet tas-sajd li twassal għal żieda bid-doppju jew aktar tal-kumpens finanzjarju mħallas mill-Unjoni msemmi fl-Artikolu 5(1).

Artikolu 8

Appoġġ settorjali

1. L-appoġġ settorjali msemmi fl-Artikolu 13(2)(c) tal-Ftehim dwar is-Sajd u fl-Artikolu 5(2)(b) ta' dan il-Protokoll għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd definita mir-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania.

2. Dan l-appoġġ finanzjarju għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sajd sostenibbli fir-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, b'mod separat mill-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd tal-Mauritania. Huwa jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd, minn naħa waħda, u dwar il-protezzjoni tal-ambjent, taż-żoni kostali u taż-żoni marini protetti, min-naħa l-oħra.

3. Il-Kumitat Konġunt, mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, għandu jadotta programm settorjali pluriennali u regoli ta' implimentazzjoni dettaljati li jkopru b'mod partikolari:

a) il-linji gwida annwali u pluriennali dwar l-użu tal-ammont speċifiku tal-appoġġ settorjali skont l-Artikolu 13(5) tal-Ftehim dwar is-Sajd;

b) l-objettivi annwali u pluriennali li jridu jintlaħqu sabiex jiġu żviluppati attivitajiet tas-sajd sostenibbli, b'kunsiderazzjoni tal-prijoritajiet espressi mill-awtoritajiet tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania fil-politika settorjali nazzjonali;

c) il-kriterji, ir-rapporti u l-proċeduri, inklużi l-indikaturi baġitarji u finanzjarji u l-metodi ta' kontroll u ta' awditjar li għandhom jintużaw biex jiġu vvalutati r-riżultati miksuba, fuq bażi annwali.

4. Kull emenda f'dawn il-linji gwida, l-għanijiet, il-kriterji u l-indikaturi għandha tiġi approvata mill-Partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

5. L-awtoritajiet tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għandhom jibagħtu rapport annwali dwar il-progress li sar fil-proġetti implimentati fil-qafas tal-appoġġ settorjali, li għandu jiġi eżaminat mill-Kumitat Konġunt. L-istruttura ta' dan ir-rapport hija ppreżentata fl-Anness 2.

6. Qabel ma jiskadi dan il-Protokoll, l-awtoritajiet tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għandhom jibagħtu rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali previst f'dan il-Protokoll.

7. Jekk ikun meħtieġ, il-Partijiet għandhom ikomplu jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali sa mhux aktar minn sitt xhur wara l-iskadenza, is-sospensjoni jew it-terminazzjoni ta' dan il-Protokoll kif previst fil-Protokoll. Madankollu, kwalunkwe azzjoni jew proġett ivvalidati minn qabel mill-Kumitat Konġunt għandhom jiġu kkunsidrati għal estensjoni possibbli tal-monitoraġġ tal-appoġġ settorjali għal dik l-azzjoni jew għal dak il-proġett għal perjodu addizzjonali ta' mhux aktar minn sitt (6) xhur.

8. L-appoġġ settorjali għandu jiġi implimentat bl-appoġġ ta' ċellula ta' koordinazzjoni, responsabbli mis-segwitu tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt, li l-kompiti tiegħu huma speċifikati fl-Anness 2. Azzjonijiet ta' appoġġ għall-ħidma ta' din iċ-ċellula ta' koordinazzjoni jistgħu jiġu identifikati wara deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt u dawn jistgħu jiġu ffinanzjati, fejn xieraq, permezz ta' pakkett speċifiku għall-appoġġ settorjali.

9. L-appoġġ finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 huwa maħsub għal azzjonijiet u proġetti speċifiċi identifikati b'mod konġunt. Ma jistax jintuża biex ikopri l-kostijiet operazzjonali tal-benefiċjarji, minbarra, fejn xieraq, il-pakkett imsemmi fil-paragrafu 8 għall-azzjonijiet li jappoġġjaw iċ-ċellula ta' koordinazzjoni.

10. Il-Partijiet għandhom ifasslu pjan ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà b'konnessjoni mal-Ftehim dwar is-Sajd. Dan il-pjan għandu jiġi approvat fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

11. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 13(2)(c) tal-Ftehim, relatata mal-appoġġ settorjali, għandu jsir:

a) għall-ewwel sena, mhux aktar tard minn xahrejn wara l-approvazzjoni mill-Kumitat Konġunt tal-programmazzjoni annwali u pluriennali prevista fl-Artikolu 8(3) ta' dan il-Protokoll;

b) għas-snin sussegwenti, mhux aktar tard minn xahrejn wara li l-Kumitat Konġunt ikun approva l-kisbiet tas-sena ta' qabel u l-programmazzjoni annwali prevista għas-sena finanzjarja ta' wara.

12. Il-fondi ta’ appoġġ settorjali għandhom jitħallsu mill-Unjoni Ewropea f’kont tat-Teżor Pubbliku mal-Bank Ċentrali tal-Mauritania, li għandu jittrasferihom malajr kemm jista’ jkun fil-kont ta’ allokazzjoni speċjali miftuħ fil-Bank Ċentrali tal-Mauritania għall-Ministeru tas-Sajd u tal-Ekonomija Marittima (MSEM) u li għandu jintuża biss għall-appoġġ settorjali. L-awtoritajiet tal-Mauritania għandhom jikkomunikaw id-dettalji bankarji ta’ dan il-kont lill-Unjoni Ewropea malli l-Protokoll jidħol fis-seħħ.

13. L-Unjoni Ewropea għandha tittrasferixxi l-appoġġ finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 f’pagamenti annwali. Id-Deċiżjoni dwar l-iżborż tal-pagamenti parzjali għandha ssir abbażi tal-livelli ta’ implimentazzjoni vvalutati fil-Kumitat Konġunt, f’konformità mal-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 15(1)(b) tal-Ftehim, u suġġett għall-preżentazzjoni tar-rapport ta’ progress annwali msemmi fil-paragrafu 5 u l-organizzazzjoni tas-sessjoni ta’ ħidma annwali msemmija fil-paragrafu 14. L-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni se jiġu ddefiniti f’konformità mal-paragrafi 3 u 4 ta’ dan l-Artikolu u l-Anness 2 ta’ dan il-Protokoll. Jekk ikun meħtieġ, il-Kumitat Konġunt jista’ jispeċifika aktar dawn l-arranġamenti jew jirrevedihom.

14. Il-benefiċjarji tal-appoġġ settorjali għandhom jiġu mistiedna miż-żewġ Partijiet, darba fis-sena, biex jieħdu sehem f’sessjoni ta’ ħidma dwar il-preżentazzjoni u l-programmazzjoni ta’ azzjonijiet iffinanzjati mill-appoġġ settorjali.

15. Minbarra l-pakkett imsemmi fil-paragrafu 8, iddedikat għal azzjonijiet ta’ appoġġ għall-ħidma taċ-ċellula ta’ koordinazzjoni, l-appoġġ finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 jista’ jitħallas biss meta l-ammonti mħallsa mill-Unjoni Ewropea taħt l-appoġġ settorjali 2015-2019, 2019-2020 u 2020-2021 ikunu ġew trasferiti kompletament fil-kont ta’ allokazzjoni speċjali msemmi fil-paragrafu 12 u dawn kollha jkunu ġew suġġetti għal impenji finanzjarji f’konformità mal-ipprogrammar konġunt applikabbli.

Artikolu 9

Kooperazzjoni xjentifika għal sajd sostenibbli

1. Iż-żewġ partijiet jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania fuq il-bażi tal-prinċipji tal-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u tal-ekosistemi tal-baħar.

2. F’konformità mal-Artikoli 3 u 8 tal-Ftehim, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jiżguraw, fuq bażi regolari jew fejn meħtieġ, li jorganizzaw laqgħat xjentifiċi bil-għan li jiġu eżaminati kwistjonijiet xjentifiċi u, jekk ikun meħtieġ, jiġi stmat il-valur tal-qabdiet fl-ewwel bejgħ fil-post tal-ħatt jew tas-swieq tad-destinazzjoni, fuq talba tal-Kumitat Konġunt.

3. Sakemm idum japplika dan il-Protokoll, iż-żewġ Partijiet se jikkooperaw biex jissorveljaw il-bidla fl-istat tar-riżorsi u tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania. Għal dan il-għan, għandha ssir laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt indipendenti mill-inqas darba fis-sena, darba fil-Mauritania u darba fl-Unjoni.

4. Waqt l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Xjentifiku Konġunt indipendenti għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom jiġu approvati mill-Kumitat Konġunt.

5. Minbarra l-Artikolu 8(1) u (3) tal-Ftehim, il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Xjentifiku Konġunt indipendenti tista' tiġi estiża, fejn meħtieġ, għal esperti mill-Istituti xjentifiċi tal-Istati Membri u ta' partijiet terzi, kif ukoll għal osservaturi, rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati jew rappreżentanti ta' korpi reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, bħas-CECAF (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant).

6. Il-mandat tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt indipendenti għandu jkopri b'mod partikolari l-attivitajiet li ġejjin:

a) it-tħejjija ta' rapport xjentifiku annwali dwar is-sajd kopert minn dan il-Protokoll u l-valutazzjonijiet tal-istokkijiet korrispondenti. Fit-tfassil tar-rapport tiegħu, il-Kumitat Xjentifiku Konġunt indipendenti għandu jqis bis-sħiħ l-informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-flotot nazzjonali tal-Mauritania u tal-flotot barranin l-oħra, kif ukoll il-miżuri u l-pjanijiet ta' ġestjoni adottati mill-Mauritania;

b) l-identifikazzjoni u l-proposta lill-Kumitat Konġunt tal-implimentazzjoni ta' programmi jew azzjonijiet biex jitjieb il-fehim tad-dinamika tas-sajd, tal-istat tar-riżorsi u tal-evoluzzjoni tal-ekosistemi tal-baħar;

c) l-analiżi ta' kwistjonijiet xjentifiċi li jqumu matul l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll u, jekk ikun meħtieġ wara riferiment lill-Kumitat Konġunt, il-formalizzazzjoni ta' opinjoni xjentifika, skont proċedura approvata b'kunsens fi ħdan il-Kumitat;

d) il-ġbir u l-analiżi tad-*data* dwar l-isforzi, il-qabdiet u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kull segment tal-flotot tas-sajd nazzjonali, tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni attivi fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania dwar ir-riżorsi u s-sajd suġġetti għal dan il-Protokoll;

e) it-tfassil u l-programmazzjoni tal-implimentazzjoni ta' kampanji annwali ta' valutazzjoni tal-istokkijiet, inklużi kampanji xjentifiċi konġunti, sabiex jiġu ddeterminati l-eċċessi, l-opportunitajiet tas-sajd u l-għażliet ta' sfruttament li jiżguraw il-konservazzjoni tar-riżorsi u l-ekosistema tagħhom;

f) il-formulazzjoni, fuq inizjattiva proprja jew b'reazzjoni għal talba mill-Kumitat Konġunt jew minn waħda mill-Partijiet, tal-opinjonijiet xjentifiċi kollha dwar l-għanijiet, l-istrateġiji u l-miżuri ta' ġestjoni meqjusa li huma meħtieġa għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet u s-sajd, suġġetti għal dan il-Protokoll;

g) il-proposta, fejn meħtieġ, ta' programm għar-reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Kumitat Konġunt, skont l-Artikolu 7 ta' dan il-Protokoll.

7. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 2, 3 u 6 u b'żieda mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(6), kull sena l-Mauritania għandha tibgħat lill-Kumitat Xjentifiku Konġunt indipendenti u lill-Unjoni rapport dettaljat li jispeċifika, għal kull kategorija tas-sajd, l-għadd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Mauritania awtorizzati li jistadu, il-qabdiet korrispondenti awtorizzati, il-qabdiet li jinqabdu fil-prattika u l-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-miżuri tal-ġestjoni tas-sajd adottati u implimentati mill-Mauritania.

8. Il-bastimenti tas-sajd għat-tonn għandhom iħarsu r-rakkomandazzjonijiet kollha adottati mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT).

9. Sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni tal-Protokoll, il-Mauritania għandha tadotta pjan għall-ġestjoni sostenibbli tas-sajd għal ħut pelaġiku żgħir, applikabbli għall-flotot kollha li joperaw fl-ilmijiet tal-Mauritania. Dak il-pjan għandu jiġi mgħarraf lill-Unjoni sa mhux aktar tard minn xahar qabel id-data tal-applikazzjoni tiegħu. Dan jista' jkun suġġett għal evalwazzjoni mill-Kumitat Xjentifiku Konġunt, fejn xieraq.

Artikolu 10

Is-sajd għal finijiet xjentifiċi, is-sajd għal finijiet sperimentali u opportunitajiet ġodda tas-sajd

1. Is-sajd għal finijiet xjentifiċi

1.1. Il-Kumitat Konġunt jista' jawtorizza kampanji xjentifiċi maħsuba biex jiġbru *data* u informazzjoni dwar ir-riżorsi ħajjin u l-ekosistemi tal-baħar li jinvolvu l-bastimenti tal-Unjoni u/jew tal-Mauritania, abbażi ta' opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt indipendenti. Dawn il-kampanji jridu jitwettqu taħt ir-responsabbiltà konġunta tal-istituti tar-riċerka xjentifika Ewropej u tal-Mauritania.

1.2. L-arranġamenti għall-armar u n-noleġġ tal-bastimenti tal-Unjoni u/jew tal-Mauritania għandhom jiġu stabbiliti miż-żewġ partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt għal kull waħda minn dawn il-kampanji.

1.3. Ir-riżultati ta' dawn il-kampanji għandhom jintużaw biex itejbu l-valutazzjoni tal-istokkijiet u biex ikunu jistgħu jiġu adottati miżuri ta' ġestjoni adattati.

1.4. Għall-kategorija 8 (ċefalopodi), ir-riżultati tal-programm xjentifiku u/jew l-evalwazzjonijiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 9 jistgħu jwasslu għal reviżjoni

tal-limitu tal-qbid u tal-miżuri ta' konservazzjoni applikabbli għall-bastimenti tal-Unjoni.

2. Is-sajd għal finijiet sperimentali

2.1. F'każ li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jkunu interessati f'attivitajiet tas-sajd li mhumiex previsti fl-Artikolu 3, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt dwar l-awtorizzazzjoni possibbli ta' dawn l-attivitajiet il-ġodda skont l-Artikolu 5(2) tal-Ftehim. Fejn ikun meħtieġ, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-kundizzjonijiet applikabbli għal dawn l-opportunitajiet il-ġodda tas-sajd u, jekk ikun meħtieġ, jemenda l-Protokoll u l-Anness tiegħu f'konformità mal-Artikolu 7 tal-Protokoll.

2.2. L-awtorizzazzjoni għat-twettiq tal-attivitajiet tas-sajd prevista fil-paragrafu 2.1 għandha tinħareġ wara li jitqiesu l-aqwa opinjonijiet xjentifiċi disponibbli fil-livell nazzjonali u reġjonali u, fejn ikun xieraq, abbażi tar-riżultati tal-kampanji xjentifiċi vvalidati mill-Kumitat Xjentifiku Konġunt indipendenti.

2.3. Wara l-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.1, il-Kumitat Konġunt jista' jawtorizza kampanji tas-sajd sperimentali fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania sabiex jiġu ttestjati l-fattibbiltà teknika u l-vijabbiltà ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd il-ġodda. Għal dan il-għan, għandu jiddetermina, fuq bażi ta' każ b'każ, l-ispeċijiet, il-kundizzjonijiet u kull parametru xieraq ieħor, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu XI tal-Anness 1 ta' dan il-Protokoll. Il-Partijiet għandhom iwettqu s-sajd sperimentali skont il-kundizzjonijiet li jkun stabbilixxa l-Kumitat Xjentifiku Konġunt indipendenti.

Artikolu 11

Kumitat Konġunt

1. Flimkien mal-kompiti li l-Kumitat Konġunt ingħata f'konformità mal-Artikolu 14 tal-Ftehim, dan ingħata wkoll is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' emendi għal dan il-Protokoll, l-Annessi u l-Appendiċijiet li għandhom x'jaqsmu ma':

a) ir-reviżjoni, fejn xieraq, tal-opportunitajiet tas-sajd u, konsegwentement, tal-kontribuzzjoni finanzjarja relatata;

b) l-arranġamenti għall-appoġġ settorjali kif previst fl-Artikolu 8 u fl-Anness 2;

c) il-kundizzjonijiet li fihom il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jistadu.

2. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1(a), il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tiġi aġġustata b'mod proporzjonat u *pro rata temporis*.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi dwar l-emendi li jsiru fil-Protokoll, fl-Annessi u fl-Appendiċijiet f'konformità mal-paragrafu 1. Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jgħarrfu lil xulxin rispettivament li lestew il-proċeduri meħtieġa biex jadottaw din id-deċiżjoni.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq il-kompiti tiegħu f'konformità mal-għanijiet tal-Ftehim u skont ir-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd.

5. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandha ssir sa mhux iktar tard minn tliet (3) xhur wara l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 12

Kooperazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi

Il-Partijiet għandhom, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ, jinkoraġġixxu l-kuntatti u jikkontribwixxu għall-kooperazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, inkluż b'rabta mal-appoġġ settorjali msemmi fl-Artikolu 8, fl-oqsma li ġejjin:

a) l-iżvilupp taż-Żona Ħielsa ta' Nouadhibou jew żoni oħra meqjusa xierqa;

b) l-iżvilupp ta' żoni marini protetti (il-parks nazzjonali Banc d'Arguin u Diawling);

c) il-ġestjoni tal-portijiet;

d) l-iżvilupp ta' industriji tas-sajd maħsub għall-konsum mill-bniedem;

e) il-bini u t-tiswija tal-bastimenti u l-manifattura ta' materjali u rkaptu tas-sajd;

f) l-iżvilupp ta' skambji mmirati lejn it-titjib tat-taħriġ vokazzjonali b'mod partikolari fis-settur tas-sajd, il-ġestjoni tas-sajd, l-akkwakultura u s-sajd fl-ilmijiet interni, it-tarzni u s-sorveljanza marittima u l-kontroll tas-sajd;

g) il-kummerċjalizzazzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd;

h) l-akkwakultura u l-ekonomija blu.

Artikolu 13

Terminazzjoni minħabba tnaqqis tal-użu tal-opportunitajiet ta' sajd

Jekk ikun hemm tnaqqis fil-livell ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd, l-Unjoni għandha tgħarraf lill-Mauritania permezz ta' ittra bl-intenzjoni tagħha li ttemm il-Protokoll. Din it-terminazzjoni għandha sseħħ fi żmien erba' (4) xhur wara n-notifika. Dan l-

Artikolu jista' jiġi attivat meta ma jintlaħaqx ftehim dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u l-aġġustament tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7.

Artikolu 14

Sospensjoni

L-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll tista' tiġi sospiża fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Ftehim dwar is-Sajd.

Artikolu 15

Sospensjoni u reviżjoni tal-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja u tal-appoġġ settorjali

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 13 tal-Ftehim tista' tiġi riveduta jew sospiża jekk tiġi ssodisfata waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) ċirkostanzi anormali, minbarra fenomenu naturali, li jipprevjenu l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania;

b) tibdil sinifikanti fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tas-sajd ta' waħda mill-Partijiet li jaffettwa d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll;

c) f'każ li jiġu skattati l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni previsti fl-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou jew tal-Ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati tal-AKP li se jieħu post il-Ftehim ta' Cotonou fid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu jew tad-dħul fis-seħħ tiegħu relatat ma' ksur ta' elementi essenzjali u fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem kif definiti fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou.

2. L-Unjoni tista' tirrevedi jew tissospendi, parzjalment jew totalment, il-ħlas tal-appoġġ settorjali previst fl-Artikolu 8 ta' dan il-Protokoll meta jinstabu l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(b) u (c), f'każ ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali jew meta r-riżultati miksuba ma jkunux konsistenti mal-programmazzjoni, wara evalwazzjoni mwettqa mill-Kumitat Konġunt.

3. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 5 għandu jerġa' jibda wara konsultazzjoni u ftehim bejn iż-żewġ partijiet ladarba terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni ta' qabel l-avvenimenti msemmija fil-paragrafu 1 u/jew meta r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju msemmi fil-paragrafu 2 jiġġustifikaw dan. Madankollu, il-ħlas tal-appoġġ finanzjarju previst fl-Artikolu 8 ma jistax jinbeda wara perjodu ta' sitt (6) xhur minn meta jiskadi dan il-Protokoll.

Artikolu 16

Skambju elettroniku tad-*data*

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' monitoraġġ u skambju elettroniku tal-informazzjoni u d-dokumenti kollha relatati mal-ġestjoni teknika ta' dan il-Protokoll relatati mal-attività tal-flotta tal-Unjoni, kif spjegat fid-dettall fl-Anness 1.

2. Il-verżjoni elettronika ta' dokument f'kull każ għandha titqies li hija ekwivalenti għall-verżjoni stampata tiegħu.

3. Il-Mauritania u l-Unjoni għandhom jgħarrfu lil xulxin mingħajr dewmien b'kull funzjonament ħażin tas-sistema elettronika. L-informazzjoni u d-dokumenti relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim imbagħad jiġu sostitwiti b'mod awtomatiku mill-verżjoni stampata tagħhom kif definit fl-Anness 1.

Artikolu 17

Kunfidenzjalità

1. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw li kull *data* kummerċjalment sensittiva u personali relatata mal-bastimenti tal-Unjoni u mal-attivitajiet tas-sajd tagħhom miksuba fil-qafas tal-Ftehim dwar is-Sajd, inkluża d-*data* miġbura mill-osservaturi, tiġi pproċessata f'konformità mal-prinċipji tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-*data*.

2. Id-*data* għandha tintuża mill-awtoritajiet kompetenti eżklużivament għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd u b'mod partikolari għall-finijiet tal-ġestjoni, ir-riċerka xjentifika u l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza (MKS) tas-sajd.

3. Għall-implimentazzjoni xierqa tal-Protokoll, se jiġu pproċessati diversi kategoriji ta' *data* personali:

a) id-*data* ta' identifikazzjoni u ta' kuntatt;

b) l-attivitajiet ta' bastiment jew dawk relatati ma' bastiment, il-pożizzjoni u l-movimenti tiegħu, l-attività tas-sajd tiegħu jew attività relatata mas-sajd;

c) id-*data* dwar is-sidien u l-operaturi tal-bastimenti (il-kariga jew il-grad), il-kaptani u l-membri tal-ekwipaġġ;

d) id-*data* l-oħra kollha relatata mal-għanijiet tal-Ftehim.

4. Id-*data* personali ma għandhiex tinżamm lil hinn miż-żmien meħtieġ għall-fini li għalih tkun ġiet skambjata, sa massimu ta' 10 snin ħlief jekk id-*data* personali tkun meħtieġa għas-segwitu ta' ksur, spezzjoni jew proċedimenti ġudizzjarji jew

amministrattivi. F'każijiet bħal dawn, id-*data* personali tista' tinżamm għal 20 sena. Jekk id-*data* personali tinħażen għal perjodu itwal, din għandha tiġi anonimizzata.

5. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li jippubblikaw biss id-*data* aggregata relatata mal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd.

6. Il-Kummissjoni Ewropea jew l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment, għall-Unjoni, u l-Ministeru, għall-Mauritania, huma l-awtoritajiet responsabbli għall-ipproċessar tad-*data*.

7. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi s-salvagwardji xierqa u r-rimedji legali.

Artikolu 18

In-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet u l-obbligi tal-Protokoll

F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u l-leġiżlazzjoni fis-seħħ fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania, l-awtoritajiet tal-Mauritania jirriżervaw id-dritt li japplikaw is-sanzjonijiet previsti fl-Anness ta' dan il-Protokoll f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u tal-obbligi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tiegħu.

Artikolu 19

Applikazzjoni provviżorja

Dan il-Protokoll jista' jiġi applikat b'mod provviżorju bi ftehim reċiproku notifikat permezz ta' skambju ta' notifiki bejn il-Partijiet mid-data tal-iffirmar awtorizzata mill-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 20

Durata

Minkejja l-Artikolu 19 tal-Ftehim, dan il-Protokoll għandu japplika għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu jew, fejn xieraq, mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

Artikolu 21

Terminazzjoni

Dan il-Protokoll jista' jintemm fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar is-Sajd.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-partijiet jgħarrfu lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

Artikolu 23

Reviżjoni

Dan il-Protokoll jista' jiġi rivedut fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 tal-Ftehim dwar is-Sajd.

It-Tabella tal-kategoriji tas-sajd imsemijja fl-Artikolu 3(1)

Kategoriji tas-sajd		**Qabdiet totali permissibbli u tunnellaġġ ta' referenza**
1	Bastimenti tas-sajd li jistadu għall-krustaċji ħlief għall-awwista u l-granċ	5,000 tunnellata
2	Bastimenti tat-tkarkir (mingħajr friża) u bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ għall-merluzz iswed	6,000 tunnellata
2a	Bastimenti tat-tkarkir (mgħammra bi friża) għall-merluzz iswed	Merluzz iswed: 3 500 tunnellata Klamari: 1 450 tunnellata Siċċ: 600 tunnellata
3	Bastimenti tas-sajd għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ minbarra l-merluzz l-iswed, b'irkaptu ieħor mhux bix-xbieki tat-tkarkir	3 000 tunnellata
4	Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni	14 000 tunnellata (tunnellaġġ ta' referenza)
5	Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasba u bastimenti tas-sajd bil-konz	7 000 tunnellata (tunnellaġġ ta' referenza)
6	Bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku	225 000 tunnellata *
7	Bastimenti tas-sajd mingħajr friża għall-ħut pelaġiku	15 000 tunnellata **
8	Ċefalopodi	[pm] tunnellati
* B'eċċess awtorizzat ta' 10 % mingħajr impatt fuq il-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa mill-Unjoni għall-aċċess		

Jekk jintużaw dawn l-opportunitajiet tas-sajd, dawn għandhom jitnaqqsu mill-qabdiet totali permissibbli previsti fil-kategorija 6.
Abbażi tal-opinjonijiet xjentifiċi disponibbli, iż-żewġ partijiet jistgħu jiftiehmu fil-Kumitat Konġunt dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża li jintużaw għas-sajd għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ li jkun ġie identifikat eċċess tagħhom.

ANNESS 1

IL-KUNDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD MILL-BASTIMENTI TAL-UNJONI EWROPEA FIŻ-ŻONA TAS-SAJD TAL-MAURITANIA

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Ħatra tal-awtorità kompetenti

Għall-finijiet ta' dan l-Anness u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, kull referenza għall-Unjoni Ewropea jew għall-Mauritania bħala l-awtorità kompetenti tfisser:

– Għall-Unjoni Ewropea : il-Kummissjoni Ewropea, fejn xieraq permezz tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'Nouakchott (punt fokali), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Unjoni";

– Għall-Mauritania : il-Ministeru tas-Sajd u l-Ekonomija Marittima (MSEM), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ministeru"

2. Żona tas-sajd tal-Mauritania

Il-koordinati taż-żona tas-sajd tal-Mauritania huma speċifikati fl-Appendiċi 1. Il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-limiti stabbiliti għal kull kategorija fl-iskedi informattivi stipulati fl-Appendiċi 2.

3. Identifikazzjoni tal-bastimenti

3.1. Il-marki ta' identifikazzjoni ta' kull bastiment tal-Unjoni jridu jikkonformaw mar-regoli rilevanti tal-Unjoni. Dawn ir-regoli jridu jiġu mgħarrfa lill-Ministeru qabel ma l-Protokoll jiġi applikat b'mod provviżorju. Kull modifika tagħhom trid tiġi mgħarrfa lill-Ministeru tal-anqas xahar qabel id-dħul fis-seħħ tagħha.

3.2. Kull bastiment li jaħbi l-marki, l-isem jew ir-reġistrazzjoni tiegħu għandu jiġi ppenalizzat bis-sanzjonijiet previsti fil-liġijiet tal-Mauritania li jkunu fis-seħħ.

4. Kontijiet bankarji

L-ammonti finanzjarji dovuti mill-bastimenti tal-Unjoni għandhom jitħallsu lit-Teżor Pubbliku tal-Mauritania f'kontijiet miftuħa għal dan il-għan mat-Teżor Ġenerali tal-Mauritania.

Qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, il-Mauritania għandha tikkomunika lill-Unjoni d-dettalji tal-kont(ijiet) bankarju/i (il-kodiċi BIC u l-IBAN) li fih(om) għandhom jitħallsu l-ammonti finanzjarji dovuti mill-bastimenti tal-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-Protokoll. Il-kostijiet marbutin mat-trasferimenti bankarji huma dovuti minn sidien il-bastimenti.

5. Modalitajiet ta' ħlas

Il-ħlasijiet għandhom isiru f'euro kif ġej:

— għat-tariffi: permezz ta' trasferiment f'wieħed mill-kontijiet bankarji msemmijin fil-paragrafu 4, lit-Teżor tal-Mauritania.

— għal spejjeż relatati mat-taxxa parafiskali msemmija fil-Kapitolu III, il-paragrafu 3: permezz ta' trasferiment f'wieħed mill-kontijiet bankarji msemmijin fil-paragrafu 4, lill-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania;

— għall-multi: permezz ta' trasferiment f'wieħed mill-kontijiet bankarji msemmijin fil-paragrafu 4, lit-Teżor tal-Mauritania.

6. Ħatra ta' kustodju

Il-bastimenti kollha tal-Unjoni li joperaw skont il-Ftehim jeħtiġilhom ikunu rrappreżentati minn kustodju residenti fil-Mauritania.

KAPITOLU II

LIĊENZJI

Iż-żewġ Partijiet għandhom jiftiehmu sabiex jippromwovu l-ħolqien ta' sistema ta' liċenzji elettronika.

1. Applikazzjonijiet għall-ħruġ tal-liċenzji

1.1. L-Unjoni għandha tippreżenta b'mod elettroniku lill-Ministeru l-applikazzjonijiet għall-ħruġ tal-liċenzji fil-limiti stabbiliti fl-iskedi informattivi tal-Protokoll.

1.2. Din it-trażmissjoni għandha ssir 20 (għoxrin) jum kalendarju qabel il-bidu tal-perjodu tal-validità tal-liċenzji li għalihom tkun saret l-applikazzjoni.

1.3. L-Unjoni tista' wkoll tibgħat b'mod elettroniku l-listi ta' bastimenti tal-Ministeru għoxrin (20) jum kalendarju qabel ma jibda l-perjodu ta' validità tal-liċenzji li għalihom tkun saret l-applikazzjoni.

1.4. Il-listi għandhom jindikaw għal kull kategorija tas-sajd:

a) l-għadd ta' bastimenti;

b) għal kull bastiment, il-karatteristiċi tekniċi ewlenin previsti fl-Appendiċi 3, kif stabbiliti fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni;

c) l-irkaptu tas-sajd ;

d) l-ammont ta' pagamenti dovuti, imqassam skont l-intestatura ;

e) l-għadd ta' baħħara mill-Mauritania li għandhom jittellgħu abbord f'konformità mal-Kapitolu IX ta' dan l-Anness.

1.5. Għat-tiġdid ta' liċenzja skont dan il-Protokoll kull tliet xhur jew kull sena, għal bastiment li l-karatteristiċi tekniċi tiegħu ma jkunux inbidlu, l-applikazzjoni għat-tiġdid għandha tkun akkumpanjata biss minn prova tal-ħlas tat-tariffi u tat-taxxa parafiskali.

2. Dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni għal-liċenzja

2.1. L-Unjoni għandha tissottometti lill-Ministeru applikazzjoni għal liċenzja għal kull bastiment li tinkludi:

- l-informazzjoni stabbilita fl-Appendiċi 3,

- il-provi tal-ħlasijiet dovuti skont il-liċenzja u t-taxxa parafiskali

2.2. Meta ssir l-ewwel applikazzjoni għas-sajd fil-Mauritania, id-dokumenti li ġejjin għandhom jiġu pprovduti wkoll f'format elettroniku:

a) kopja awtentikata mill-Istat tal-bandiera taċ-ċertifikat internazzjonali tat-tunnellaġġ li jistabbilixxi t-tunnellaġġ tal-bastiment espress f'TG, iċċertifikat minn organizzazzjonijiet internazzjonali rikonoxxuti;

b) ritratt riċenti bil-kulur (li jkun ittieħed fl-aħħar sena), li jkun iċċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera u li juri l-bastiment mill-ġenb fl-istat attwali tiegħu, u li fuqu jkunu jidhru wkoll isem il-bastiment u s-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment, jekk dan ikun rilevanti. Ir-ritratt li jintbagħat f'format elettroniku jrid ikollu riżoluzzjoni ta' mill-inqas 72 dpi (1 400 × 1 050 pixel). Jekk jintbagħat ritratt f'format stampat, il-qisien minimi ta' dan ir-ritratt huma ta' 15 cm × 10 cm;

c) l-informazzjoni meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Mauritania għad-dħul fir-reġistru nazzjonali tal-bastimenti tal-Mauritania. Din ir-reġistrazzjoni hija bla ħlas. L-ispezzjoni prevista fil-kuntest tar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Nazzjonali tal-Bastimenti hija purament amministrattiva.

2.3. Kwalunkwe bidla fit-tunnellaġġ ta' bastiment għandha l-obbligu għal sid il-bastiment ikkonċernat li jibgħat kopja taċ-ċertifikat internazzjonali tat-tunnellaġġ il-ġdid, espress f'TG, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn għal din l-emenda, b'mod partikolari kopja tal-applikazzjoni ppreżentata mis-sid tal-bastiment lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu, l-approvazzjoni ta' dawk l-awtoritajiet u d-dettalji tal-bidliet imwettqa. Bl-istess mod, għandu jiġi ppreżentat ritratt ġdid f'każ ta' bidla fl-istruttura jew fid-dehra esterna tal-bastiment.

3. Eliġibbiltà għas-sajd

3.1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tas-sajd għandhom jitressqu biss għall-bastimenti li għalihom ikunu tressqu d-dokumenti meħtieġa f'konformità mal-paragrafu 2.1 u, skont il-każ, il-paragrafu 2.2 ta' hawn fuq.

3.2. Il-bastimenti kollha li jixtiequ jwettqu attivitajiet tas-sajd fil-qafas ta' dan il-Protokoll għandhom jitniżżlu fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u jkunu eliġibbli għas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania. Il-bastiment ma għandux ikun imniżżel bħala bastiment li jkun wettaq IUU.

3.3. Sabiex bastiment ikun eliġibbli, sid il-bastiment, il-kaptan u l-bastiment innifsu ma għandhomx ikunu pprojbiti milli jistadu fil-Mauritania. Dawn għandhom ikunu f'qagħda regolari fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-Mauritania fis-sens li jkunu ssodisfaw l-obbligi kollha preċedenti relatati mal-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-Mauritania.

4. Ħruġ tal-liċenzji

4.1. Il-Ministeru għandu joħroġ il-liċenzji għall-bastimenti fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji mill-wasla ta' applikazzjoni kompluta u suġġett għall-konferma tal-ħlas bi rċevuta maħruġa mit-Teżor Pubbliku.

4.2. Il-kopji oriġinali tal-liċenzji għandhom ikunu disponibbli mis-servizzi kompetenti tal-Ministeru. Il-Ministeru għandu jibgħat fotokopja skennjata ta' dawn il-

kopji oriġinali b'mod elettroniku lill-Unjoni (id-Delegazzjoni tal-Unjoni u l-Kummissjoni Ewropea).

4.3. Il-liċenzji għandhom isemmu wkoll it-tul ta' żmien tal-validità tal-bastiment, il-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment, l-għadd ta' baħħara mill-Mauritania u barranin u r-referenzi għall-ħlas tat-tariffi.

4.4. Il-bastimenti liċenzjati għandhom jitniżżlu fil-lista tal-bastimenti awtorizzati li jistadu, li għandha tintbagħat minnufih u simultanjament lill-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania u lill-Unjoni.

Il-Ministeru għandu jgħarraf l-applikazzjonijiet għal-liċenzji li ma jkunux ġew milqugħa lill-Unjoni. Jekk ikun il-każ, il-Ministeru għandu jagħti kreditu fuq il-ħlasijiet li jista' jkun hemm relatati magħhom, wara li jitnaqqas il-bilanċ li jista' jkun hemm tal-multi li jkunu għadhom iridu jitħallsu.

4.5. Il-liċenzji tas-sajd għandhom jinżammu l-ħin kollu abbord il-bastiment li jkun ingħata l-liċenzja u jintwerew, waqt kull kontroll, lill-awtoritajiet li jkollhom id-dritt jitolbu dan. Bħala miżura tranżitorja, għal perjodu massimu ta' 30 jum kalendarju wara d-data tal-ħruġ tal-liċenzja, il-bastiment għandu jkun awtorizzat iżomm, matul l-attivitajiet tiegħu fil-Mauritania, kopja ta' dik il-liċenzja, sakemm il-bastiment ikun effettivament inkluż fil-lista tal-bastimenti awtorizzati msemmija fil-paragrafu 4.4. Din il-kopja għalhekk għandha titqies bħala ekwivalenti għall-oriġinali.

5. Validità u użu tal-liċenzji

5.1. Il-liċenzja għandha tkun valida biss għall-perjodu kopert mill-ħlas tat-tariffa skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-iskeda informattiva għall-kategorija kkonċernata.

Il-liċenzji għandhom jinħarġu għal perjodu ta' tliet xhur jew 12-il xahar skont il-kategoriji li ġejjin:

– tliet xhur għall-bastimenti tal-kategoriji 1 (bastimenti tal-gambli), 2, 2a, 3 (bastimenti tas-sajd għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ) u 6 (bastimenti tas-sajd għall-ħut pelaġiku żgħir);

– 12-il xahar għall-bastimenti tal-kategoriji 4 u 5 (bastimenti tat-tonn). Dawn jistgħu jiġġeddu.

Il-validità tal-liċenzji tibda fl-ewwel jum tal-perjodu li għalih tkun saret l-applikazzjoni.

Il-liċenzji ta' tliet xhur għall-bastimenti tal-kategoriji 1 (bastimenti tal-gambli), 2, 2a, 3 (bastimenti tas-sajd għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ), 6 u 7 (ħut pelaġiku żgħir) għandhom ikunu validi mill-1 ta' Jannar, mill-1 ta' April, mill-1 ta' Lulju jew mill-1 ta' Ottubru, ħlief għall-ewwel perjodu li jibda mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-validità tal-liċenzji tal-kategoriji 4 u 5, għandha ssir referenza għall-perjodu kalendarji annwali, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

L-ewwel perjodu tal-Protokoll jibda fid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

Għal-liċenzji kollha, il-validità għandha tintemm fi tmiem il-perjodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll.

L-ebda liċenzja ma tista' tinbeda matul perjodu annwali u tispiċċa matul il-perjodu annwali ta' wara.

Il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni, il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief u l-bastimenti tas-sajd bil-konz li jibbenefikaw mil-liċenzji tas-sajd fil-pajjiżi tas-sottoreġjun jistgħu jsemmu fuq l-applikazzjoni għal liċenzja, il-pajjiż, l-ispeċijiet u t-tul tal-validità tal-liċenzji tagħhom bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat id-dħul u l-ħruġ tagħhom miż-żona tas-sajd.

5.2. Il-ħruġ ta' liċenzja ma jagħmilx ħsara lill-preżenza effettiva tal-bastiment fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania matul il-perjodu ta' validità ta' din il-liċenzja.

5.3. Kull liċenzja tas-sajd għandha tinħareġ f'isem bastiment speċifiku. Din ma hijiex trasferibbli. Madankollu, f'każ ta' telf jew detenzjoni fit-tul ta' bastiment minħabba ħsara teknika serja jew forza maġġuri, il-liċenzja oriġinali tal-bastiment għandha tiġi sostitwita b'liċenzja għal bastiment ieħor li jappartjeni għall-istess kategorija tas-sajd, mingħajr ma jinqabeż it-tunnellaġġ gross (TG) awtorizzat għal dik il-kategorija.

5.4. Is-sid tal-bastiment bil-ħsara, jew ir-rappreżentant tiegħu, għandu jirritorna l-liċenzja tas-sajd lill-Ministeru biex tiġi kkanċellata.

5.5. Il-ħlasijiet addizzjonali meħtieġa fil-każ ta' sostituzzjoni ta' liċenzja għandhom isiru qabel il-ħruġ tal-liċenzja ta' sostituzzjoni.

6. Spezzjonijiet tekniċi

6.1. Darba fis-sena, kif ukoll wara bidliet fit-tunnellaġġ jew fil-kategorija tas-sajd li jinvolvu l-użu ta' tipi differenti ta' rkaptu tas-sajd, il-bastimenti kollha tal-Unjoni għandhom jippreżentaw ruħhom fil-port ta' Nouadhibou sabiex isirulhom l-ispezzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Mauritania fis-seħħ. Dawn l-ispezzjonijiet huma obbligati li jsiru fi żmien massimu ta' 48 siegħa mill-wasla tal-bastiment fil-port.

6.2. Għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni, il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief u l-bastimenti tas-sajd bil-konz, kull bastiment li jopera għall-ewwel darba fi ħdan il-qafas tal-Ftehim għandhom isirulu l-ispezzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Mauritania fis-seħħ qabel ma jirċievi l-liċenzja tiegħu. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jsiru f'port barrani li jrid ikun hemm qbil dwaru. F'dan il-każ, l-ispejjeż kollha marbutin ma' din l-ispezzjoni għandhom jitħallsu minn sid il-bastiment.

6.3. Wara l-ispezzjoni teknika, il-kaptan tal-bastiment jingħata ċertifikat ta' konformità, b'validità ugwali għal dik tal-liċenzja, li jiġi estiż, mingħajr ħlas u awtomatikament, għall-bastimenti li jġeddu l-liċenzja tagħhom matul dik is-sena. Dan iċ-ċertifikat għandu dejjem jinżamm abbord. Għall-kategorija tal-bastimenti għas-sajd tal-ħut pelaġiku, iċ-ċertifikat għandu jispeċifika l-kapaċità tal-bastiment li jwettaq trasbord.

6.4. L-ispezzjonijiet tekniċi għandhom iservu biex tiġi ċċekkjata l-konformità tal-karatteristiċi tekniċi u tal-irkaptu abbord u biex jiġi vverifikat li d-dispożizzjonijiet dwar l-ekwipaġġ mill-Mauritania jkunu ġew issodisfati.

6.5. L-ispejjeż tal-ispezzjonijiet għandhom jitħallsu mis-sidien tal-bastimenti u għandhom jiġu stabbiliti skont l-iskala stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Mauritania u

kkomunikati lill-Unjoni qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll. Ma jistgħux ikunu ogħla mis-somom normalment imħallsa mill-bastimenti l-oħrajn għall-istess servizz.

6.6. In-nuqqas ta' konformità ma' xi waħda mid-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 6.1 u 6.2 ta' hawn fuq għandu jwassal għas-sospensjoni tal-validità tal-liċenzja u għandu jesponi lill-bastiment għas-sanzjonijiet fis-seħħ, sakemm is-sid tal-bastiment ikun wettaq l-obbligi tiegħu.

KAPITOLU III

TARIFFI

1. Tariffi

1.1. It-tariffi huma kkalkulati għal kull bastiment bil-kundizzjonijiet stipulati fl-iskedi informattivi tal-Protokoll u abbażi tar-rati annwali stabbiliti fihom. L-ammonti tat-tariffi jinkludu kull dazju u taxxa relatati, minbarra t-taxxa parafiskali, it-taxxi tal-port u l-ħlasijiet dovuti għas-servizzi.

1.2. It-tariffi għandhom jiġu kkalkulati mill-Ministeru, filwaqt li jitqiesu l-qabdiet espressi f'kg ta' piż ħaj kif indikat fil-ġurnali ta' abbord tas-sajd u kkoreġuti matul l-ispezzjoni u skont id-dispożizzjonijiet tal-iskeda informattiva korrispondenti fl-Appendiċi 2.

1.3. Il-Ministeru għandu jikkomunika l-kalkolu tat-tariffi lis-sidien tal-bastimenti jew lill-aġenti tagħhom fi żmien xahar mit-tmiem tal-validità tal-liċenzji. Fl-istess ħin, kopja ta' dak il-kalkolu għandu jintbagħat lill-Unjoni.

1.4 It-tariffa għandha tiġi kkalkulata *pro rata* għall-validità effettiva tal-liċenzja tas-sajd, filwaqt li jitqiesu l-perjodu ta' rkupru bijoloġiku possibbli. Meta l-perjodu effettiv tal-liċenzja jitnaqqas b'aktar minn xahar għal raġunijiet li jseħħu wara li jkun sar il-ħlas tat-tariffa, għandu japplika l-paragrafu 1.5 ta' hawn taħt.

1.5. It-tariffi għandhom jitħallsu permezz ta' trasferiment f'wieħed mill-kontijiet bankarji msemmija fil-paragrafu 4 tal-Kapitolu I. F'każ ta' ħlas żejjed, it-Teżor tal-Istat tal-Mauritania għandu joħroġ nota ta' kreditu lil sid il-bastiment jew lill-kustodju tiegħu. Dak il-kreditu jista' jitnaqqas minn pagament sussegwenti.

1.6. L-Unjoni għandha tħejji kalkolu finanzjarju abbażi tal-qabdiet aggregati fil-bażi tad-*data* tagħha, kif ukoll l-ammonti tat-tariffa u tal-ħlas bil-quddiem imħallsa (minbarra t-taxxa parafiskali) u tibgħatha lill-Mauritania biex tivverifika l-konsistenza mat-tariffi kkalkulati mill-Mauritania skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.2.

F'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar l-ammont tat-tariffi stabbiliti, iż-żewġ Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin mingħajr dewmien, inkluż fil-Kumitat Konġunt, jekk meħtieġ, u għandhom jivverifikaw il-kalkoli tal-qabdiet u l-kalkolu tat-tariffi korrispondenti.

1.7. Iż-żewġ Partijiet jaqblu dwar il-kalkolu finali tal-qabdiet annwali waqt laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

2. Tariffi in natura

2.1. Is-sidien tal-bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku u l-bastimenti tal-gambli (fir-rigward tal-qabdiet inċidentali tagħhom ta' ħut) li jistadu fi ħdan il-qafas ta' dan il-Protokoll għandhom jikkontribwixxu għall-politika tad-distribuzzjoni tal-ħut lil dawk fil-bżonn, li tammonta għal 2 % tal-qabdiet tal-ħut pelaġiku tagħhom ittrasbordat jew żbarkat fi tmiem vjaġġ.

2.2. Għall-bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża tal-kategorija 6, 2 % għandhom jiġu kkalkulati fuq il-qabdiet totali, irrispettivament mill-valur kummerċjali tagħhom, għall-ispeċijiet kollha, u għandhom jiżdiedu mal-qabdiet totali permissibbli. Il-qabdiet użati għat-tariffi in natura jridu jirriflettu l-kompożizzjoni, skont l-ispeċi, tal-qabdiet totali abbord il-bastiment fil-mument tat-trasbord ta' dawn it-2 %.

Madankollu, għall-bastimenti li jistadu għas-sawrell u l-kavalli, it-2 % jistgħu jittieħdu mill-qabdiet tad-daqs L, jew fin-nuqqas ta' dan tad-daqs M.

Għall-bastimenti tal-kategorija 1, it-2 % għandhom jiġu kkalkulati fuq il-qabdiet inċidentali totali tal-ħut.

2.3. Il-qabdiet użati għat-tariffi in natura għandhom jingħataw lill-Għaqda Nazzjonali għad-Distribuzzjoni tal-Ħut. Għandha titfassal formola tal-irċevuta ta' din it-tariffa in natura b'mod sistematiku u din għandha tiġi ffirmata minn rappreżentant tal-Għaqda Nazzjonali għad-Distribuzzjoni tal-Ħut; kopja ta' din il-formola għandha tintbagħat lill-kaptan tal-bastiment.

2.4. Il-qabdiet użati għat-tariffi in natura jistgħu jingħataw billi jinħattu fuq il-moll jew permezz ta' trasbord fil-port. F'każ li l-qabdiet jiġu ttrasbordati fil-port, id-dgħajjes li għal fuqhom ikunu qed jiġu ttrasbordati dawn il-qabdiet iridu jkunu adattati għalkollox għall-attivitajiet meħtieġa, sabiex ikun żgurat li kollox imur sew waqt it-trasbord. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd għall-ħut pelaġiku jista' jagħżel id-dgħajsa tal-Mauritania li tkun l-iktar adattata biex jitwettqu dawn l-attivitajiet f'kollaborazzjoni mal-kustodju tiegħu u mal-Għaqda Nazzjonali għad-Distribuzzjoni tal-Ħut.

2.5. F'każ ta' riskju jew ksur ċar tas-sigurtà tal-bastiment tas-sajd, tad-dgħajsa tal-Mauritania jew tal-ekwipaġġi tagħhom, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd jista' jirrifjuta li jħott il-qabdiet fuq id-dgħajsa tal-Mauritania. Imbagħad għandu jirreferi l-kwistjoni lir-rappreżentant tal-Għaqda Nazzjonali għad-Distribuzzjoni tal-Ħut, li jassenja dgħajsa oħra lilu.

2.6. L-attivitajiet tal-ħatt tal-qabdiet użati għat-tariffi in natura jridu jiġu ppjanati u organizzati b'mod li ma jaffettwax ħażin l-andament tajjeb tal-attivitajiet tal-bastiment tas-sajd.

2.7. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed postijiet tal-ħżin fil-mument tal-ħatt tal-qabdiet, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd jitneħħielu kompletament u definittivament l-obbligu li jħott il-qabdiet għat-tariffa in natura għall-vjaġġ korrispondenti. F'dak il-każ, ir-rappreżentant tal-Għaqda Nazzjonali għad-Distribuzzjoni tal-Ħut għandu joħroġlu ċertifikat dwar dan, li jikkonferma li l-qabdiet li kellhom jingħataw bħala tariffa in natura ma setgħux jinħattu l-art minħabba li ma kienx hemm postijiet tal-ħżin fuq l-art. Il-qabdiet li ma jinħattux minħabba li ma jkunx hemm biżżejjed postijiet tal-ħżin u li b'hekk jinżammu abbord għandhom jitnaqqsu mill-qabda totali permissibbli.

2.8. It-tariffa in natura teskludi kategorikament kull forma oħra ta' kontribuzzjoni imposta. Fl-ebda każ ma tista' tinbidel f'ammont ekwivalenti fi flus u lanqas ma tista' tikkostitwixxi dejn.

2.9. Il-qabdiet li jikkorrispondu għat-tariffa in natura għandhom jittieħdu mill-Għaqda Nazzjonali għad-Distribuzzjoni tal-Ħut u jitqassmu lill-popolazzjonijiet fil-bżonn taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Mauritania.

2.10. Kull sena, l-Għaqda Nazzjonali għad-Distribuzzjoni tal-Ħut għandha tfassal rapport dwar l-użu ta' din it-tariffa in natura, dwar min ibbenefika minnha, dwar il-kwantitajiet ta' ħut imqassmin u l-kundizzjonijiet li bihom tqassmu dawn il-kwantitajiet. Dan ir-rapport għandu jiġi evalwat mill-Kumitat Konġunt.

2.11. F'każ li jkun hemm xi diffikultà fl-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, iż-żewġ Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin, fosthom waqt laqgħa tal-Kumitat Konġunt, sabiex jaqsmu bejniethom l-informazzjoni kollha li tista' tkun utli dwar din l-applikazzjoni u jidentifikaw l-aktar soluzzjonijiet adattati biex jingħelbu dawn id-diffikultajiet.

3. Taxxa parafiskali

3.1. L-iskali tat-taxxa parafiskali għall-bastimenti tas-sajd għandhom jitħallsu f'munita barranija, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-digriet[2] li jistabbilixxi t-taxxa parafiskali, skont l-iskali li ġejjin:

Kategorija tas-Sajd Krustaċji, Ċefalopodi u Speċijiet tal-Qiegħ: applikabbli għall-kategoriji 1, 2, 2a u 3

Tunnellaġġ (TG)	**Ammont kull trimestru (MRU)**
< 99	5 000
100-200	10 000
201-400	20 000
401-600	40 000
> 600	60 000

Kategorija tas-Sajd (Ħut li jpassi ħafna u Ħut pelaġiku): applikabbli għall-kategoriji 4, 5, 6, u 7

Tunnellaġġ	**Ammont kull xahar (MRU)**
< 2 000	5 000

[2] Id-Digriet Nru 2006-010 tas-7 ta' Frar 2006.

2 001-3 000	15 000
3 001-5 000	50 000
5 001-7 000	75 000
7 001-9 000	100 000
> 9 000	130 000

3.2. Bl-eċċezzjoni tal-kategoriji 4 u 5, it-taxxa parafiskali hija dovuta għal trimestru sħiħ, jew diversi trimestri, irrispettivament mill-preżenza ta' perjodu ta' waqfien għal raġunijiet bijoloġiċi.

3.3. Ir-rata tal-kambju (MRO/EUR) li għandha tintuża għall-ħlas tat-taxxa parafiskali għal sena kalendarja għandha tkun ir-rata medja tas-sena ta' qabel ikkalkulata mill-Bank Ċentrali tal-Mauritania u mibgħuta mill-Ministeru sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel l-applikazzjoni tagħha. Jekk ma tiġix ikkomunikata din ir-rata, għandha tapplika r-rata preċedenti.

3.4. Trimestru għandu jikkonsisti minn wieħed mill-perjodi ta' tliet xhur li jibdew fl-1 ta' Ottubru, fl-1 ta' Jannar, fl-1 ta' April jew fl-1 ta' Lulju, ħlief għall-ewwel u l-aħħar perjodu tal-Protokoll.

4. Kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn

4.1. Id-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet imħejjija minn kull kaptan ta' bastiment tat-tonn u trażmessi kuljum mill-ERS lill-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania għandhom jintużaw mill-istituti xjentifiċi nazzjonali IRD (Istitut għar-Riċerka għall-Iżvilupp), IEO (Instituto Espanol de Oceanografia) u IPMA (Instituto Portugues Mar e Atmosfera). Dawn għandhom jiġu pprovduti wkoll kull sena permezz ta' mezzi elettroniċi lill-IMROP (l-Istitut tal-Mauritania għar-Riċerka Oċeanografika u s-Sajd) mill-Unjoni.

4.2. L-Unjoni għandha tistabbilixxi għal kull bastiment tat-tonn, abbażi tal-qabdiet aggregati mill-bażi tad-*data* tagħha, it-tariffi applikabbli u l-ħlasijiet bil-quddiem imħallsa, kalkolu finali tat-tariffi dovuti mill-bastiment għall-istaġun annwali tiegħu għas-sena kalendarja preċedenti.

4.3. L-Unjoni għandha tgħarraf dan il-kalkolu finali lill-Mauritania u lil sid il-bastiment qabel it-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik li fiha jkunu saru l-qabdiet.

4.4. L-awtoritajiet tal-Mauritania jistgħu jikkontestaw il-kalkolu finali, abbażi ta' evidenza dokumentata, fi żmien 30 jum minn meta jintbagħat dan il-kalkolu. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt. Jekk l-awtoritajiet tal-Mauritania ma joġġezzjonawx fi żmien 30 jum, il-kalkolu finali jitqies adottat.

4.5. Jekk il-kalkolu finali jkun ogħla mit-tariffa fissa mħallsa bil-quddiem għall-ksib tal-liċenzja tas-sajd, sid il-bastiment irid iħallas il-bilanċ fi żmien 45 jum minn meta l-

awtoritajiet tal-Mauritania japprovaw il-kalkolu. Jekk il-kalkolu finali jkun anqas mit-tariffa fissa mħallsa bil-quddiem, sid il-bastiment ma jistax jirkupra s-somma li jifdal.

4.6. F'dak li jirrigwarda t-taxxa parafiskali, din għandha titħallas *pro rata* għaż-żmien fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania. Ix-xhur ta' ħlas korrispondenti jitqiesu bħala perjodi ta' 30 jum ta' sajd effettiv. Din id-dispożizzjoni tippreżerva l-karattru integrali ta' din it-taxxa u għalhekk kull xahar ta' ħlas mibdi għandu jitħallas.

4.7. Bastiment li jkun stad bejn jum 1 u 30 jum f'sena għandu jħallas taxxa għal xahar. It-tieni xahar ta' ħlas minn din it-taxxa jkun dovut wara l-ewwel perjodu ta' 30 jum u għal kull perjodu bħal dan sussegwenti. Ix-xhur addizzjonali għandhom jitħallsu sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara l-ewwel jum ta' kull perjodu komplementari.

KAPITOLU IV

DIKJARAZZJONI TAL-QABDIET

1. Sistema Elettronika ta' Notifika (ERS)

1.1. Il-Partijiet jintrabtu li jimplimentaw u jżommu s-sistemi tal-IT meħtieġa biex jiġi żgurat l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni kollha relatata mal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

1.2. L-Istat tal-bandiera u l-Mauritania għandhom jaħtru korrispondent tal-ERS kull wieħed li għandu jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jikkomunikaw lil xulxin id-dettalji ta' kuntatt tal-korrispondent tal-ERS tagħhom u, fejn xieraq, jaġġornaw din l-informazzjoni mingħajr dewmien.

1.3. Il-Partijiet jaqblu li fil-bidu se jintuża l-istandard ERS 3.1 għall-iskambju ta' informazzjoni relatata mal-ġurnal ta' abbord iżda li wara għandu jiġi implimentat l-istandard UN/FLUX (United Nations / Fisheries Language for Universal eXchange) imsemmi fl-Appendiċi 8 (FLUX ERS).

1.4 L-arranġamenti dettaljati tal-implimentazzjoni tal-iskambji elettroniċi differenti għandhom jiġu ddefiniti u approvati miż-żewġ Partijiet fil-Kumitat Konġunt, b'mod partikolari għad-dikjarazzjoni tal-qabdiet permezz tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar (ERS).

1.5. Ladarba s-sistema ERS tkun kompletament funzjonali, bastiment li ma jkunx mgħammar b'sistema ERS ma għandux jiġi awtorizzat li jwettaq attivitajiet tas-sajd skont dan il-Protokoll.

1.6. Il-Mauritania u l-Unjoni għandhom jgħarrfu minnufih lil xulxin b'kull funzjonament ħażin tas-sistema tal-IT li jipprevjeni l-komunikazzjoni bejn iċ-Ċentri tal-Monitoraġġ tas-Sajd (FMCs). F'każijiet bħal dawn għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4.

2. Ġurnal ta' abbord tas-sajd: dispożizzjonijiet ġenerali

2.1. Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jwettaq attivitajiet tas-sajd skont dan il-Protokoll għandu jżomm ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku integrat f'sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar (ERS).

2.2. Il-kaptan għandu jkun responsabbli għall-preċiżjoni tad-data rreġistrata fil-ġurnal elettroniku ta' abbord tas-sajd. Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 3.3/ikun konformi mad-dispożizzjonijiet miftiehma bejn iż-żewġ Partijiet u għandu jqis ir-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-ICCAT.

2.3. L-Istat tal-bandiera u l-Mauritania għandhom jiżguraw li jkunu mgħammra bil-hardware u s-software tal-kompjuter meħtieġa għat-trażmissjoni awtomatika tad-*data* tal-ERS, u għandhom jimplimentaw il-proċeduri meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tagħhom.

2.4. L-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li jirċiviha u jirreġistraha f'bażi tad-*data* tal-kompjuter li tippermetti l-ħżin sigur ta' tali *data* għal mill-inqas 36 xahar mill-bidu tal-vjaġġ.

2.5. L-FMC tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li l-ġurnali ta' abbord tas-sajd jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania (GCM) b'mod awtomatiku permezz tal-ERS, kuljum, għall-perjodu li matulu l-bastiment ikun preżenti fiż-żona tas-sajd, anki jekk ma jinqabad xejn.

2.6 In-nuqqas ta' osservanza ta' waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq dwar il-bastiment, mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet previsti mir-regolamenti tal-Mauritania, għandu jwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sakemm is-sid tal-bastiment ikun wettaq l-obbligi tiegħu.

3. *Data* tal-ġurnali ta' abbord tas-sajd elettroniċi

3.1. Kuljum, il-kaptan għandu jniżżel l-istima tal-kwantitajiet ta' kull speċi maqbuda jew miżmuma abbord jew mormija lura, għal kull operazzjoni tas-sajd. L-istimi tal-kwantitajiet ta' speċi maqbuda jew mormija lura l-baħar għandhom jiddaħħlu jkun xi jkun il-piż ikkonċernat.

3.2. Jekk il-bastiment ikun preżenti mingħajr ma jwettaq sajd, il-pożizzjoni tal-bastiment f'23:59 għandha tiġi rreġistrata.

3.3. Id-*data* tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandha tintbagħat kuljum, b'mod awtomatiku, liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd (FMC) tal-Istat tal-bandiera. It-trażmissjonijiet għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

a) in-numri ta' identifikazzjoni tal-OMI jew tas-CFR (in-numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni) u l-isem tal-bastiment;

b) id-data u l-ħin tat-tluq mill-port tal-Mauritania u tal-wasla fih;

c) il-kodiċi alfa 3 tal-FAO ta' kull speċi;

d) iż-żona ġeografika kkonċernata fejn saru l-qabdiet;

e) id-data u l-ħin tal-qabdiet;

g) it-tip ta' rkaptu u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

h) il-kwantitajiet stmati miżmuma abbord ta' kull speċi f'kilogrammi, mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun il-każ, fl-għadd ta' ħut individwali;

i) l-istima tal-kwantitajiet ta' kull speċi mormija lura l-baħar, mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun il-każ, fl-għadd ta' ħut individwali.

4. Ħsara teknika jew ħsara li taffettwa r-reġistrazzjoni u t-trażmissjoni abbord tar-rapporti elettroniċi mill-bastiment

4.1. L-FMC tal-Istat tal-bandiera u l-GCM għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin bi kwalunkwe avveniment li jista' jaffettwa t-trażmissjoni tad-*data* tal-ERS minn bastiment wieħed jew aktar.

4.2. Jekk il-GCM ma tirċevix id-*data* li trid tintbagħat minn bastiment, huwa għandu jgħarraf minnufih lill-FMC tal-Istat tal-bandiera. Dan tal-aħħar għandu jfittex malajr kemm jista' jkun ir-raġunijiet il-għala ma waslitx id-*data* tal-ERS u jinforma lill-GCM bir-riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet.

4.3. Meta t-trażmissjoni bejn bastiment u l-FMC tal-Istat tal-bandiera tfalli, dan l-FMC għandu jgħarraf lill-kaptan jew lill-operatur tal-bastiment jew, fin-nuqqas tiegħu, lir-rappreżentant tiegħu mingħajr dewmien b'dan. Malli jiġi mgħarraf b'dan, il-kaptan tal-bastiment għandu jibgħat id-*data* nieqsa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera, bi kwalunkwe mezz xieraq ta' telekomunikazzjoni u kuljum, sa mhux aktar tard minn 23:59.

4.4. F'każ ta' funzjonament ħażin tas-sistema ta' trażmissjoni elettronika installata abbord bastiment, il-kaptan jew l-operatur tal-bastiment għandhom jiżguraw li s-sistema ERS tissewwa jew tiġi mibdula fi żmien 7 ijiem minn meta jinstab il-funzjonament ħażin. Wara dak il-perjodu, il-bastiment ma jibqax awtorizzat li jistad fiż-żona tas-sajd u għandu joħroġ minnha jew jidħol f'port tal-Mauritania fi żmien 24 siegħa. Il-bastiment għandu jitħalla jitlaq minn dak il-port jew jerġa' jidħol fiż-żona tas-sajd biss meta l-FMC tal-Istat tal-bandiera tiegħu jkun sab li s-sistema tal-ERS qed terġa' taħdem kif suppost.

4.5. Jekk il-Mauritania ma tkunx irċeviet id-*data* tal-ERS minħabba funzjonament ħażin ta' sistemi elettroniċi taħt il-kontroll tal-Unjoni jew tal-Mauritania, il-Parti kkonċernata għandha minnufih tieħu kwalunkwe azzjoni biex issolvi l-ħsara malajr kemm jista' jkun. Il-Parti l-oħra għandha tiġi mgħarrfa mill-ewwel malli tissolva l-problema.

4.6. Kull 24 siegħa, l-FMC tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat lill-GCM, permezz ta' kwalunkwe mezz elettroniku ta' komunikazzjoni disponibbli, id-*data* kollha tal-ERS ta' kuljum tal-flotta tiegħu mill-aħħar trażmissjoni lill-Mauritania. Sakemm tiġi osservata din id-dispożizzjoni, l-attivitajiet tas-sajd ma għandhomx ikunu pprojbiti. L-FMC tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li d-*data* nieqsa tiddaħħal fil-bażi tad-*data* tal-kompjuter imsemmija fil-paragrafu 2.5 u li din tkun disponibbli għall-GCM ladarba s-servizz ta' komunikazzjoni awtomatika jkun reġa' ġie stabbilit.

4.7. L-istess proċedura tista' tintuża f'każ ta' operazzjoni ta' manutenzjoni ta' iktar minn 24 siegħa li taffettwa s-sistemi li jkunu taħt il-kontroll tal-Unjoni.

4.8. L-Unjoni għandha tinforma lill-GCM dwar tali operazzjonijiet ta' manutenzjoni. Il-Mauritania għandha tinforma lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tagħha.

4.9. Sakemm jerġa' jiġi stabbilit is-servizz normali, il-bastimenti tal-Unjoni ma għandhomx jitqiesu li qed jonqsu milli jittrażmettu d-*data* tal-ERS tagħhom.

5. Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd mehmuż (dikjarazzjonijiet tal-ħatt jew tat-trasbord)

5.1. Il-kaptan għandu jittrażmetti d-*data* tal-ħatt jew tat-trasbord meħtieġa minn dan il-Ftehim permezz tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar (ERS) lill-awtorità kompetenti tal-Mauritania.

5.2 F'każ ta' ħatt f'port tal-Mauritania, jew ta' trasbord f'port tal-Mauritania jew 'il barra minnu, in-notifika minn qabel għandha tintbagħat permezz tal-ERS.

5.3 In-nuqqas ta' osservanza ta' waħda mid-dispożizzjonijiet previsti fil-paragrafi 6.1 u 6.2 hawn fuq iwassal għas-sospensjoni awtomatika min-naħa tal-Mauritania, li għandha tinforma lill-operatur, tal-liċenzja tas-sajd sakemm l-operatur ikun issodisfa l-obbligi tiegħu.

6. L-affidabbiltà tad-*data* għal skopijiet xjentifiċi

6.1. L-informazzjoni inkluża fid-dokumenti msemmija fil-paragrafi ta' hawn fuq għandha tirrifletti r-realtà tas-sajd sabiex tkun tista' tikkostitwixxi waħda mill-bażijiet għas-superviżjoni tat-tibdil fir-riżorsi tas-sajd.

6.2. Il-leġiżlazzjoni tal-Mauritania fis-seħħ dwar id-daqsijiet minimi tal-qabdiet miżmuma abbord għandha tapplika. Din tinsab fl-Appendiċi 5. Madankollu, din tista' tiġi emendata fid-dawl tar-riżultati rilevanti tar-riċerka xjentifika.

6.3. Lista ta' fatturi ta' konverżjoni għall-qabdiet mingħajr ras/sħaħ u/jew imnaddfa/sħaħ hija pprovduta fl-Appendiċi 6. Din il-lista tista' tiġi emendata fid-dawl tar-riżultati rilevanti tar-riċerka xjentifika.

7. Tolleranza tad-differenzi

It-tolleranza permessa bejn il-qabdiet iddikjarati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd u l-valutazzjoni ta' dawn il-qabdiet, fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv, matul spezzjoni fil-baħar jew ħatt fuq il-moll għandha tkun ta':

10 % għall-ħut frisk;

4 % għall-ħut iffriżat, inkluż il-ħut pelaġiku.

Id-differenzi għandhom jiġu kkalkulati fuq il-piż ħaj ekwivalenti. Barra minn hekk, mhi permessa l-ebda tolleranza għan-numru ta' kaxxi.

8. Qabdiet inċidentali

Huwa speċifikat fl-iskedi informattivi li l-qabdiet inċidentali jagħmlu parti minn dan il-Protokoll. Il-perċentwali tal-qabdiet inċidentali għandu jiġi kkalkulat fi tmiem kull vjaġġ, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dawk l-iskedi informattivi. Kull eċċess tal-perċentwali tal-qabdiet inċidentali awtorizzati huwa suġġett għal sanzjonijiet.

Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex inaqqsu l-impatt inċidentali tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-fkieren u fuq it-tjur tal-

baħar billi jimplimentaw miżuri li jżidu kemm jista' jkun il-probabbiltà li l-annimali li jinqabdu bi żball isalvaw.

9. Speċijiet ipprojbiti

F'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-Ispeċi Migratorji u r-Riżoluzzjonijiet tal-ICCAT, is-sajd għall-manta ġiganta *(Manta birostris)*, għall-gabdoll *(Cetorhinus maximus)*, għall-kelb il-baħar abjad *(Carcharodon carcharías),* għall-pixxivolpi għajnu kbira *(Alopias superciliosus),* għall-kurazzi tal-familja *Sphyrnidae* (ħlief għall-kurazza tiburo), għall-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carcharhinus longimanus)* u għat-tawru seta (*Carcharhinus falciformis*), kif ukoll dak għall-kelb il-baħar baliena (*Rhincodon typus),* huwa pprojbit.

F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, huwa pprojbit li jitneħħew il-pinen tal-klieb il-baħar abbord il-bastimenti u li dawn jinżammu abbord, jiġu ttrasbordati jew jinħattu. Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, sabiex ikun iffaċilitat il-ħżin abbord, il-pinen tal-kelb il-baħar jistgħu jinqatgħu b'mod parzjali u jintwew għal fuq il-karkassa, iżda ma jistgħux jitneħħew minn mal-karkassa qabel ma din tinħatt l-art.

10. Dikjarazzjoni ta' kull trimestru tal-qabdiet kumulattivi

10.1. L-Unjoni għandha tipprovdi lill-awtoritajiet tal-Mauritania, qabel it-tmiem ta' kull trimestru, id-*data* aggregata msemmija fl-Artikolu 8(3) ta' dan il-Protokoll, għat-trimestri preċedenti tas-sena attwali, filwaqt li tindika l-kwantitajiet tal-qabdiet għal kull bastiment, għal kull xahar tal-qbid, u skont l-ispeċi, estratti mill-bażi tad-*data* tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll mill-postijiet tal-ħatt. Din id-*data* hija provviżorja u tiżviluppa, u tqis fejn xieraq id-*data* tal-osservaturi pprovduta fuq bażi annwali.

10.2. Il-Mauritania għandha tanalizza din id-*data* aggregata u tindika kwalunkwe inkonsistenza kbira mad-*data* fil-ġurnali ta' abbord tas-sajd riċevuti. L-Istati tal-bandiera għandhom jinvestigaw l-inkonsistenzi indikati u jaġġornaw id-*data* kif meħtieġ. Il-każijiet ta' inkonsistenzi persistenti bejn is-sorsi tad-*data* għandhom jitressqu quddiem il-Kumitat Konġunt għar-riżoluzzjoni.

10.3. Il-fatturi ta' konverżjoni li japplikaw għall-ipproċessar tal-qabdiet mingħajr ras/sħaħ u/jew imnaddfa/sħaħ huma stabbiliti fl-Appendiċi 6.

KAPITOLU V

ĦATT L-ART U TRASBORD

1. Ħatt l-art

Il-bastimenti tal-flotot tas-sajd għall-ħut tal-qiegħ, tal-gambli u ta' ħut pelaġiku frisk għandhom ikunu suġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art, mingħajr preġudizzju għad-derogi li ġejjin:

1.1. Il-flotta tas-sajd għall-ħut tal-qiegħ (sakemm ma jkollhiex deroga) hija suġġetta għall-obbligu tal-ħatt l-art f'port tal-Mauritania.

1.2. Għandhom jingħataw derogi speċifiċi fuq talba ta' sid il-bastiment lill-flotta tal-gambli matul perjodu ta' sħana kbira.

1.3. L-obbligu tal-ħatt l-art mhux neċessarjament jinvolvi obbligu ta' ħżin u pproċessar.

1.4. Il-flotta tal-ħut pelaġiku frisk hija suġġetta għall-obbligu tal-ħatt l-art fi ħdan il-limiti tal-kapaċità tal-unitajiet tal-ipproċessar fil-Mauritania u d-domanda tas-suq ippruvata.

1.5. L-aħħar vjaġġ (il-vjaġġ ta' qabel il-ħruġ miż-żoni tas-sajd tal-Mauritania għal assenza li ma tistax tkun anqas minn tliet xhur) ma jkunx suġġett għall-obbligu tal-ħatt l-art. Fil-każ tal-bastimenti għall-gambli, dan il-perjodu huwa ta' xahrejn. Madankollu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.9 tal-Kapitolu VI.

1.6. Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni għandu jikkomunika lill-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania u lill-awtoritajiet tal-port tal-Mauritania fejn jixtieq iħott, preferibbilment permezz tal-ERS jew, fin-nuqqas ta' dan, permezz tal-posta elettronika, b'kopja lid-Delegazzjoni tal-Unjoni, mill-inqas 24 siegħa qabel il-ħatt, filwaqt li jipprovdi dan li ġej:

a) l-isem tal-bastiment tas-sajd li għandu jħott il-ħut l-art;
b) id-data u l-ħin previsti għall-ħatt l-art;
c) il-port tal-ħatt l-art;
d) il-kwantità (mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj) ta' kull speċi li għandha tinħatt l-art (identifikata bil-kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħha).

1.7. Għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni Nru 18-09 tal-ICCAT, it-talba minn qabel għad-dħul fil-port imsemmija hawn fuq għandha tintbagħat mill-inqas 72 siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port.

1.8. B'risposta għan-notifika msemmija hawn fuq, il-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania għandha, fi żmien 12-il siegħa, tgħarraf lill-kaptan jew lir-rappreżentant tiegħu bl-approvazzjoni tagħha, permezz tal-faks jew tal-posta elettronika, b'kopja lid-Delegazzjoni tal-Unjoni.

1.9. Il-bastimenti tal-Unjoni li jħottu f'port tal-Mauritania għandhom ikunu eżentati minn kull taxxa jew imposta b'effett ekwivalenti minbarra t-taxxi u t-tariffi tal-port li jiġu applikati, taħt l-istess kundizzjonijiet, għall-bastimenti tal-Mauritania.

1.10. Il-prodott tas-sajd jibbenefika minn arranġamenti ta' kontroll doganali skont il-liġijiet tal-Mauritania li huma fis-seħħ. Għalhekk, huwa eżenti minn kull proċedura doganali u dazju doganali jew imposta b'effett ekwivalenti mad-dħul fil-port tal-Mawritanja jew meta jiġi esportat, u huwa meqjus bħala merkanzija "ammessa temporanjament" ("ħażna temporanja").

1.11. Is-sid għandu jiddeċiedi d-destinazzjoni tal-produzzjoni tal-bastiment tiegħu. Din tista' tiġi pproċessata, maħżuna taħt sistema ta' kontroll doganali, mibjugħa fil-Mauritania jew esportata (f'valuta barranija).

1.2. Għall-bejgħ fil-Mauritania, maħsub għas-suq tal-Mauritania, għandhom jitħallsu l-istess taxxi u imposti li japplikaw għall-prodotti tas-sajd tal-Mauritania.

1.13. Il-benefiċċji jistgħu jiġu esportati mingħajr ħlasijiet supplimentari (eżenzjoni mid-dazji doganali u mill-imposti b'effett ekwivalenti).

2. Trasbord

2.1. Kull bastiment mgħammar bi friża użat għas-sajd għall-ħut pelaġiku li jista' jittrasborda, skont iċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fil-paragrafu 6.3 tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness, huwa suġġett għat-trasbord obbligatorju mill-moll jew f'port tal-Mauritania, bl-eċċezzjoni tal-aħħar vjaġġ.

2.2. Fil-qafas ta' proġetti għall-iżvilupp ekonomiku li jirriflettu l-għanijiet tal-Artikolu 12 tal-Protokoll, l-awtoritajiet tal-Mauritania jistgħu jipprevedu l-aġġustament tal-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-ħatt u tat-trasbord. Iż-żewġ Partijiet għandhom jiddiskutu għal dan l-għan fil-Kumitat Konġunt.

2.3. Il-bastimenti tal-Unjoni li jittrasbordaw f'port tal-Mauritania għandhom ikunu eżentati minn kull taxxa jew imposta b'effett ekwivalenti minbarra t-taxxi u t-tariffi tal-port li jiġu applikati, taħt l-istess kundizzjonijiet, għall-bastimenti tal-Mauritania.

2.4. L-aħħar vjaġġ (il-vjaġġ ta' qabel il-ħruġ miż-żoni tas-sajd tal-Mauritania għal assenza li ma tistax tkun anqas minn tliet xhur) ma jkunx suġġett għall-obbligu tat-trasbord.

2.5. Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni għandu jikkomunika lill-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania u lill-awtoritajiet tal-port fejn jixtieq jittrasborda, preferibbilment permezz tal-ERS jew, fin-nuqqas ta' dan, permezz tal-posta elettronika, b'kopja lid-Delegazzjoni tal-Unjoni, mill-inqas 24 siegħa (48 siegħa għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn)[3] qabel id-data tat-trasbord, filwaqt li jipprovdi dan li ġej:

a) l-isem tal-bastiment tas-sajd li se jiġi ttrasbordat u tat-trasportatur;

b) id-data u l-ħin previsti għat-trasbord;

c) il-kwantità (mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj) ta' kull speċi li għandha tiġi ttrasbordata (identifikata bil-kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħha).

2.6. B'risposta għan-notifika msemmija hawn fuq, il-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania għandha, fi żmien 12-il siegħa, tgħarraf lill-kaptan jew lir-rappreżentant tiegħu bl-approvazzjoni tagħha, permezz tal-faks jew tal-posta elettronika, b'kopja lid-Delegazzjoni tal-Unjoni.

2.7. L-awtoritajiet tal-Mauritania jirriżervaw id-dritt li jirrifjutaw it-trasbord jekk il-bastiment li jkun qiegħed iġorr il-ħut kien involut f'sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat kemm fiż-żoni tas-sajd tal-Mauritania kif ukoll 'il barra minnhom.

3. Derogi mill-obbligi tal-ħatt l-art

F'każ ta' forza maġġuri, bħal diffikultajiet tekniċi jew diffikultajiet ta' tranżitu li jinqalgħu fil-fruntiera meta prodotti tas-sajd friski jiġu ttrasportati bl-art, l-operaturi kkonċernati jistgħu jattivaw b'mod eċċezzjonali l-proċedura ta' deroga li ġejja:

- L-operatur għandu jinforma mingħajr dewmien lill-awtoritajiet nazzjonali tiegħu, lill-awtoritajiet Ewropej (id-Delegazzjoni tal-Unjoni f'Nouakchott u d-DĠ MARE) u lill-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania dwar imblokk fil-fruntiera;

- L-awtoritajiet Ewropej għandhom jitolbu lill-awtoritajiet tal-Mauritania jibdew il-proċedura ta' deroga u jibagħtu l-lista tal-bastimenti kkonċernati lill-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania;

[3] ara ICCAT 16/15.

- Ladarba tinbeda din il-proċedura ta’ deroga, l-operaturi kkonċernati jistgħu jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania biex iħottu l-qabdiet tagħhom ta’ prodotti friski f’port li ma jinsabx fil-Mauritania;

- Il-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania għandha taħtar malajr kemm jista’ jkun l-uffiċjali għall-ispezzjoni tal-bastiment(i) kkonċernat(i) f’port tal-Mauritania jew biex itellgħu abbord żewġ spetturi li jakkumpanjaw il-bastiment lejn il-port tal-ħatt l-art.

- Fi tmiem l-operazzjonijiet tal-ħatt l-art, l-ispetturi għandhom jittieħdu lura fil-post fejn inizjalment ikunu telgħu abbord mill-operatur.

Din il-proċedura għandha tapplika mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet l-oħra previsti fil-paragrafu 1.

KAPITOLU VI

KONTROLL

1. Dħul fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania u ħruġ minnha

1.1. Kwalunkwe dħul fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania jew ħruġ minnha minn bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd għandu jiġi mgħarraf lill-Mauritania sa mhux aktar tard minn 36 siegħa qabel id-dħul jew il-ħruġ, ħlief għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni, għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, li għalihom dan il-perjodu għandu jitnaqqas għal sitt sigħat.

1.2. Meta jkun qed jgħarraf bid-dħul jew il-ħruġ tiegħu, il-bastiment għandu jikkomunika b’mod partikolari:

a) isem il-bastiment,

b) is-sinjal tas-sejħa bir-radju tal-bastiment;

c) id-data (fil-format jj/xx/ssss), il-ħin (fil-format UTC) u l-punt ta’ qsim tal-fruntiera (fil-format gradi/minuti/sekondi) previsti;

d) il-kwantità ta’ kull speċi miżmuma abbord, identifikata bil-kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħha u mogħtija f’kilogrammi ta’ piż ħaj jew, fejn ikun meħtieġ, fl-għadd ta’ ħut individwali;

e) il-preżentazzjoni tal-prodotti.

1.3. In-notifika għandha ssir bi prijorità permezz tal-ERS jew, fin-nuqqas ta’ dan, permezz tal-posta elettronika, tal-faks jew tar-radju, f’indirizz tal-posta elettronika, numru tat-telefown jew frekwenza kkomunikata mill-Mauritania, kif stipulat fl-Appendiċi 10. Il-Mauritania għandha tikkonferma minnufih li tkun irċeviet in-notifika.

1.4. F’każ ta’ trażmissjoni bil-posta elettronika, din l-informazzjoni dwar id-dħul u l-ħruġ tal-bastimenti għandha tintbagħat ukoll fl-istess ħin lid-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Mauritania fl-indirizz tal-posta elettronika indikat fl-Appendiċi 12.

1.5. Il-Mauritania għandha tgħarraf minnufih lill-bastimenti kkonċernati u lill-Unjoni b’kull bidla fl-indirizz tal-posta elettronika, fin-numru tat-telefown jew fil-frekwenza tat-trażmissjoni.

1.6. Kull bastiment li jinqabad jistad fiż-żona tal-Mauritania mingħajr ma jkun għarraf minn qabel il-preżenza tiegħu għandu jkun suġġett għal sanzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Mauritania fis-seħħ.

1.7. Ir-rapporti tad-dħul u tal-ħruġ għandhom jinżammu għal perjodu ta' mill-inqas sena wara d-data tan-notifika.

1.8. Matul il-preżenza tagħhom fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jissorveljaw kontinwament il-frekwenzi tas-sejħa internazzjonali (VHF Kanal 16 jew HF 2 182 KHz).

1.9. Fi tmiem il-vjaġġ, il-bastimenti għandhom jiġu spezzjonati mill-awtoritajiet kompetenti qabel ma jitilqu miż-żona tas-sajd billi jittieħdu kampjuni fil-port ta' Nouadhibou jew dak ta' Nouakchott.

1.10. Dawn il-kontrolli ma għandhomx idumu aktar minn sitt sigħat għall-ispeċijiet pelaġiċi (il-kategoriji 6 u 7) u aktar minn tliet sigħat għall-kategoriji l-oħra, ħlief għal raġunijiet eċċezzjonali.

1.11. In-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu ta' hawn fuq twassal għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet applikabbli skont il-liġi tal-Mauritania:

1.12. F'każ li l-bastiment li jkun wettaq l-offiża jaħrab, il-Ministeru għandu jinforma lill-Unjoni u lill-Istat Membru tal-bandiera sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati s-sanzjonijiet previsti fil-paragrafu 1.11 ta' hawn fuq.

2. Dispożizzjonijiet relatati mal-ispezzjoni fil-baħar u fil-port

2.1. Il-Mauritania għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-ispezzjonijiet imwettqa fil-baħar u fil-port abbord il-bastimenti tal-Unjoni skont dan il-Ftehim:

a) jitwettqu minn bastimenti u/jew minn uffiċjali ta' kontroll tal-Istat tal-Mauritania li huma awtorizzati u identifikati b'mod ċar bħala li huma assenjati mill-Mauritania għall-kontroll tas-sajd. Kull uffiċjal tal-kontroll għandu jkun imħarreġ fil-kontroll tas-sajd u jkollu fuqu karta tas-servizz maħruġa mill-Mauritania li tindika l-identità u l-kwalifiki tiegħu;

b) ma jikkompromettu bl-ebda mod is-sikurezza tal-bastiment u tal-ekwipaġġ.

2.2. Għal spezzjoni fil-baħar, l-uffiċjali tal-kontroll ma jistgħux jitilgħu abbord il-bastiment tal-Unjoni mingħajr notifika minn qabel trażmessa bir-radju tal-VHF jew bl-użu tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali. Kull mezz tat-trasport użat għall-ispezzjoni jrid ikollu fuqu, b'mod ċar u viżibbli, bandiera uffiċjali jew simbolu li juri li qed iwettaq kompiti ta' spezzjoni tas-sajd f'isem il-Mauritania.

2.3. Il-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni għandu jiffaċilita t-tlugħ abbord u l-ħidma tal-uffiċjali tal-kontroll. Huwa meħtieġ li jikkoopera mal-uffiċjali tal-kontroll tas-sajd.

2.4. L-ispezzjoni għandha titwettaq minn għadd ta' uffiċjali tal-kontroll adattat għaċ-ċirkostanzi tal-ispezzjoni, li għandhom juru l-identità u l-kwalifiki tagħhom qabel ma jwettqu l-ispezzjoni.

2.5. L-uffiċjali tal-kontroll jistgħu jeżaminaw kwalunkwe spazju, tagħmir, irkaptu tas-sajd, qabda, dokument u reġistru tat-trażmissjonijiet li jqisu meħtieġa biex jiżguraw il-konformità ma' dan il-Ftehim. Huma jistgħu wkoll jinterrogaw lill-kaptan,

lill-membri tal-ekwipaġġ, jew lill-persuni l-oħra kollha li jkunu abbord il-bastiment spezzjonat. Huma jistgħu jagħmlu kopja ta' kull dokument li jqisu li huwa rilevanti.

2.6. L-uffiċjali tal-kontroll ma jistgħux jinterferixxu mad-dritt tal-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni li jikkomunika mas-sid u/jew mal-awtorità tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment.

2.7. L-uffiċjali tal-kontroll għandhom jibqgħu abbord il-bastiment tal-Unjoni għall-ħin meħtieġ biex iwettqu l-kompiti ta' spezzjoni biss. F'kull każ, l-ispezzjoni ma għandhiex iddum iktar minn tliet sigħat fil-każ tal-bastimenti użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku u siegħa u nofs fil-każ tal-bastimenti użati għall-kategoriji l-oħra kollha, ħlief jekk dan ikun assolutament meħtieġ.

2.8. L-uffiċjali ta' kontroll għandhom iwettqu l-ispezzjoni b'tali mod li jimminimizzaw l-impatt fuq il-bastiment, l-attività tas-sajd u l-merkanzija tiegħu, kif ukoll fuq l-operazzjonijiet tal-ħatt jew tat-trasbord.

2.9. Il-Mauritania għandha tiżgura li kull ilment relatat mal-ispezzjoni ta' bastiment tal-Unjoni jiġi ttrattat b'mod ġust u bir-reqqa, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

2.10. Il-Mauritania tista' tawtorizza lill-Unjoni tipparteċipa fl-ispezzjoni fil-baħar u fil-port bħala osservatur.

2.11. Fi tmiem kull spezzjoni, l-uffiċjali tal-kontroll għandhom iħejju rapport ta' spezzjoni li jkun fih ir-riżultati tal-ispezzjoni u l-ksur li nstab u kull miżura sussegwenti li tista' tittieħed mill-Mauritania.

2.12. Il-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni għandu d-dritt iżid il-kummenti tiegħu fir-rapport tal-ispezzjoni.

2.13. Ir-rapport tal-ispezzjoni jrid jiġi ffirmat mill-kap tat-tim ta' kontroll li jfassal ir-rapport u mill-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni. Il-firma tal-kaptan timplika biss li huwa rċieva kopja tar-rapport. Jekk il-kaptan jirrifjuta li jiffirma r-rapport tal-ispezzjoni, għandu jikteb ir-raġunijiet għal dan fir-rapport stess, flimkien mal-frażi "nirrifjuta li niffirma".

2.14. Meta r-rapport jitfassal bl-idejn, il-kitba trid tkun tinqara u trid tintuża linka li ma titħassarx.

2.15. L-uffiċjali tal-kontroll jeħtiġilhom jipprovdu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni qabel ma jħallu l-bastiment. Il-Mauritania għandha tibgħat kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-Unjoni fi żmien sebat ijiem (spezzjoni fil-baħar) jew 48 siegħa (spezzjoni fil-port) wara l-ispezzjoni, irrispettivament mir-riżultat tal-ispezzjoni.

3. Sistema ta' monitoraġġ konġunt tal-kontrolli fuq l-art u fil-baħar

3.1. Iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ konġunt tal-kontrolli fuq l-art u fil-baħar. Għal dan il-għan, huma għandhom jaħtru rappreżentanti li jattendu l-attivitajiet ta' kontroll u ta' spezzjoni mwettqin mis-servizzi nazzjonali rispettivi tal-kontroll u li jistgħu jagħmlu osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

3.2. Dawn ir-rappreżentanti għandu jkollhom:

— kwalifika professjonali;

— esperjenza adegwata fil-qasam tas-sajd;

— għarfien approfondit tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u ta' dan il-Protokoll.

3.3. Meta dawn ir-rappreżentanti jassistu fl-ispezzjonijiet, dawn jitwettqu mis-servizzi nazzjonali tal-kontroll u dawn ir-rappreżentanti ma jistgħux, fuq l-inizjattiva tagħhom, jeżerċitaw drittijiet ta' spezzjoni mogħtija lill-uffiċjali nazzjonali.

3.4. Meta dawn ir-rappreżentanti jakkumpanjaw lill-uffiċjali nazzjonali, għandu jkollhom aċċess għall-bastimenti, il-postijiet u d-dokumenti li jkunu qed jiġu spezzjonati mill-uffiċjali, sabiex jiġbru l-informazzjoni mhux personali meħtieġa biex iwettqu ħidmiethom.

3.5. Ir-rappreżentanti għandhom jakkumpanjaw lis-servizzi nazzjonali tal-kontroll fiż-żjarat tagħhom fil-portijiet abbord il-bastimenti mal-moll, fiċ-ċentri tal-irkant pubbliku, fil-ħwienet tal-bejjiegħa bl-ingrossa, fl-imħażen refriġerati u f'postijiet oħra għall-ħatt u l-ħżin tal-ħut qabel ma jitqiegħed fis-suq u jibda jinbiegħ.

3.6. Ir-rappreżentanti jippreparaw u jippreżentaw rapport kull erba' xhur rigward il-kontrolli li huma jkunu assistew fihom. Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti. Dawk l-awtoritajiet għandhom jipprovdu kopja lill-Parti l-oħra.

3.7. Iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jwettqu spezzjonijiet konġunti.

3.8. Ir-rappreżentant fl-operazzjonijiet ta' kontroll konġunt għandu jirrispetta l-materjal u t-tagħmir abbord il-bastimenti u faċilitajiet oħra, kif ukoll il-kunfidenzjalità tad-dokumenti kollha li jkollu aċċess għalihom. Iż-żewġ Partijiet jaqblu li jiżguraw kunfidenzjalità stretta matul attivitajiet bħal dawn.

3.9. Dan il-programm għandu japplika għall-portijiet tal-ħatt tal-Unjoni u għall-portijiet tal-Mauritania.

3.10. Kull Parti għandha tħallas l-ispejjeż kollha tar-rappreżentant tagħha f'operazzjonijiet ta' kontroll konġunt, inklużi l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u s-sussistenza.

4. Sorveljanza parteċipattiva fil-ġlieda kontra s-sajd IUU

4.1 Sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra s-sajd IUU, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jirrappurtaw il-preżenza ta' kwalunkwe bastiment fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania involut f'attivitajiet suspettużi li jistgħu jikkostitwixxu sajd IUU, filwaqt li jipprovdu kemm jista' jkun informazzjoni dwar dak li jkun ġie osservat. Ir-rapporti tal-osservazzjoni għandhom jintbagħtu mingħajr dewmien b'mezz elettroniku lill-awtoritajiet tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (il-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania) u lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tal-osservazzjoni, li għandha tibgħathom minnufih lill-Unjoni jew lill-korp maħtur minnha.

4.2. Il-Mauritania għandha tibgħat lill-Unjoni kull rapport ta' osservazzjoni li jkollha dwar il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni involuti f'attivitajiet li jistgħu jikkostitwixxu sajd IUU fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania.

KAPITOLU VII

KSUR

1. Rapport taż-żjara u dikjarazzjoni ta' ksur

1.1. Kwalunkwe ksur li jinstab kontra bastiment tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq sejba oġġettiva u materjali mill-aġenti tal-kontroll ta' fatti li jippermettu li jiġi kkwalifikat dak il-ksur. Ma jistax ikun hemm biss suspett ta' ksur.

1.2. Ir-rapport tal-ispezzjoni jrid jiġi ffirmat mill-kaptan tal-bastiment, li jista' jesprimi t-tħassib tiegħu, u għandha tingħatalu kopja tiegħu minnufih mit-tim ta' kontroll, f'konformità mal-paragrafu 2.15 tal-Kapitolu VI. Din il-firma ma tippreġudikax id-drittijiet tal-kaptan u l-mezzi ta' difiża li huwa jista' juża fil-konfront tal-ksur tar-regoli li bih ikun qed jiġi akkużat.

1.3. Id-dikjarazzjoni ta' ksur għandha titfassal mill-kap tal-unità li tkun wettqet l-ispezzjoni b'mod ġust fuq il-bażi tal-ksur misjub u rreġistrat fir-rapport tal-ispezzjoni mfassal wara l-ispezzjoni tal-bastiment. Ma' din id-dikjarazzjoni jrid ikun hemm il-provi materjali li jippermettu li wieħed jiġġustifika b'mod oġġettiv li verament seħħ il-ksur stabbilit.

1.4. Il-konformità tal-karatteristiċi li joħorġu mill-ispezzjoni teknika (il-Kapitolu II) għandha titqies waqt l-ispezzjoni.

2. Notifika tal-ksur

2.1. Fil-każ ta' ksur, il-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania għandha tgħarraf, permezz ta' ittra, u mill-aktar fis possibbli, id-dikjarazzjoni ta' ksur lir-rappreżentant tal-bastiment flimkien mar-rapport tal-ispezzjoni. Il-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania għandha tgħarraf lill-Unjoni b'dan mill-aktar fis possibbli b'mezz elettroniku u għandha tibgħat id-dokumenti rilevanti lill-Unjoni.

2.2. F'każ ta' ksur li ma jistax jitwaqqaf fil-baħar, il-kaptan, fuq talba tal-unitajiet ta' kontroll kompetenti, jeħtieġ li jieħu l-bastiment tiegħu fil-port indikat (ridirezzjonar tar-rotta). Il-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania għandha tinforma lill-Unjoni b'dan mingħajr dewmien. Fil-każ ta' ksur irrikonoxxut mill-kaptan, li jista' jitwaqqaf fuq il-baħar, il-bastiment ikun jista' jkompli jistad. Fiż-żewġ każijiet, wara li jieqaf il-ksur, il-bastiment ikun jista' jkompli jistad.

3. Soluzzjoni tal-ksur mingħajr tibdil fir-rotta tal-bastiment

3.1. Skont dan il-Protokoll, ir-reati jistgħu jiġu solvuti kemm bi proċedura ta' ftehim bonarju, kif ukoll bi proċedura ġudizzjarja.

3.2. Qabel ma jissolva l-ksur u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara n-notifika tal-ksur, l-Unjoni għandha tirċievi mill-Mauritania l-informazzjoni dettaljata kollha relatata mal-fatti li fuqhom huwa bbażat il-ksur u ma' kull azzjoni ta' segwitu.

3.3. Il-Kumitat tal-Ħlas għandu jitlaqqa' mill-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania. L-informazzjoni kollha relatata mal-progress tal-proċedura ta' soluzzjoni amikevoli jew ġudizzjarja relatata ma' ksur imwettaq minn bastimenti tal-Unjoni għandha tiġi kkomunikata lill-Unjoni mill-aktar fis possibbli. Jekk ikun meħtieġ, is-sid jista' jiġi rrappreżentat fil-Kumitat tal-Ħlas minn żewġ persuni b'deroga tal-President tal-Kumitat imsemmi. Is-sid huwa awtorizzat jippreżenta l-argumenti tiegħu u jipproduċi kull informazzjoni supplimentari dwar iċ-ċirkustanzi tas-sitwazzjoni.

3.4. Ir-riżultati tal-Kumitat tal-Ħlas għandhom jiġu mgħarrfa b'mod elettroniku mill-aktar fis possibbli lis-sid tal-bastiment jew lir-rappreżentant tiegħu kif ukoll lill-Unjoni permezz tad-Delegazzjoni.

3.5. Il-ħlas eventwali tal-multa għandu jsir permezz ta' trasferiment ta' fondi sa mhux aktar tard minn 30 jum wara l-ftehim bonarju. F'każ li l-bastiment ikun irid joħroġ miż-żona tas-sajd tal-Mauritania, il-ħlas irid ikun sar qabel dan il-ħruġ. L-irċevuta tat-Teżor Pubbliku, jew fin-nuqqas ta' dan, trasferiment SWIFT awtentikat mill-Bank Ċentrali tal-Mauritania (BĊM) fil-ġranet mhux tax-xogħol, għandhom iservu bħala prova tal-ħlas tal-multa.

3.6. Jekk il-proċedura bonarja ma tirnexxix, il-Ministeru għandu jibgħat il-fajl mill-aktar fis possibbli lill-Prosekutur tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania. F'każ ta' sentenza ġudizzjarja li twassal għal multa, il-ħlas tal-multa għandu jsir permezz ta' trasferiment ta' fondi sa mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tranżazzjoni. L-irċevuta tat-Teżor Pubbliku, jew fin-nuqqas ta' dan, trasferiment SWIFT awtentikat mill-Bank Ċentrali tal-Mauritania (BĊM) fil-ġranet mhux tax-xogħol, għandhom iservu bħala prova tal-ħlas tal-multa.

4. Soluzzjoni tal-ksur b'tibdil fir-rotta tal-bastiment

4.1. Il-bastiment li jkun suġġett għal tibdil fir-rotta wara li jkun instab ksur għandu jinżamm fil-port sa ma titlesta l-proċedura bonarja.

4.2. Qabel ma titwettaq kull proċedura ġudizzjarja, għandha tipprova tinstab soluzzjoni bonarja għall-ksur allegat bil-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 3.3 sa 3.5. Din il-proċedura għandha titlesta sa mhux iktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol wara li jibda t-tibdil fir-rotta tal-bastiment.

4.3. Qabel il-proċedura bonarja u fi żmien 48 siegħa mid-data tal-bidu tat-tibdil fir-rotta tal-bastiment, l-Unjoni għandha tirċievi mingħand il-Mauritania l-informazzjoni dettaljata kollha relatata mal-fatti li fuqhom huwa bbażat il-ksur u ma' kull azzjoni ta' segwitu.

4.4. Jekk il-proċedura bonarja ma tirnexxix, il-Ministeru għandu jibgħat il-fajl mingħajr dewmien lill-Prosekutur tar-Repubblika. F'każ ta' sentenza ġudizzjarja li twassal għal multa, il-ħlas tal-multa għandu jsir skont il-punt 3.6.

4.5. Skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, sid il-bastiment għandu jagħmel garanzija bankarja li l-ammont tagħha jkun stabbilit mill-awtorità jew mit-tribunal kompetenti fi żmien 72 siegħa minn x'ħin tintemm il-proċedura bonarja u li tkun tqis l-ispejjeż li jkunu ġejjin mit-tlugħ abbord il-bastiment għall-ispezzjoni, kif ukoll l-ammont tal-multi u tal-kumpens li jrid iħallas min ikun wettaq il-ksur. Il-garanzija bankarja għandha tkun irrevokabbli sakemm tintemm il-proċeduri legali. Hija għandha tiġi rrilaxxata jekk il-proċedura tintemm mingħajr kundanna. Bl-istess mod, f'każ ta' kundanna li twassal għal multa li tkun inqas mill-garanzija ddepożitata, id-differenza għandha tiġi rrilaxxata mill-awtorità kompetenti tal-Mauritania.

4.6. Il-bastiment jiġi rilaxxat:

a) jew meta jitwettqu l-obbligi miftehma waqt il-proċedura bonarja;

b) jew mal-preżentazzjoni tal-garanzija bankarja msemmija fil-paragrafu 4.5 hawn fuq u l-aċċettazzjoni tagħha mill-Ministeru, sakemm jitlestew il-proċeduri legali. L-irċevuta tat-Teżor Pubbliku, jew fin-nuqqas ta' dan,

trasferiment SWIFT awtentikat mill-Bank Ċentrali tal-Mauritania (BĊM) fil-ġranet mhux tax-xogħol, għandhom iservu bħala prova tal-ħlas tal-garanzija.

5. Skambju ta' informazzjoni dwar il-kontrolli u l-ksur

Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jsaħħu l-proċeduri meħtieġa sabiex ikun hemm djalogu kontinwu dwar l-azzjonijiet ta' kontroll imwettqin, il-fajls dwar il-ksur tar-regoli li jkunu miftuħin, ir-riżultati tal-proċeduri bonarji u ġudizzjarji u kull diffikultà marbuta mat-twettiq tal-kontrolli u mal-monitoraġġ tal-fajls dwar il-ksur tar-regoli.

KAPITOLU VIII

SISTEMA TA' MONITORAĠĠ BIS-SATELLITA (VMS)

1. Messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti — is-sistema tal-VMS

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-VMS applikabbli għall-bastimenti Ewropej, meta dawn ikunu fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania, il-bastimenti tal-Unjoni jridu jkunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ bis-satellita (Vessel Monitoring System — VMS) fis-seħħ fil-Mauritania. Din is-sistema għandha tiżgura l-komunikazzjoni awtomatika u kontinwa tal-pożizzjoni tagħhom il-ħin kollu liċ-ċentru ta' sorveljanza tal-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania (GCM).

2. Arranġamenti għat-trażmissjoni lill-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania

2.1. Kull messaġġ dwar il-pożizzjoni għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

a) l-identifikazzjoni tal-bastiment;

b) l-aktar pożizzjoni ġeografika riċenti tal-bastiment (il-lonġitudni u l-latitudni), b'marġni ta' żball tal-pożizzjoni ta' inqas minn 100 metru, u b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %;

c) id-data u l-ħin li fihom tkun ġiet irreġistrata l-pożizzjoni;

d) il-veloċità tal-bastiment u d-direzzjoni li fiha jkun qed jivvjaġġa;

2.2. Is-sistema ta' monitoraġġ għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet indikati fl-Appendiċi 7.

2.3. L-FMC tal-Mauritania huwa responsabbli għall-ipproċessar awtomatiku tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni.

3. Trażmissjoni min-naħa tal-bastiment f'każ ta' ħsara fis-sistema tal-VMS

3.1. Il-kaptan għandu jiżgura f'kull ħin li s-sistema tal-VMS tal-bastiment tiegħu tkun qed taħdem bis-sħiħ u li l-messaġġi dwar il-pożizzjoni jiġu trażmessi b'mod korrett lill-FMC tal-Mauritania u lill-Istat tal-bandiera.

3.2. Fil-każ ta' ħsara teknika jew ħsara li taffettwa t-tagħmir permanenti ta' monitoraġġ permezz tas-satellita installat abbord il-bastiment tas-sajd, il-kaptan ta' dak il-bastiment għandu jgħarraf minnufih lill-Mauritania b'kull funzjonament ħażin fil-komunikazzjoni u fil-wasla tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni, bil-għan li tinstab soluzzjoni teknika malajr kemm jista' jkun. Huwa għandu jibgħat l-informazzjoni

prevista fil-paragrafu 2.1 permezz tal-posta elettronika, tar-radju jew tal-faks kull erba' sigħat lill-GCM, lir-rispondent tagħha bbażat fuq l-art u lill-FMC tal-Istat tal-bandiera.

3.3. F'każ ta' ħsara jew funzjonament ħażin tas-sistema tal-VMS abbord bastiment, il-kaptan u/jew is-sid għandhom jiżguraw li s-sistema tal-VMS tissewwa jew tiġi mibdula fi żmien ħamest ijiem. Wara dan il-perjodu, il-bastiment ikkonċernat għandu jerġa' jirritorna f'wieħed mill-portijiet tal-Mauritania. Jekk il-bastiment jidħol f'port tal-Mauritania fi żmien dan il-perjodu ta' ħamest ijiem, ikun jista' jerġa' jibda l-attivitajiet tas-sajd tiegħu fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania biss ladarba s-sistema tal-VMS tiegħu tkun qed taħdem b'mod perfett.

3.4. Il-kaptan tal-bastiment għandu jitqies responsabbli għal kwalunkwe manipulazzjoni ppruvata tal-VMS tal-bastiment li tfixkel l-operat tagħha jew tiffalsifika l-messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastiment. Kull ksur għandu jkun suġġett għas-sanzjonijiet previsti mil-liġi tal-Mauritania.

3.5. Bastiment tas-sajd jista' jitlaq minn port wara li jkollu nuqqas tekniku fis-sistema tal-VMS tiegħu biss jekk jirċievi l-awtorizzazzjoni tal-Mauritania fuq talba tal-Istat tal-bandiera trażmessa permezz tad-Delegazzjoni tal-Unjoni.

4. Il-pożizzjoni tal-bastiment permezz ta' interrogazzjoni (polling)

Għandu jkun possibbli li jiġi interrogat it-terminal tal-VMS fi kwalunkwe ħin mill-FMC tal-Mauritania (servizz ta' polling). F'kull waħda minn dawn it-talbiet, it-terminal tal-VMS għandu jkun jista' jipprovdi d-*data* attwali dwar il-pożizzjoni tal-bastiment tas-sajd f'ħin reali. L-għan huwa li jinkisbu l-pożizzjonijiet f'ħin reali flimkien ma' pożizzjonijiet regolatorji (pożizzjoni waħda fis-siegħa).

KAPITOLU IX

TLUGĦ ABBORD TAL-baħħara TAL-MAURITANIA

1. Matul l-attività tas-sajd tiegħu fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania, kull bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu jtella' abbord baħħara ikkwalifikati maħtura mill-kustodju tal-bastiment, bi qbil ma' sid il-bastiment, mill-ismijiet li jidhru fil-lista aġġornata mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania u stabbilita abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi 11. In-numru ta' baħħara li għandhom jittellgħu abbord huwa speċifikat fil-paragrafu 1 tal-Appendiċi 11.

2. Kull xahar, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għandhom jipprovdu lis-sidien tal-bastimenti jew lill-aġenti tagħhom b'lista tal-baħħara ikkwalifikati maħtura mill-awtoritajiet kompetenti tal-Mauritania. Jekk sid il-bastiment, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Mauritania, ma jsib l-ebda baħħar ikkwalifikat disponibbli fuq il-lista, f'konformità mad-direttivi stabbiliti, sid il-bastiment għandu jinħeles minn dan l-obbligu u mill-obbligi relatati previsti f'dan il-Kapitolu, inkluż il-ħlas tal-kumpens b'rata fissa previst fil-paragrafu 11.

3. Jekk ikun possibbli, is-sidien tal-bastimenti għandhom itellgħu abbord apprendisti minflok l-obbligu msemmi hawn fuq dwar it-tlugħ abbord tal-baħħara tal-Mauritania. L-apprendisti kwalifikati jistgħu jinħatru mir-rappreżentant tal-bastiment tal-Unjoni, bi qbil ma' sid il-bastiment, mill-ismijiet fil-lista ppreżentata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Mauritania.

4. Is-sid jew ir-rappreżentant tal-bastiment għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Mauritania l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-baħħara tal-Mauritania li jistgħu jitilgħu abbord il-bastiment tal-Unjoni kkonċernat, filwaqt li jindikaw il-pożizzjoni tagħhom fil-lista tal-ekwipaġġ għal kull vjaġġ, f'konformità mal-Appendiċi 11.

5. Id-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u l-konvenzjonijiet rilevanti l-oħra tal-ILO għandhom japplikaw bi dritt għall-baħħara tal-Mauritania abbord il-bastimenti tal-Unjoni. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjieg u x-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord il-bastimenti tas-sajd.

6. F'każ ta' tlugħ abbord ta' baħħara tal-Mauritania, għandhom jiġu stabbiliti kuntratti tax-xogħol bejn ir-rappreżentant tas-sidien tal-bastimenti u l-baħħara b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Mauritania. Dawn il-kuntratti għandhom jiggarantixxu lill-baħħara tal-Mauritania l-kopertura tas-sigurtà soċjali dovuta lilhom skont il-liġi applikabbli għall-kuntratt tagħhom, inklużi l-assigurazzjoni kontra l-mard u l-inċidenti, il-benefiċċji tal-irtirar, il-leave mħallas, u l-kumpens għat-tmiem tal-kuntratt kif ukoll il-paga bażika li għandu jitħallas skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu. Il-kuntratti tal-impjieg għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Appendiċi 11. Għandha tingħata kopja tal-kuntratt lill-firmatarji u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Mauritania, f'konformità mal-Appendiċi 11.

7. F'każ li l-baħħara tal-Mauritania jittellgħu abbord, il-pagi tagħhom għandhom jitħallsu mis-sidien tal-bastimenti. Il-kundizzjonijiet tal-paga bażika, jiġifieri l-paga minima qabel iż-żieda tal-bonuses, mogħtija lill-baħħara tal-Mauritania għandhom jiġu stabbiliti jew abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Mauritania jew abbażi tal-istandard minimu stabbilit mill-ILO għall-baħħara, skont liema jkun l-ogħla. Il-benefiċċji l-oħra ma għandhomx ikunu inqas minn dawk applikati għall-baħħara minn pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) oħra li jwettqu funzjonijiet simili.

8. Il-kustodju għandu jitqies bħala r-rappreżentant lokali ta' sid il-bastiment.

9. Jekk ikun il-każ, l-ispejjeż tal-mobilizzazzjoni u d-demobilizzazzjoni kif ukoll ta' ripatrijazzjoni tal-baħħara mill-port tat-tlugħ abbord jew tal-inżul lejn il-post tar-residenza abitwali tagħhom għandhom jitħallsu minn sid il-bastiment.

10. Il-baħħara kollha tal-Mauritania impjegati abbord il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jippreżentaw ruħhom quddiem il-kaptan tal-bastiment maħtur lejliet id-data proposta għat-tlugħ abbord. F'każ li baħħar mill-Mauritania jonqos milli jippreżenta ruħu fid-data u l-ħin previsti għat-tlugħ abbord, is-

sidien tal-bastimenti jinħelsu awtomatikament mill-obbligu tagħhom li jtellgħu lill-baħħar abbord.

11. Meta l-għadd ta' baħħara tal-Mauritania kkwalifikati abbord il-bastimenti tal-Unjoni ma jilħaqx il-livell minimu previst fil-paragrafu 1 għal raġunijiet differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafu 10, sid il-bastiment għandu jħallas kumpens b'rata fissa ta' EUR 20 għal kull baħħar li ma jittellax abbord għal kull jum tal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania. L-ammont b'rata fissa għandu jitħallas lill-awtoritajiet tal-Mauritania sa mhux aktar tard minn 90 jum wara t-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd.

12. F'każ li jkun hemm xi diffikultà fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, iż-żewġ Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin, fosthom waqt laqgħa tal-Kumitat Konġunt, sabiex jaqsmu bejniethom l-informazzjoni kollha li tista' tkun utli dwar din l-applikazzjoni u jidentifikaw l-iktar soluzzjonijiet adattati biex jingħelbu dawn id-diffikultajiet.

KAPITOLU X

OSSERVATURI XJENTIFIĊI

1. Għandha tiġi stabbilita sistema ta' osservazzjoni xjentifika abbord il-bastimenti tal-Unjoni. Għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn, din is-sistema għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti adottati mill-ICCAT.

2. Il-bastimenti tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania skont dan il-Protokoll għandhom itellgħu abbord osservaturi, maħtura bħala "osservaturi xjentifiċi" mill-awtoritajiet tal-Mauritania. Ir-riżultat tax-xogħol ta' dawn l-osservaturi jista' jintuża eżklużivament għal skopijiet xjentifiċi.

3. Il-Partijiet jaqblu li jtellgħu osservaturi abbord skont in-numru u l-frekwenza stabbiliti fl-iskedi informattivi fl-Appendiċi 2. Il-bastimenti li jridu jtellgħu abbord l-osservaturi xjentifiċi tal-Mauritania, ħlief għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn [bit-tartaruni] li għalihom jintalab it-tlugħ abbord mill-Ministeru, għandhom jiġu deċiżi bi qbil komuni bejn iż-żewġ partijiet. F'kull każ, jista' jittella' biss osservatur xjentifiku wieħed għal kull bastiment.

4. Ħlief għall-kategorija 6 (ħut pelaġiku żgħir), it-tul ta' żmien tat-tlugħ abbord ta' osservatur xjentifiku abbord bastiment ma għandux jaqbeż vjaġġ wieħed. Madankollu, fuq talba espliċita ta' kwalunkwe Parti, dan it-tlugħ abbord jista' jiġi estiż għal diversi vjaġġi skont it-tul medju tal-vjaġġi previsti għal bastiment partikolari.

5. Il-Ministeru għandu jinforma lill-Unjoni permezz tad-Delegazzjoni bl-ismijiet tal-osservaturi xjentifiċi maħtura, flimkien mad-dokumenti meħtieġa, mill-inqas sebat ijiem tax-xogħol qabel id-data skedata għat-tlugħ abbord tagħhom.

6. L-ispejjeż kollha marbuta mal-attivitajiet tal-osservaturi xjentifiċi, inklużi l-paga, ir-remunerazzjoni, u l-kumpensi tal-osservatur għandhom jitħallsu mill-Ministeru.

7. Il-Ministeru għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex l-osservatur xjentifiku jitla' abbord u jinżel mill-bastiment.

8. Il-kundizzjonijiet tal-osservatur xjentifiku abbord il-bastiment għandhom ikunu l-istess bħal dawk tal-uffiċjali tal-bastiment.

9. L-osservatur xjentifiku għandu jingħata l-faċilitajiet kollha meħtieġa biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu. Il-kaptan għandu jagħtih aċċess għall-mezzi tal-komunikazzjoni meħtieġa biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, għad-dokumenti marbutin direttament mal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment, jiġifieri l-ġurnal ta' abbord tas-sajd, il-ġurnal tas-sajd supplimentari u l-ġurnal tan-navigazzjoni, kif ukoll għall-partijiet tal-bastiment meħtieġa biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol ta' osservazzjoni tiegħu.

10. L-osservatur xjentifiku jrid jippreżenta ruħu quddiem il-kaptan tal-bastiment maħtur lejliet id-data stabbilita għat-tlugħ abbord tiegħu. Jekk l-osservatur xjentifiku ma jippreżentax ruħu, il-kaptan tal-bastiment għandu jinforma lill-Ministeru u lill-Unjoni. F'dan il-każ, il-bastiment għandu l-jedd jitlaq mill-port. Madankollu, il-Ministeru jista', mingħajr dewmien u bi spejjeż tiegħu, itella' abbord osservatur xjentifiku ġdid, mingħajr ma jtellef l-attività tas-sajd tal-bastiment.

11. L-osservatur xjentifiku jrid ikollu:

(a) ordni ta' vvjaġġar imfassla mill-istituzzjoni xjentifika,

(b) esperjenza adegwata fil-qasam tas-sajd,

(c) għarfien profond tal-protokoll tal-osservazzjoni xjentifika vvalidat tas-CSC u d-dispożizzjonijiet dwar l-osservazzjoni xjentifika ta' dan il-Protokoll.

12. Għal skopijiet xjentifiċi, l-osservatur xjentifiku għandu jiżgura l-ġbir tad-*data* dwar l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania. Huwa għandu jħejji rapport dwar dan. B'mod partikolari, għandu:

(a) josserva l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti,

(b) jivverifika l-pożizzjoni tal-bastimenti li jkunu qed iwettqu attivitajiet tas-sajd,

(c) jieħu kampjuni bijoloġiċi bħala parti minn programmi xjentifiċi,

(d) iżomm rekord dwar l-irkaptu tas-sajd u d-daqs tal-malji tal-ixbieki użati,

13. Il-kompiti kollha ta' osservazzjoni huma limitati għall-attivitajiet tas-sajd u għall-attivitajiet relatati li huma rregolati minn dan il-Protokoll.

14. F'konformità mal-paragrafu 3, il-Partijiet jaqblu li, sa fejn ikun possibbli, it-tlugħ abbord għandu jkopri l-vjaġġ kollu (it-tlugħ abbord fil-bidu u l-inżul fl-aħħar), sabiex tkun tista' tintuża d-*data* tal-vjaġġ sħiħ għall-ponderazzjoni kif

ukoll biex jiġu evitati interruzzjonijiet li jistgħu jfixklu d-dinamika tal-attività tas-sajd kummerċjali.

15. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jippjanaw osservazzjonijiet biex ikopru ċ-ċiklu tal-attività annwali (minn Jannar sa Diċembru).

16. Sabiex jiġu ottimizzati l-isforzi u jiġu evitati koinċidenzi spazjali u temporali jew saħansitra duplikazzjonijiet, iż-żewġ Partijiet għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni bejn il-programmi ta' osservazzjoni nazzjonali, reġjonali u Ewropej (SFPAs). Għal dan il-għan, huma għandhom jimplimentaw sistema ta' rotazzjoni komuni għal dawn il-programmi (osservatur wieħed fuq bastiment wieħed waqt vjaġġ).

17. L-osservaturi jenħtieġ li jiġu sostitwiti bejn żewġ vjaġġi biex jiġi evitat li jaħdmu għal perjodi twal wisq.

18. Il-metodoloġija tax-xogħol, l-aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati mill-osservatur xjentifiku u l-kompiti tal-osservatur huma deskritti fil-Manwali għall-użu tal-osservaturi xjentifiċi abbord fl-ilmijiet tal-Punent tal-Afrika, għall-erba' tipi ta' ħut: gambli, merluzz, ċefalopodi, pelaġiċi.

19. Fi tmiem il-perjodu ta' osservazzjoni u qabel ma jinżel minn fuq il-bastiment, l-osservatur xjentifiku għandu jagħmel rapport skont il-mudell li jidher fl-Appendiċi 11 ta' dan l-Anness. Għandu jiffirmah fil-preżenza tal-kaptan li jista' jżid jew jara li jiżdiedu l-osservazzjonijiet kollha li jidhirlu li jkunu utli u jiffirmahom. Għandha tingħata kopja tar-rapport lill-kaptan tal-bastiment meta l-osservatur xjentifiku jinżel l-art, kif ukoll lill-Ministeru u lill-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU XI

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAS-SAJD SPERIMENTALI

1. Iż-żewġ Partijiet għandhom jiddeċiedu flimkien dwar (i) l-operaturi Ewropej li jistgħu jipprattikaw is-sajd sperimentali; (ii) il-perjodu l-aktar adattat għal dan il-għan; u (iii) l-kundizzjonijiet li japplikaw. Sabiex jiffaċilita l-ħidma esploratorja tal-bastimenti, il-Ministeru għandu jibgħat l-informazzjoni xjentifika u *data* fundamentali oħra disponibbli. Iż-żewġ partijiet għandhom jaqblu dwar il-Protokoll xjentifiku li għandu jintuża bħala bażi għal sajd sperimentali bħal dan, u li għandu jintbagħat lill-operaturi kkonċernati.

2. Is-settur tas-sajd tal-Mauritania għandu jkun involut mill-qrib (koordinazzjoni u djalogu dwar il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tas-sajd sperimentali).

3. It-tul tal-istaġuni tas-sajd għandu jkun ta' mill-inqas tliet xhur u ta' mhux aktar minn sitt xhur, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor bi ftehim bejn il-Partijiet.

4. L-Unjoni għandha tibgħat l-applikazzjonijiet għall-ħruġ tal-liċenzji għas-sajd sperimentali lill-Mauritania. Hija għandha tibgħat fajl tekniku li jispeċifika:

   (a) il-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment;

   (b) il-livell ta' għarfien espert tal-uffiċjali tal-bastiment b'rabta mas-sajd;

(c) il-proposta għall-parametri tekniċi tal-vjaġġ (it-tul, l-irkaptu, ir-reġjuni ta' esplorazzjoni, eċċ.);

(d) il-metodu ta' finanzjament.

5. Jekk ikun meħtieġ, il-Mauritania għandha torganizza djalogu dwar l-aspetti tekniċi u finanzjarji mal-Unjoni u, fejn xieraq, mas-sidien ikkonċernati.

6. Qabel ma jibda l-istaġun tas-sajd sperimentali, il-bastiment tal-Unjoni għandu jirrapporta f'port tal-Mauritania sabiex jiġi suġġett għall-ispezzjonijiet previsti fil-paragrafu 6 tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness.

7. Qabel il-bidu tal-kampanja, is-sidien tal-bastimenti għandhom jipprovdu lill-Mauritania u lill-Unjoni:

(a) dikjarazzjoni tal-qabdiet li jkunu diġà abbord,

(b) il-karatteristiċi tekniċi tal-irkaptu tas-sajd li jkun se jintuża matul il-kampanja tas-sajd sperimentali,

(c) garanzija li huma se jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti tal-Mauritania marbutin mas-sajd.

8. Matul l-istaġun fil-baħar, is-sidien ikkonċernati għandhom:

(a) jibagħtu lill-Ministeru u lill-Unjoni rapport kull ġimgħa dwar il-qabdiet li jsiru kuljum u għal kull refgħa, filwaqt li jispeċifikaw il-parametri tekniċi tal-kampanja (il-pożizzjoni, il-fond, id-data u l-ħin, il-qabdiet u osservazzjonijiet jew kummenti oħra),

(b) jindikaw il-pożizzjoni, il-veloċità u r-rotta tal-bastiment permezz tal-VMS,

(c) jaraw li jkun hemm osservatur xjentifiku abbord li jkun ċittadin tal-Mauritania jew li jkun intgħażel mill-awtoritajiet tal-Mauritania. Ir-rwol tal-osservatur huwa li jiġbor informazzjoni xjentifika mill-qabdiet kif ukoll li jieħu kampjuni minnhom. L-osservatur għandu jiġi ttrattat bħala uffiċjal tal-bastiment, u sid il-bastiment għandu jkopri l-ispejjeż tal-għajxien tal-osservatur għal kemm idum abbord il-bastiment. Id-deċiżjoni dwar iż-żmien li l-osservatur iqatta' abbord, dwar kemm għandu jdum abbord u dwar il-portijiet tat-tlugħ abbord u tal-inżul tiegħu għandha tittieħed bi ftehim mal-awtoritajiet tal-Mauritania. Sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, il-bastiment qatt ma għandu jkun obbligat jidħol fil-port aktar minn darba kull xahrejn,

(d) jissottomettu l-bastiment għal spezzjoni qabel ma joħroġ miż-żona tas-sajd tal-Mauritania jekk l-awtoritajiet tal-Mauritania jitolbu dan,

(e) jirrispettaw ir-regolamenti tal-Mauritania marbutin mal-qasam tas-sajd.

9. Il-qabdiet li jsiru matul il-kampanja tas-sajd sperimentali xjentifika, inklużi l-qabdiet inċidentali, għandhom jibqgħu l-proprjetà ta' sid il-bastiment, dejjem jekk jitħarsu d-dispożizzjonijiet stipulati mill-Kumitat Konġunt f'dan ir-rigward u d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll xjentifiku.

10. Il-Ministeru għandu jaħtar persuna ta' kuntatt biex tittratta l-problemi kollha mhux previsti li jistgħu jfixklu l-iżvilupp tas-sajd sperimentali.

Appendiċijiet

(1) Limiti taż-żona tas-sajd tal-Mauritania

(2) Skedi informattivi

(3) Formola ta’ applikazzjoni għall-ħruġ ta’ liċenzja tas-sajd

(4) Lista ta’ informazzjoni dwar il-Ġurnal ta’ Abbord tas-Sajd tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania

(5) Il-leġiżlazzjoni fis-seħħ dwar id-daqsijiet minimi tal-qabdiet miżmumin abbord

(6) Lista ta’ fatturi ta’ konverżjoni

(7) Komunikazzjoni tal-messaġġi tal-VMS lill-Mauritania

(8) Protokoll għall-qafas tal-ERS

(9) Rapport tal-osservatur xjentifiku

(10) Dettalji ta’ kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni u tal-Mauritania

(11) Tlugħ abbord tal-baħħara tal-Mauritania

ANNESS 2

Implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju għall-promozzjoni ta' sajd responsabbli u sostenibbli

Objettivi

1. L-objettiv tal-komponent tal-appoġġ settorjali tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) u tal-Protokoll tiegħu bejn l-Unjoni Ewropea (l-UE) u l-Mauritania huwa li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tal-Mauritania.

2. Dan il-komponent jirrappreżenta ammont addizzjonali għall-baġit nazzjonali allokat lill-Ministeru tas-Sajd u tal-Ekonomija Marittima tal-Mauritania (MSEM) għall-implimentazzjoni tal-politika tiegħu għall-iżvilupp tas-sajd.

3. Għandu japplika l-prinċipju tal-kundizzjonalità rifless fil-Protokoll, jiġifieri l-pagamenti għall-appoġġ lis-settur għandhom isiru f'pagamenti annwali, skont il-progress li jkun sar u r-riżultati miksuba.

4. Il-programmi implimentati fil-qafas tal-appoġġ settorjali jingħataw il-pubbliċità u l-viżibbiltà meħtieġa u b'hekk isaħħu s-sħubija bejn il-Mauritania u l-UE.

5. Il-komponent tal-appoġġ settorjali għandu jikkontribwixxi għall-progress fl-impenn tal-Mauritania fl-oqsma tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, il-protezzjoni taż-żoni marini u kostali, it-trasparenza tal-attivitajiet tas-sajd, it-titjib tas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali tal-popolazzjoni, u l-ħolqien ta' valur miżjud u ta' impjiegi fil-Mauritania.

6. B'mod aktar speċifiku, il-komponent tal-appoġġ settorjali se jħeġġeġ is-sajd responsabbli fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Mauritania, sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd b'tali mod li jissaħħaħ il-kontribut tas-settur tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku.

It-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-fondi ta' appoġġ settorjali

7. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja relatata mal-appoġġ settorjali ttrasferit mill-UE lill-Mauritania għandu jiġi identifikat kull sena fil-Liġi dwar il-Finanzi tagħha.

8. Dawn il-fondi huma allokati lill-MSEM u huma distinti b'mod ċar mill-kumpens għall-aċċess għaż-żona tas-sajd.

9. Il-fondi ta' appoġġ settorjali għandhom jiġu ttrasferiti f'kont tat-Teżor Pubbliku tal-Mauritania skont l-arranġamenti previsti fl-Artikolu 8(12).

10. L-UE għandha tgħarraf lill-Mauritania bit-trasferiment tal-porzjon tal-appoġġ settorjali, meta tiġi eżegwita t-tranżazzjoni bankarja relatata.

11. Il-Mauritania għandha tinforma lill-UE dwar l-allokazzjoni tal-porzjon tal-appoġġ settorjali fil-kont ta' allokazzjoni speċjali msemmi fl-Artikolu 8(12) tal-Protokoll.

Programmazzjoni annwali u pluriennali

12. L-MSEM għandu jħejji proposta dettaljata għal programm settorjali pluriennali biex jintużaw il-fondi tal-appoġġ settorjali matul il-perjodu kollu tal-Protokoll, li se jgħin lill-Mauritania timplimenta parti mill-politika nazzjonali tagħha għall-iżvilupp tas-sajd.

13. Il-programm settorjali pluriennali propost għandu jiffoka fuq għadd ta' azzjonijiet u proġetti assoċjati li huma allinjati mal-prijoritajiet nazzjonali u li jqisu l-kapaċità tal-Mauritania li tiġġestixxi, timplimenta u tikkomunika dwar fondi ta' appoġġ settorjali.

14. Il-programm settorjali pluriennali propost għandu jidentifika, għat-tul kollu tal-Protokoll, (i) l-objettivi segwiti fuq bażi annwali u pluriennali, (ii) is-sitwazzjoni bażi ta' referenza fil-bidu tal-perjodu tal-implimentazzjoni, (iii) l-attivitajiet previsti, (iv) l-ispejjeż tagħhom, (v) l-istituzzjoni/organizzazzjoni/dipartiment responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu, (vi) ir-riżultati mistennija, (vii) l-indikaturi rilevanti għall-kejl tagħhom, (viii) is-sorsi ta' verifika, (xix) skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni bi tqassim baġitarju (annwali u pluriennali).

15. F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Protokoll, l-appoġġ finanzjarju għall-promozzjoni ta' sajd responsabbli u sostenibbli huwa magħmul minn tmien oqsma ta' intervent, kif ġej:

Qasam 1: Il-preservazzjoni tal-ambjent marin u kostali

Qasam 2: It-tisħiħ tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd

Qasam 3: It-tisħiħ tar-riċerka xjentifika

Qasam 4: It-tisħiħ tas-sistema ta' informazzjoni settorjali

Qasam 5: L-iġjene u l-kwalità tal-prodotti tas-sajd

Qasam 6: L-infrastruttura għall-promozzjoni tal-konsum mill-bniedem ta' prodotti tas-sajd

Qasam 7: L-appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira u l-komunitajiet kostali

Qasam 8: L-assistenza teknika

16. Il-programm settorjali pluriennali propost għandu jiġi eżaminat mill-Kumitat Konġunt (CM).

17. Għal kull waħda mis-snin ta' wara, il-Mauritania għandha tippreżenta programm ta' ħidma annwali lill-UE sa mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-laqgħa tas-CM. Fejn ikun meħtieġ aġġornament tal-programm settorjali pluriennali, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 49.

Arranġamenti u kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni

18. Il-Mauritania għandha timmonitorja kontinwament l-implimentazzjoni tal-programm settorjali pluriennali. Il-programm settorjali pluriennali adottat mis-CM għandu jiġi implimentat taħt ir-responsabbiltà tal-Mauritania. Ladarba jkunu ġew trasferiti l-fondi tal-appoġġ settorjali, dawn għandhom jintużaw f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tal-Mauritania, u l-Gvern tal-Mauritania għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' dawn ir-riżorsi trasferiti.

19. F'konformità mal-Artikolu 8(8) tal-Protokoll, l-appoġġ settorjali għandu jiġi implimentat bl-appoġġ ta' ċellula ta' koordinazzjoni, responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tas-CM.

20. Iċ-ċellula ta' koordinazzjoni għandha tinħatar mill-Ministru responsabbli għas-sajd.

21. Il-fondi ta' appoġġ settorjali huma maħsuba għal azzjonijiet u proġetti speċifiċi identifikati b'mod konġunt. Dawn ma jistgħux jintużaw biex ikopru l-kostijiet operazzjonali tal-Ministeru jew ta' benefiċjarji oħra, minbarra l-pakkett għal azzjonijiet speċifiċi approvati li jappoġġjaw iċ-ċellula ta' koordinazzjoni msemmija fil-punt 20.

22. Iċ-ċellula ta' koordinazzjoni msemmija fil-paragrafu 20 tista' tirċievi pakkett iddedikat apposta għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(8) tal-Protokoll, li l-ammont annwali tiegħu għandu jiġi ddeterminat fis-CM.

23. Iċ-ċellula ta' koordinazzjoni għandha tappoġġja l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali u tiżgura t-twettiq ta' azzjonijiet f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tal-Mauritania. Din għandha tinforma regolarment lill-Kumitat Konġunt b'dan.

24. Iċ-ċellula ta' koordinazzjoni għandha tkun involuta fl-identifikazzjoni ta' proġetti u azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-appoġġ settorjali u l-istrutturi benefiċjarji. Flimkien magħhom hija tħejji l-programmazzjoni pluriennali tal-appoġġ settorjali msemmi fil-paragrafu 14 u tippreżentah lis-CM għall-approvazzjoni.

25. Iċ-ċellula ta' koordinazzjoni għandha torganizza l-implimentazzjoni mal-benefiċjarji, tkun xi tkun l-awtorità superviżorja tagħhom, u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u l-proġetti approvati u tirrapporta dwarhom lill-Kumitat Konġunt.

26. Matul l-implimentazzjoni ta' proġett, kwalunkwe bidla fl-azzjonijiet iffinanzjati, fil-linji gwida, fl-għanijiet, fil-kriterji u fl-indikaturi tal-evalwazzjoni trid tiġi approvata miż-żewġ partijiet fis-CM. Tali approvazzjoni hija kundizzjoni *sine qua non* għat-trasferiment mill-UE tal-porzjon wara dik l-emenda.

27. Laqgħa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali għandha tiġi organizzata bejn iċ-ċellula ta' koordinazzjoni, is-Segretarju Ġenerali tal-MSEM u r-rappreżentant maħtur tad-Delegazzjoni tal-UE għall-Mauritania. Il-laqgħa għandha ssir mill-inqas darba kull trimestru. Il-minuti ta' din il-laqgħa jitfasslu miċ-ċellula ta' koordinazzjoni u jiġu approvati mill-parteċipanti fil-laqgħa, u jintbagħtu lis-CM wara li jiġu approvati.

28. Ir-rappreżentant maħtur tad-Delegazzjoni tal-UE għall-Mauritania regolarment iwettaq missjonijiet fuq il-post biex jivvaluta, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-progress tal-programm settorjali pluriennali. Matul dawn il-missjonijiet, ir-rappreżentant għandu jkollu aċċess għad-dokumenti rilevanti kollha meħtieġa biex jivverifika l-progress tal-attivitajiet, b'mod partikolari dawk identifikati bħala sorsi ta' verifika.

Rapporti u sessjoni ta' ħidma għall-feedback

29. Il-Mauritania għandha tħejji rapport ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm settorjali pluriennali u tibagħtu lill-UE sa mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-laqgħa annwali tas-CM.

30. Ir-rapport ta' progress annwali għandu jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex is-CM ikun jista' jieħu deċiżjonijiet infurmati dwar l-iżborżi sussegwenti tal-fondi ta' appoġġ settorjali tal-UE.

31. F'dan ir-rigward, ir-rapport ta' progress annwali għandu jispeċifika l-azzjonijiet implimentati u l-progress ta' indikaturi magħżula fir-rigward tal-objettivi maqbula (milħuqa, parzjalment milħuqa u mhux milħuqa). Id-diffikultajiet iffaċċjati biex jintlaħqu l-objettivi u l-miżuri korrettivi li ttieħdu għandhom jiġu deskritti.

32. Is-sorsi ta' verifika elenkati fil-programm settorjali pluriennali għandhom jiġu mehmuża mar-rapport annwali fejn possibbli u rilevanti.

33. Ir-rapport ta' progress annwali għandu jagħti dettalji wkoll dwar il-livell ta' implimentazzjoni finanzjarja tal-appoġġ settorjali. F'dan ir-rigward, l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ipproċessata mill-Ministeru għall-Finanzi dwar l-użu tal-fondi tal-appoġġ settorjali għandha tkun disponibbli.

34. Barra minn hekk, iċ-ċellula ta' koordinazzjoni għandha tħejji, flimkien mal-istrutturi benefiċjarji, u tissottometti lis-CM rapport finali għal kull waħda mill-azzjonijiet u l-proġetti li ntemmu fil-qafas tal-appoġġ settorjali. Dan ir-rapport finali għandu jinkludi, b'mod partikolari, il-benefiċċji ekonomiċi u soċjali miksuba jew mistennija, l-effetti tagħhom fuq ir-riżorsi tas-sajd, l-impjiegi u l-investiment. Il-mudell għal dan ir-rapport huwa ppreżentat fl-aħħar ta' dan l-Anness.

35. Ir-rapporti msemmija fil-punti 30 u 34 għandhom jiġu adottati miż-żewġ partijiet fis-CM wara, rispettivament, il-perjodu ta' eżekuzzjoni tal-attivitajiet annwali jew tal-proġett ikkonċernat.

36. Il-Mauritania għandha tippreżenta wkoll, qabel ma jiskadi dan il-Protokoll, rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali previst f'dan il-Protokoll, inkluży l-elementi msemmija fil-paragrafi ta' hawn fuq u d-dokument ta' programmazzjoni finali għall-appoġġ settorjali komplut u ffinalizzat.

37. Iż-żewġ Partijiet għandhom ikomplu jimmonitorjaw, jekk ikun meħtieġ, l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali wara l-iskadenza tal-Protokoll jew, jekk ikun il-każ, f'każ ta' sospensjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 ta' dan il-Protokoll. Madankollu, l-ammonti mhux imħallsa mill-Unjoni qabel l-iskadenza tal-Protokoll għandhom ikunu disponibbli għall-

użu sħiħ tal-fondi għal perjodu ta' sitt xhur wara l-iskadenza tal-Protokoll, u fin-nuqqas ta' dan, tali fondi mhux użati għandhom jiġu mħassra.

38. Il-benefiċjarji tal-appoġġ għandhom jiġu mistiedna miż-żewġ Partijiet, mill-inqas darba fis-sena, biex jieħdu sehem f'sessjoni ta' ħidma dwar il-preżentazzjoni u programmazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-appoġġ settorjali.

39. Jekk ikun meħtieġ, u wara deċiżjoni tas-CM, jistgħu jiġu reklutati konsulenti indipendenti direttament mill-UE abbażi ta' mandat speċifiku biex iwettqu monitoraġġ estern u evalwazzjoni tar-riżultati tal-programm settorjali pluriennali. It-termini ta' referenza ta' dan il-mandat huma abbozzati mill-UE u approvati mis-CM.

Kriterji ta' żborż

40. Il-fondi ta' appoġġ settorjali previsti fil-Protokoll għandhom jitħallsu kollha għall-ewwel pagament tal-applikazzjoni tiegħu sa mhux aktar tard minn xahrejn wara d-deċiżjoni tas-CM dwar l-adozzjoni tal-programm settorjali pluriennali, kif imsemmi fl-Artikolu 8(11)(a).

41. L-UE tirriżerva d-dritt li tirrevedi u/jew tissospendi, kompletament jew parzjalment, l-iżborż ta' fondi ta' appoġġ settorjali jekk ir-riżultati miksuba jiddevjaw b'mod sinifikanti mill-programmazzjoni wara l-evalwazzjoni annwali mis-CM jew f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-arranġamenti ta' implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali stabbiliti fis-CM.

42. Għas-snin ta' wara, il-fondi ta' appoġġ settorjali għandhom jitħallsu f'pagamenti annwali, skont il-livell ta' implimentazzjoni finanzjarja u l-progress lejn l-objettivi annwali maqbula fil-programm settorjali pluriennali għas-sena preċedenti.

43. Eżekuzzjoni finanzjarja ta' 75 % tal-impenji minn fondi ta' appoġġ settorjali fl-ewwel pagament parzjali għandha twassal għall-ħlas ta' 75 % tal-appoġġ settorjali għat-tieni pagament parzjali, sakemm ikun hemm progress ċar lejn il-ksib tal-objettivi annwali u r-riżultati mistennija kif deskritti fil-programmazzjoni annwali u pluriennali. Madankollu, il-ħlas tat-tieni pagament parzjali kollu għandu jsir biss jekk il-livell ta' pagamenti jkun mill-inqas ugwali għal 60 % tal-ammont imdaħħal fil-programmazzjoni għall-ewwel sena.

44. Jekk, fi tmiem l-ewwel sena ta' implimentazzjoni, l-implimentazzjoni finanzjarja tkun inqas minn 75 % tal-impenji, il-ħlas tal-pagament parzjali tal-appoġġ settorjali tat-tieni pagament parzjali għandu jiġi sospiż, sakemm l-impenji tal-fondi allokati għall-ewwel pagament parzjali ma jkunux laħqu l-75 %. Il-Mauritania għandha estensjoni ta' sitt xhur biex tilħaq dan il-livell ta' impenji.

45. Jekk, wara l-estensjoni ta' sitt xhur, l-impenji jkunu għadhom inqas minn 75 %, il-pagament għat-tieni sena għandu jsir xorta waħda. Madankollu, l-ammont li ma jkunx intuża tal-appoġġ settorjali għall-ewwel sena għandu jitnaqqas mill-pakkett globali tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 8.

46. L-approvazzjoni mis-CM tar-rapporti msemmija fil-paragrafi 30, 35 u 36 u l-organizzazzjoni tas-sessjoni ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 39 għandhom

jikkundizzjonaw it-trasferiment mill-UE tal-pagamenti parzjali ta' appoġġ settorjali ta' wara.

47. Għas-snin ta' wara tal-implimentazzjoni tal-programm settorjali pluriennali, għandhom japplikaw l-istess regoli (il-paragrafi 43 sa 46). Il-limitu għal-livell ta' impenji finanzjarji meħtieġa biex jiġi skattat pagament sħiħ fis-snin sussegwenti huwa ta' 75 % tal-fondi tal-appoġġ settorjali akkumulati matul is-snin ta' implimentazzjoni tal-Protokoll. Inkella, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 46 u għandu jsir it-tnaqqis mill-ammont mhux użat biżżejjed.

Reviżjoni

48. Ladarba l-programm settorjali pluriennali jkun ġie approvat mill-ewwel CM, il-bidliet jistgħu jiġu kkunsidrati biss meta jkunu debitament ġustifikati. L-emendi għandhom jiġu adottati miż-żewġ Partijiet fil-laqgħa tas-CM, jew b'mezzi oħra indikati fil-paragrafu 50.

49. Proposta biex jiġu emendati l-għanijiet, l-azzjonijiet, l-iskeda ta' żmien, il-finanzjament, l-indikaturi, l-objettivi annwali u s-sorsi ta' verifika tal-programm settorjali pluriennali trid tiġi ppreżentata bil-miktub mill-inqas xahrejn qabel ma tiġi organizzata l-laqgħa tas-CM għall-approvazzjoni miż-żewġ Partijiet.

50. Madankollu, f'każijiet urġenti, il-Mauritania tista' titlob konsultazzjonijiet dwar il-possibbiltà li jiġi emendat il-programm settorjali adottat inizjalment. L-UE għandha twieġeb għal din it-talba fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla tal-ittra li titlob l-emenda, li għandu jkun fiha l-ġustifikazzjoni għaliha. Wara konsultazzjonijiet abbażi tat-talba, il-Partijiet għandhom jiddeċiedu dwar jekk hix meħtieġa laqgħa straordinarja tas-CM jew jekk huwiex xieraq li jwieġbu għat-talba bil-posta jew b'vidjokonferenza. Jekk tintgħażel l-aħħar proċedura, l-emendi miftiehma għandhom jiġu nnutati uffiċjalment fil-laqgħa tas-CM li jmiss.

Viżibbiltà tal-attivitajiet

51. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-Mauritania għandha tiżgura li kull attività implimentata fil-qafas tal-appoġġ settorjali tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli tkun soġġetta għal miżuri xierqa ta' komunikazzjoni u viżibbiltà u tkun tista' tenfasizza l-benefiċċji tal-Ftehim. Dawn il-miżuri huma definiti taħt ir-responsabbiltà tal-Mauritania bil-qbil tal-UE.

52. Il-viżibbiltà tal-proġetti u l-attivitajiet taħt il-komponent tal-appoġġ settorjali tista' tiġi żgurata, fost l-oħrajn, permezz ta':

– L-opinjoni pubblika dwar il-proġetti u l-attivitajiet li għandhom jitwettqu.

– Rapporti fuq it-televiżjoni u r-radju u stqarrijiet għall-istampa li jirrappurtaw dwar it-tlestija ta' proġetti u attivitajiet.

– Ix-xandir pubbliku ta' rapporti u studji li tlestew.

– L-użu ta' tabelli ta' viżibbiltà tal-UE.

– Il-parteċipazzjoni tal-persunal tad-Delegazzjoni tal-UE għall-Mauritania f'ċerimonji ta' ftuħ, konferenzi u avvenimenti oħra.

– Il-parteċipazzjoni tal-Ambaxxatur tal-UE fiċ-ċerimonji uffiċjali tal-inawgurazzjonijiet.

– Missjonijiet konġunti tar-rappreżentanti tal-Mauritania u l-UE dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti u attivitajiet fuq il-post.

53. Il-proġetti u l-attivitajiet għandhom jiġu inklużi fir-rapport tal-attività tal-MSEM.

54. Il-Mauritania u l-UE għandhom jiżguraw b'mod konġunt il-viżibbiltà tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-appoġġ settorjali tal-Protokolli preċedenti – b'mod partikolari l-Protokoll tal-2015-2021 – u ta' dan il-Protokoll, jekk ikun meħtieġ bl-appoġġ operattiv taċ-ċellula ta' koordinazzjoni.

MUDELL

RAPPORT TAL-PROGRESS ANNWALI – Il-progress tal-proġetti

I. Proġetti mnedija fil-qafas tal-appoġġ settorjali matul is-sena

Matul is-sena [N] tal-Protokoll, tnedew [X] proġetti u komplew jitwettqu [Y] proġetti oħra, skont id-deċiżjonijiet li ttieħdu waqt il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt ta' [xahar/sena]. Hawn taħt qed tingħata, bħala tfakkira biss, deskrizzjoni ta' dawn il-proġetti u tal-progress li sar fuqhom s'issa, kif ukoll il-benefiċċji li mistennija joħorġu minnhom:

Proġett 1

Deskrizzjoni tal-proġett

Progress tal-proġett

Tfakkira dwar l-iżborżi preċedenti li saru qabel fil-qafas tal-proġett u tal-parti mill-appoġġ settorjali allokata għalih

Tfakkira/aġġornament dwar il-benefiċċji ekonomiċi mistennija

Proġett 2

Deskrizzjoni tal-proġett

Progress tal-proġett

Tfakkira dwar l-iżborżi preċedenti li saru qabel fil-qafas tal-proġett u tal-parti mill-appoġġ settorjali allokata għalih

Tfakkira/aġġornament dwar il-benefiċċji ekonomiċi mistennija

Proġett N

Deskrizzjoni tal-proġett

Progress tal-proġett

Tfakkira dwar l-iżborżi preċedenti li saru qabel fil-qafas tal-proġett u tal-parti mill-appoġġ settorjali allokata għalih

Tfakkira/aġġornament dwar il-benefiċċji ekonomiċi mistennija

II. Sommarju tal-proġetti mnedija fis-sena N

Is-sommarju t'hawn taħt, mogħti fil-forma ta' tabella, jagħti l-livelli ta' twettiq tal-indikaturi ta' monitoraġġ stabbiliti matul is-sena attwali kif ukoll il-flussi finanzjarji tal-proġett, kif ġej:

Proġett	**Ammont totali allokat għall-proġett (EUR)**	**Ammonti impenjati fis-sena N (MRU)**	**Ammonti mħallsa fis-sena (MRU)**	**Indikatur tal-monitoraġġ għad-durata tal-proġett**	**Mira tal-indikatur għas-sena N**	**Perċentwali tal-indikatur miksub fis-sena N**
Proġett 1						
Proġett 2						
Proġett N						
Total						

III. Preżentazzjoni tal-proġetti għas-sena N+1

It-tabella li ġejja turi l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati matul is-sena ta' wara (sena N + 1):

Proġett	**Ammont totali allokat għall-proġett (EUR)**	**Azzjonijiet li għandhom jittieħdu fis-sena N+1**	**Ammont li għandu jiġi impenjat fis-sena N+1**	**Ammonti diġà allokati għall-proġett sas-sena N**	**Indikatur tal-monitoraġġ**	**Tfakkira tal-perċentwali tal-indikatur miksub sas-sena N-1**	**Mira tal-indikatur għas-sena N+1**
Proġett 1							
Proġett 2							
Proġett N							
Total							

ANNESS 3

MONITORAĠĠ TAL-ISFORZ TAS-SAJD FIŻ-ŻEE TAL-MAURITANIA

MUDELL

RAPPORT annwali [4]dwar l-ATTIVITAJIET TAS-SAJD FIŻ-ŻEE TAR-REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-MAURITANIA

[DATA TAR-RAPPORT]

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport huwa mfassal skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Protokoll, sabiex jiġi żgurat monitoraġġ regolari tal-isforz tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania u biex tiġi vverifikata l-evoluzzjoni tal-eċċess, kif definit fl-Artikolu 62 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, wara li titqies il-kapaċità ta' sfruttament tal-flotot nazzjonali tal-Mauritania.

2. PERJODU

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu annwali li ġej: 1 ta' Jannar 202x – 31 ta' Diċembru 202y.

3. BASTIMENTI LI JOPERAW FIŻ-ŻEE MATUL IL-PERJODU

In-numri ta' bastimenti tas-sajd li għalihom inħarġu liċenzji tas-sajd biex joperaw fiż-ŻEE tal-Mauritania matul il-perjodu ta' referenza huma murija fit-tabella li ġejja:

TAB. 1 – Allokazzjoni tal-liċenzji skont it-tip ta' sajd u skont l-iskema

TIP TA' SAJD (1)	**SKEMA NAZZJONALI (2)**		**SKEMA BARRANIJA (3)**
	l-għadd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Mauritania	**l-għadd ta' bastimenti li jtajru bandiera barranija**	
Sajd fuq skala żgħira	**A**	**E**	**i**
Sajd mal-kosta	**B**	**F**	**j**
Sajd fil-baħar fond	**C**	**G**	**k**
Totali	**d =a+b+c**	**h =e+f+g**	**l =i+j+k**
(Sub)total tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-	**D**		

[4] Ara l-Artikolu 4(6) tal-Protokoll.

Mauritania		
(Sub)total tal-bastimenti li jtajru bandiera barranija		**m=h+l**
Total ta' bastimenti li joperaw fiż-ŻEE	**n=d+m**	

(1) Ref. L-Artikolu 13 tad-Digriet 2015-159 li jimplimenta l-Liġi 017–2015 dwar il-Kodiċi tas-Sajd, jew testi ta' sostituzzjoni.

(2) Ref. L-Artikolu 26 tad-Digriet 2015-159 li jimplimenta l-Liġi 017–2015 dwar il-Kodiċi tas-Sajd, jew testi ta' sostituzzjoni.

(3) Ref. L-Artikolu 27 tad-Digriet 2015-159 li jimplimenta l-Liġi 017–2015 dwar il-Kodiċi tas-Sajd, jew testi ta' sostituzzjoni.

4. QABDIET TOTALI PERMISSIBBLI

Skont l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll, il-qabdiet totali permissibbli, stabbiliti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Mauritania[5], huma ppreżentati fit-tabelli li ġejjin:

TAB. 2 — Allokazzjoni tat-TACs (total u skont l-iskema) skont it-tip ta' sajd, il-kategoriji tar-riżorsi u t-tip ta' konċessjoni.

Tip ta' sajd	**Kategoriji ta' riżorsi**	**Tipi ta' Konċessjonijiet**	**Tip ta' appoġġ għad-drittijiet**	**Qabda totali permissibbli (TAC)**	**tqassim tat-TAC**	
				Total (t)	**skema nazzjonali (t)**	**skema barranija (t)**
Sajd fuq skala żgħira	**A1. Ċefalopodi**	**Sajd fuq skala żgħira**	**Kwota Kollettiva**			
	A2. Krustaċji	**Sajd fuq skala żgħira Krustaċji**	**Kwota Kollettiva**			
15	**18°19,95N**	**16°18,85W**
16	**17°59,80N**	**16°17,70W**
17	**17°33,00N**	**16°20,20W**
18	**17°30,00N**	**16°21,00W**
19	**17°30,00N**	**16°17,00W**
20	**17°12,00N**	**16°23,50W**
21	**16°36,00N**	**16°42,00W**
22	**16°13,00N**	**16°40,00W**
23	**16°04,00N**	**16°41,00W**

Is-sajd fiż-żona delimitata mill-punti li ġejjin għandu jkun awtorizzat minn Diċembru sa Marzu. Din l-istaġjonalità tista' tiġi emendata mill-Kumitat Konġunt wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku Konġunt.

Punti	**Koordinati**	
1	**20°46,00N**	**17°13,00W**
2	**20°36,00N**	**17°17,00W**
3	**20°36,00N**	**17°11,00W**
4	**20°46,00N**	**17°03,00W**

Iż-żona tas-sajd tista' tiġi emendata mill-Kumitat Konġunt wara li jqis l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt.

2. Irkaptu awtorizzat

Tkarkir pelaġiku u tartarun idur tas-sajd industrijali:

Il-manka tax-xibka tat-tkarkir tista' tissaħħaħ minn xibka b'daqs minimu tal-malji stirati ta' 400 mm u minn anelli tal-ħabel spazjati tal-anqas metru u nofs (1.5 m) minn xulxin, minbarra l-anella li tinsab fuq in-naħa ta' wara tax-xibka tat-tkarkir li ma tistax titpoġġa anqas minn żewġ metri 'l bogħod mill-fetħa tal-manka. Ir-rinforzar jew l-irduppjar tal-manka għal kull irkaptu ieħor mhux permess, u t-tkarkir fl-ebda każ ma għandu jimmira speċi oħra ħlief il-pelaġiċi żgħar awtorizzati.

3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat:

40 mm għax-xbieki tat-tkarkir u 20 mm għat-tartaruni

4. Daqsijiet minimi tal-ispeċi fil-mira

Għall-ħut, id-daqs minimu għandu jitkejjel mill-ponta ta' quddiem sal-ponta tad-denb (tul totali). (Ara l-Appendiċi 5).

Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi daqs minimu għall-ispeċijiet li mhumiex imsemmija hawn fuq.

5. Qabdiet inċidentali

Awtorizzati	Mhux awtorizzati
3 % tat-total tal-ispeċi jew tal-grupp ta' speċijiet fil-mira awtorizzati (mogħti f'piż ħaj)	Krustaċji u ċefalopodi minbarra l-klamari

Il-Kumitat konġunt jista' jistabbilixxi rata ta' qabdiet inċidentali għall-ispeċijiet li mhumiex imsemmija hawn fuq.

6. Opportunitajiet tas-sajd / Tariffi	
Qabdiet totali permissibbli (f'tunnellati)	150 000 tunnellata fis-sena ta' ħut pelaġiku żgħir Jekk jintużaw dawn l-opportunitajiet tas-sajd, dawn għandhom jitnaqqsu mill-qabda totali permissibbli prevista għall-kategorija 6.
Għadd ta' bastimenti	L-għadd ta' bastimenti awtorizzati fl-istess ħin għandu jkun limitat għal tnejn, ekwivalenti għal żewġ liċenzji trimestrali għall-bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku fil-kategorija 6.
Frekwenza	Liċenzja trimestrali - TAC annwali
Tariffa	EUR 75/t għas-sardin u għal-laċċa EUR 140/t għas-sawrell u l-kavalli EUR 123/t ta' speċijiet pelaġiċi oħra
	It-tariffa għandha tiġi kkalkulata fi tmiem kull perjodu ta' tliet xhur li għalih il-bastiment ikun awtorizzat jistad, filwaqt li jitqiesu l-qabdiet tal-ispeċijiet fil-mira li jkunu saru matul dak il-perjodu. Ħlas bil-quddiem ta' EUR 5 000/t huwa kundizzjoni għall-ħruġ tal-liċenzja u għandu jitħallas fil-bidu ta' kull perjodu ta' awtorizzazzjoni ta' tliet xhur li għalih il-bastiment jiġi awtorizzat li jistad. Dan għandu jitnaqqas mill-ammont ikkalkulat skont l-ewwel subparagrafu.
7. Kummenti oħra	
It-tariffi huma stabbiliti għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tal-Protokoll. Perjodu ta' rkupru bijoloġiku - Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati jridu josservaw kull perjodu ta' rkupru bijoloġiku stabbilit mid-Dipartiment abbażi tal-aqwa opinjonijiet fiż-żona tas-sajd awtorizzata u jwaqqfu l-attivitajiet tas-sajd kollha. F'dan il-kuntest, kif previst fl-Artikolu 6(4) ta' dan il-Ftehim, il-Mauritania għandha tgħarraf lill-Unjoni minn qabel b'kull bidla fil-leġiżlazzjoni tagħha li jista' jkollha impatt fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni. B'deroga mill-Artikolu 6(5) ta' dan il-Ftehim, id-deċiżjoni dwar il-perjodu tal-irkupru bijoloġiku għandha tkun infurzabbli għall-bastimenti tal-Unjoni mit-30 jum, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn dan il-perjodu ma jkunx applikabbli, wara li l-awtoritajiet tal-Unjoni jirċievu n-notifika mill-Mauritania.	

KATEGORIJA TAS-SAJD 8: IĊ-ĊEFALOPODI		
1.	**Żona tas-sajd**	
p.m.		
2.	**Irkaptu awtorizzat**	
p.m.		
3.	**Daqs minimu tal-malji awtorizzat**	
p.m.		
4.	**Qabdiet inċidentali**	
Awtorizzati		Mhux awtorizzati
p.m.		p.m.
5.	**Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi**	
Perjodu	Sena 1	Sena 2
Volum ta' qabdiet awtorizzat (f'tunnellati)	p.m.	p.m.
Tariffa	p.m.	p.m.
6.	**Kummenti**	
p.m.		

APPENDIĊI 3

APPLIKAZZJONI GĦALL-ĦRUĠ TA' LIĊENZJA TAS-SAJD

I - APPLIKANT

1. Isem sid il-bastiment: .....

2. L-indirizz ta' sid il-bastiment: ……

3. Telefown:..... Faks: ..... Posta elettronika: .....

4. Isem l-assoċjazzjoni jew il-kustodju: .....

5. L-indirizz tal-assoċjazzjoni jew tal-kustodju: .....

.....

6. Telefown:..... Faks: .....Posta elettronika: .....

5. Isem il-kaptan: ..... Nazzjonalità: .....

II - IL-BASTIMENT U L-IDENTIFIKAZZJONI TIEGĦU

1. Isem il-bastiment: .....

2. Stat tal-bandiera: .....

3. Numru tar-reġistrazzjoni estern: .....

4. Numru tas-CFR: ……

5. Numru tal-OMI (fejn dan ikun applikabbli): ……

6. Numru tar-Reġistru tal-ICCAT (kategoriji 4 u 5 u l-bastimenti ta' appoġġ)

4. Port tal-irmiġġ: .....

5. Sena u post tal-kostruzzjoni: .....

6. Sinjal tas-sejħa bir-radju: ..... Frekwenza tas-sinjal tar-radju: .....

7. Materjal tal-buq: Azzar □ Injam □ Poliester □ Materjal ieħor □

8. Transponder(s) tal-VMS: Numru/i tas-serje: ……

Mudell(i): ……..

Kodiċi tal-identifikazzjoni

Operatur(i) tas-satellita: ……..

III - KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-BASTIMENT U TAT-TAGĦMIR

1. Tul totali : ..... Wisa': .....

2. Tunnellaġġ (mogħti f'TG): .....

3. Qawwa tal-magna prinċipali f'K.W. : ..... Marka: ..... Tip: .....

4. Tip ta' bastiment: ..... Kategorija tas-sajd: .....

5. Irkaptu tas-sajd: .....

6. Għadd totali ta' ekwipaġġ abbord: .....

Li minnhom l-għadd ta' sajjieda mill-Mauritania huwa ta':

7. Metodu ta' konservazzjoni abbord: Tkessiħ □ Refriġerazzjoni □ Metodu mħallat □ Iffriżar □

8. Kapaċità tal-friża kull 24 siegħa (f'tunnellati): .....

9. Kapaċità tal-istivi: ..... Għadd: .....

10. Awtorizzazzjoni tas-sajd mitluba għall-perjodu minn (JJ/XX/SSSS): …/…/… sa: …/…/…

Magħmula fi ....., fi .....

Firma tal-applikant .....

APPENDIĊI 4

LISTA TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-ĠURNAL TA' ABBORD TAS-SAJD TAR-REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-MAURITANIA

1. INFORMAZZJONI DWAR IL-VJAĠĠ TAS-SAJD: INFORMAZZJONI MIBGĦUTA FI TMIEM IL-VJAĠĠ

(a) Isem u Reġistrazzjoni tal-Bastiment

(b) Bandiera tal-bastiment

(c) Tip ta' Konċessjoni

(d) Segment tas-Sajd

(e) Irkaptu awtorizzat

(f) Data tat-tbaħħir

(g) Data tar-ritorn fil-port

(h) Kwantità skont l-ispeċi u l-kategorija kummerċjali

2. INFORMAZZJONI SKONT L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD

(a) Data

(b) Il-ħin tal-bidu tal-attività

(c) Tul ta' żmien tal-attività

(d) Irkaptu użat

(e) Latitudni

(f) Longitudni

(g) Qabda totali stmata qabel l-għażla

(h) Qabdiet miżmuma skont l-ispeċi: l-ispeċijiet li jidhru fil-lista t'hawn taħt iridu jiġu rrappurtati sistematikament kull meta jinstabu, irrispettivament mill-kwantità maqbuda

(i) Temperatura tal-wiċċ tal-ilma (Fakultattiva)

(j) Veloċità u direzzjoni tar-riħ (Fakultattiva)

(k) Kundizzjoni tal-baħar (imqalleb, moderat, kalm) (Fakultattiva)

ISEM XJENTIFIKU	Kodiċi tal-FAO	ISEM KUMMERĊJALI	ISEM BL-GĦARBI	ISEM BIL-FRANĊIŻ	ISEM BL-INGLIŻ
ALECTIS ALEXANDRINUS	ALA	SALBA	يردنكسا لمج	Cordonnier bossu	Alexandria pompano

ISEM XJENTIFIKU	Kodiċi tal-FAO	ISEM KUMMERĊJALI	ISEM BL-GĦARBI	ISEM BIL-FRANĊIŻ	ISEM BL-INGLIŻ
ARGYROSOMUS REGIUS	MGR	CORVINA	راقسم	Maigre commun	Meagre
ARISTEUS VARIDENS	ARV	ALISTADO	يربمج	Gambon rayé	Striped red shrimp
ARIUS spp	AWX	MACHARON	طقلا ةكمس	Machoiron	Cat fish
BRACHYDEUTERUS AURITUS	GRB	PELLON	عرص	Lippu pelon	Bigeye grunt
BRANCHIOSTEGUS SEMIFASCIATUS	TIS	AMADAI	ءاملا لقب	Tile zèbre	Zebre tilefish
BROTULA BARBATA	BRD	BERTORELLA	لايتورب	Brotule barbée	Bearded brotula
CAMPOGRAMMA GLAYCOS	VAD	LICHE	لدرقلا كمس	Liche lirio	Vadigo
CHELIDONICHTHYS LUCERNA	GUU	GALLE	توصم بعرم	Grondin perlon	Tub gurnard
CHLOROSCOMBRUS CHRYSURUS	BUA	SAR PLAT	ربموب ضايب	Sapater	Atlantic bumper
CONGER CONGER	COE	CANGRJO	يبرولأا رحبلا سيلقنأ	Congre d’Europe	European conger
CYMBIUM CYMBIUM	YBC	CYMBIUM	يزنولحم طخ	Volute trompe de cochon	Pig’s snout volute
CYNOGLOSSUS CADENATI	YOI	LENGUA	يناغلا ىسوم كمس	Sole langue du Ghana	Ghanaian tonguesole
CARANX RHONCHUS	HMY	CHINCHARD JAUNE	رفصأ روخاش	Carangue jone	scad, false scad, tenfinned horse mackerel

ISEM XJENTIFIKU	Kodiċi tal-FAO	ISEM KUMMERĊJALI	ISEM BL-GĦARBI	ISEM BIL-FRANĊIŻ	ISEM BL-INGLIŻ
DENTEX DENTEX	DEC	RENKODAI	صاصبد (عئاشد نانسم)	Denté commun	Common dentex
DENTEX MACROPHTHALMUS	DEL	CACHICHO	قلحد (ظحاج نانسم)	Denté à gros yeux	Large-eye dentex
DENTEX SPP	DEX	DANTEX	نانسم	Denté	Dentex
DICENTRARCHUS PUNCTATUS	SPU	BAILA	طقرأ صوراق	Bar tacheté	Spotted seabass
DICOLOGLOSSA CUNEATA	CET	ACEDIA	يانيفسإ لوصد	Céteau	Wedge sole
DIPLODUS SARGUS	SWA	SARGO	سوغرس	Sar commun	White seabream
ENGRAULIS ENCRASICOLUS	ANE	ANCHOVA	ةجوشنأ	Anchois	European anchovy
EPINEPHELUS AENEUS	GPW	CHERNE	ضيبأ روماه	Mérou blanc	White grouper
EPINEPHELUS COSTAE	EPK	ABAE	روماه	Mérou badèche	Golden grouper, Alexandia seabass
EPINEPHELUS GOREENSIS	EEG	MEROU	يدرو روماه	Mérou de Gorée	Dungat grouper
EPINEPHELUS	GPX	BADECH	روماه	Badech	Grouper
ETHMALOSA FIMBRIATA	BOA	OBO	وبولأا ةكمسد	Ethmalose d’Afrique	Bonga shad
GERYON MARITEA	GER	BOCA	رحبلا ناطرس	Géryon Ouest-Africain	West African gryon
HOLOTHURIS SP	HFT	CONCOMBRE	رحبلا رايخ	Concombre de	Sea cucumber

ISEM XJENTIFIKU	Kodiċi tal-FAO	ISEM KUMMERĊJALI	ISEM BL-GĦARBI	ISEM BIL-FRANĊIŻ	ISEM BL-INGLIŻ
				mer	
KATSUWONUS PELAMIS	SKJ	LISTAO (BONITE)	رحبلا طخم تينوب	Listao	Skipjack tuna
LEPTOCHARIAS SMITHII	CLL	CAZON	مافشلا ريبك رحبلا بلك	Missole barbue	Barbeled houndshark
LITHOGNATHUS MORMYRUS	SSB	HERRERA	طخم معش	Marbré	Sand steenbras
LIZA AURATA	MGA	CABEZOTE	نابهد يروب	Mulet doré	Golden grey mullet
LOLIGO VULGARIS	SQR	CALAMAR	رابح	Encornet	European squid
LOPHIUS SPP	MVA	RAPE	رحبلا تيرفع كمس يقيرفلا	Baudroie africaine	Shortspine African angler
MERLUCCIUS SPP (POLI ET SENEGALENSIS)	HKE	MERLUSSA	عئاش يلزان	Merlu	Hake
MERLUCCIUS MERLUCCIUS	HKE	MERLUSSA	عئاش يلزان	Merlu	Hake
MUGIL CEPHALUS	MUF	HUEVAS	س أرلا ريبك يروب	Mulet à grosse tête	Flathead grey mullet
MULLUS BARBATUS	MUT	SALMONETTE	يلمر ميهاربإ ناطلس	Rouget de vase	Red mullet
MURAENA HELENA	MMH	MORINA	انيروم	Morina	Morina
MUSTELUS MUSTELUS	SMD	TOLLO	معاذ بلك	Missole lisse	Smooth-hound
OCTOPUS VULGARIS	OCC	TAKO	طوبطخأ	Pieuvre	Common octopus
OMMASTREPHES BARTRAMI	OFJ	POTA	حنجملا رابحلا	Encornet volant	Neon flying squid

ISEM XJENTIFIKU	Kodiċi tal-FAO	ISEM KUMMERĊJALI	ISEM BL-GĦARBI	ISEM BIL-FRANĊIŻ	ISEM BL-INGLIŻ
ORCYNOPSIS UNICOLOR	BOP	PALOMETE	ةطسبنم ةنوت	Palomète	Plain bonito
PAGELLUS ACARNE	SBA	BESUGO	ةطقنوبأ نارجم	Pageot acarne	Axillary seabream
PAGELLUS BELLOTTII	PAR	PAGEOT	رمحأ نارجم	Pageot à tache rouge	Red pandora
PALINURUS MAURITANICUS	PSL	CABEZA LANGOSTA ROSE	يناتيروملا رحبلا دارج	Langouste rose	Pink spiny lobster
PANULIRUS REGIUS	LOY	CABEZA LANGOSTA	رضخلأا رحبلا دارج	Langouste royale	Royal spiny lobster
PARAPENAEUS LONGIROSTRIS	DPS	GAMBA	يدرو سديرق ،يربمج	Crevette rose du large	Deep-water rose shrimp
SOLEA LASCARIS	SOS	SOLLA	يلمر لوصـ	Sole	Flatfish
PENAEUS KERATHURUS	TGS	CAMARON	ططخم يربمج	Caramote	Caramote prawn
PENAEUS NOTIALIS	SOP	LANGOSTINO	يدرو يربمج	Crevette rose du Sud	Southern pink shrimp
PLECTORHINCHUS MEDITERRANEUS	GBR	BURRO	طسوتملا نارجم	Diagramme	Rubberlip grunt
PENTANEMUS QUINQUARIUS	PET	TROTA	يكلملا ناطبقلا	Capitaine royal	Royal threadfin
POMADASYS SPP	BGX	CROCUS	بعرم	Grondeur	Grunts
POMADASYS INCISUS	BGR	RONCADOR	نولم بعرم ،ةراطسة	Grondeur métis	Bastard grunt

ISEM XJENTIFIKU	Kodiċi tal-FAO	ISEM KUMMERĊJALI	ISEM BL-GĦARBI	ISEM BIL-FRANĊIŻ	ISEM BL-INGLIŻ
POMATOMUS SALTATRIX	BLU	SALMON	رابنغ، يبرغم صورق، طيخلا عطاق	Tassergal	Bluefish
PSETTODES BELCHERI	SOT	PERRO	دوقارلا، سرتلا ةكمسة	Turbot épineux tacheté	Spottail spiny turbot
PSEUDOTOLITHUS SENEGALENSIS	PSS	CORVINATO	ةيصح نذلأا	Otolithe	Casava croaker, captain fish
PSEUDOTOLITHUS BRACHYGNATHUS	CKL	CAPITAIN	نطابقلا كمسة	Otolithe gabo	Law croaker
PSEUDOTOLITHUS SENEGALENSIS	PSS	CAPITAINE SENEG	ةيصح نذلأا ةيلاغنسلا	Otolithe sénégalais	Cassava croaker
PSEUDOTOLITHUS TYPUS	PTY	CAPITAINE TYPUS	ةيصح نذلاا اكناذ	Otolithe nanka	Longneck croaker
RAJA SPP	SKA	RAYA	ةيار	Pocheteaux et raies raja nca	Raja rays nei
RHINOBATOS SPP	GUZ	GUITARE	ةكمسة ةراثيقلا	Raie guitare	Guitarfish
SARDA SARDA	BON	PALAMIDA	طيسلابلا، لازغ ططخملا	Bonite à dos rayé	Atlantic bonito
SARDINA PILCHARDUS	PIL	SARDINE	يبروأ نيدرسة	Sardin	Sardine, Pilchard
SARDINELLA AURITA	SAA	SARDINALLE	موربم نيدرسة	Allache	Round sardinella
SCOMBER JAPONICUS	MAS	MACKEREL	يناباسا يرمقسإ	Maquereau	Chub mackerel

ISEM XJENTIFIKU	Kodiċi tal-FAO	ISEM KUMMERĊJALI	ISEM BL-GĦARBI	ISEM BIL-FRANĊIŻ	ISEM BL-INGLIŻ
			(لـيركاملا)	espagnol	
SCORPAENA SPP	SCS	RASCACIO	قولـه	Rascasses nca	Scorpionfishes, rockfishes nei
SCYLLARUS ARCTUS	SCY	CIGALE	زيزلا	Petite cigale	Lesser slipper lobster
SEPIA OFFICINALIS	CTC	MONGO	جـديبسلا	Seiche commune	Common cuttlefish
SERATHEREDON MELANOPTERON	TILAP	TILAPIA		Tilapia	Blackchin tilapia
SOLEA LASCARIS	SOS	PELUDA	يـبارتلا ىـسوم كـمسـ	Sole-pole	Sand sole
SOLEA SENEGALENSIS	OAL	LENGUADO RUBIO	يـلاغنيسلا ىـسوما كـمسـ	Sole du Sénégal	Senegalese sole
SOLEA SOLEA	SOL	LENGUADO	عـئاشلا ىـسوم كـمسـ	Sole commune	Sole
PAGRUS AURATUS	GSU	DORADA	جـاجقة	Dorade royale	Gilt-head bream
PAGRUS AURIGA	REA	ROKERA	ططخم جـاجقة	Pagre rayé	Redbanded seabream
PAGRUS PAGRUS	RPG	Pagre	عـئاشلا جـاجقة	Pagre rouge	Red porgy
SPHYRAENA BARRACUDA	GBA	PICODA	ريـبكلا رحـبلا روجنز	Barracuda	Great barracuda
SPONDYLIOSOMA CANTHARUS	BRB	CHOPA	يـدامر نـاجرم ،سّير	Dorade grise	Black seabream
SQUALUS ACANTHIAS	DGS	CANE	راتخملا رحـبلا بـلك	Aiguillat commun	Picked dogfish

ISEM XJENTIFIKU	Kodiċi tal-FAO	ISEM KUMMERĊJALI	ISEM BL-GĦARBI	ISEM BIL-FRANĊIŻ	ISEM BL-INGLIŻ
STROMATEUS FIATOLA	BLB	FOULLA	سلملأا كمسلا ،ةديبز	Fiatole	Blue butterfish
SYNAPTURA CADENATI	YNY	LENGUADO TIGRE	طططخملا ىسوم كمسم	Sole-ruardon du Golfe	Guinean sole
THUNNUS OBESUS	BET	THON	ةنوت	Thon obèse(=Patudo)	Bigeye tuna
TRACHURUS TRACHURUS	HOM	CHINCHARD	يبروأ روخاش	Chinchard d'Europe	Atlantic horse mackerel
TRACHURUS TRECAE	HMZ	CHINCHARD NOIR	دوسأ روخاش	Chinchard du Cunène	Cunene horse mackerel
TRICHIURUS LEPTURUS	LHT	SABLE	يضف مازح ،فـيس	Poisson-sabre commun	Largehead hairtail
UMBRINA SPP	UBS	BOURROUGATO	ةلقبلا	Ombrines nca	Drums nei
URANOSCOPUS SPP	URA	RATA	ةموب	Uranoscopes	Stargazers
ZENOPSIS CONCHIFER	JOS	PLATIDA	ةيضفلا ءاملا ةجاجد	Saint Pierre argenté	Silvery John dory
ZEUS FABER MAURITANICUS	JOD	PIETRO	ةيبهذلا ءاملا ةجاجد	Saint Pierre	John dory
SARDINELLA MADERNSIS	SAE			Sardinelle plate	
BRAMA BRAMA	POA	palometa		Grande castagnole	Atlantic pomfret
PSEUDUPANAEUS	GOA	Salmonete		Rouget	Goatfish

ISEM XJENTIFIKU	Kodiċi tal-FAO	ISEM KUMMERĊJALI	ISEM BL-GĦARBI	ISEM BIL-FRANĊIŻ	ISEM BL-INGLIŻ
PRAYENSIS					
SCHEDOPHILUS OVALIS	HDV	Choupa	يروَطاربٹما دوسأ كمسد	Rouffe impérial	Imperial blackfish
SPARUS CAERULEOSTICTUS	BSC	Daurade rose		Pagre à points bleus	Gilt-head
AUTRES CALMAR					
AUTRES SEICHE					
AUTRES POISSONS DEMERSAUX					
AUTRES POISSONS PELAGIQUES					
AUTRES CRUSTACES					
AUTRES MOLLUSQUES					

APPENDIĊI 5

Il-leġiżlazzjoni[8] fis-seħħ dwar id-daqsijiet minimi tal-qabdiet miżmumin abbord

“Taqsima III: Id-daqsijiet u l-piżijiet minimi tal-ispeċijiet

Il-qisien minimi tal-ispeċijiet iridu jitkejlu:

– għall-ħut, mill-ponta tal-imnieħer sat-tarf tad-denb (tul totali);

– għaċ-ċefalopodi, it-tul tal-ġisem biss, mingħajr is-saqajn;

– għall-krustaċji, mill-ponta tar-rostru sa tarf id-denb.

Il-ponta tar-rostru tfisser l-estensjoni tal-qoxra li tinsab fil-parti tan-nofs tan-naħa ta’ quddiem taċ-ċefalotoraċi. Għall-awwista roża, il-punt ta’ referenza huwa n-nofs tal-parti mdaħħla ’l ġewwa tal-qoxra li tinsab bejn iż-żewġ qrejjen ta’ quddiem.

Id-daqsijiet u l-piżijiet minimi tal-ħut tal-baħar, taċ-ċefalopodi u tal-krustaċji li jistgħu jiġu mistada huma:

– Għall-ħut tal-baħar:

Laċċa (*Sardinella aurita* u *Sardinella maderensis*)	18 cm
Sardin (*Sardina pilchardus*)	16 cm
Sawrell komuni u sawrell iswed tal-Afrika (*Trachurus* spp.)	19 cm
Sawrell, sawrell isfar (*Decapturus rhonchus*)	19 cm
Kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*)	25 cm
Awrat (*Sparus auratus*)	20 cm
Pagru rar, pagru (*Sparus coeruleostictus*)	23 cm
Pagru ħamrani (*Sparus auriga*), pagru komuni (*Sparus pagrus*)	23 cm
Denċi (*Dentex* spp.)	15 cm
Paġella ħamra, (*Pagellus bellottii, Pagellus acarne*)	19 cm
Rubberlip grunt (*Plectorhynchus mediterraneus*)	25 cm
Ombrina tal-Kanarji (*Umbrina canariensis*)	25 cm
Gurbell Tork (*Sciana umbra*)	25 cm
Gurbell rar (*Argirosomus regius*) u Cassava croaker (*Pseudotholithus senegalensis*)	70 cm
Ċeren u Dott *(Epinephelus* spp.)	40 cm
Serra tas-snien (*Pomatomus saltator*)	30 cm
Trilja (*Pseudupeneus prayensis*)	17 cm
Mulett (*Mugil* spp.)	20 cm
Mazzola bla xewka (*Mustellus mustellus, Leptocharias smithi*)	60 cm
Spnotta tat-Tbajja’ (*Dicentrarchus punctatus*)	20 cm
Lingwata (*Cynoglossus canariensis, Cynoglossus monodi*)	20 cm

[8] Ref. Id-Digriet dwar l-applikazzjoni tal-Kodiċi tas-Sajd Nru 2015-159 tal-1 ta’ Ottubru 2015.

Lingwata (*Cynoglossus cadenati, Cynoglossus senegalensis*)	30 cm
Merluzz (*Merliccius* spp.)	30 cm

Għaċ-ċefalopodi:

Qarnit (*Octopus vulgaris*)	500 gr (imnaddaf)
Klamari (*Loligo vulgaris*)	13 cm
Siċċa (*Sepia officinalis*)	13 cm
Siċċa (*Sepia bertheloti*)	07 cm

Għall-krustaċji:

Awwista ħadra (*Panulirus regius*)	21 cm
Awwista roża (*Palinurus mauritanicus*)	23 cm
Gambli tal-fond (*Parapenaeus longirostris*)	06 cm
Granċ tal-fond (*Geyryon maritae*)	06 cm
Gamblu roża tan-Nofsinhar jew gamblu caramote (*Penaeus notialis, Penaeus kerathurus*)	Massimu ta' 200 indv/kg

Il-lista msemmija fil-paragrafu 2 tista' tiġi riveduta sabiex jiġu armonizzati d-daqsijiet minimi fil-livell reġjonali.

APPENDIĊI 6

Lista ta' fatturi ta' konverżjoni

RATI TA' KONVERŻJONI LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI GĦALL-PRODOTTI LESTI TAS-SAJD, MIKSUBA MINN IPPROĊESSAR ABBORD IL-BASTIMENTI TAT-TKARKIR

Produzzjoni	Metodu ta' pproċessar	Rata ta' konverżjoni
Merluzz Bla ras, imnaddfa	Qtugħ bl-idejn jew bil-magni	1.510
Laċċa		
Bla ras	Qtugħ bl-idejn	1.416
Bla ras, imnaddfa	Qtugħ bl-idejn	1.675
Bla ras, imnaddfa	Qtugħ bil-magni	1.795
Kavalli		
Bla ras	Qtugħ bl-idejn	1.406
Bla ras, imnaddfa	Qtugħ bl-idejn	1.582
Bla ras	Qtugħ bil-magni	1.445
Bla ras, imnaddfa	Qtugħ bil-magni	1.661
Xabla		
Bla ras, imnaddfa	Qtugħ	1.323
Flettijiet	Qtugħ bl-idejn	1.340
Bla ras, imnaddfa (qatgħa speċjali)	Qtugħ bl-idejn	1.473
Sardin		
Bla ras	Qtugħ bl-idejn	1.416
Bla ras, imnaddfa	Qtugħ bl-idejn	1.704
Bla ras, imnaddfa	Qtugħ bil-magni	1.828
Sawrell		
Bla ras	Qtugħ bl-idejn	1.570
Bla ras	Qtugħ bil-magni	1.634
Bla ras, imnaddfa	Qtugħ bl-idejn	1.862
Bla ras, imnaddfa	Qtugħ bil-magni	1.953

NB: Għall-ipproċessar tal-ħut f'għalf, ir-rata ta' konverżjoni aċċettata hija ta' 5.5 tunnellati ta' ħut frisk għal kull tunnellata (1) ta' għalf.

APPENDIĊI 7

Komunikazzjoni tal-messaġġi tal-VMS lill-Mauritania

RAPPORT TAL-POŻIZZJONI

1. L-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara d-dħul fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania għandha tiġi identifikata bil-kodiċi "ENTRY". Il-pożizzjonijiet kollha sussegwenti għandhom jiġu identifikati bil-kodiċi "POS", ħlief għall-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara l-ħruġ miż-żona tas-sajd tal-Mauritania, li għandha tiġi identifikata bil-kodiċi "EXIT".

2. Minbarra d-*data* msemmija hawn fuq, l-FMC tal-Mauritania għandu jkun jista' jirċievi t-twissijiet differenti tal-VMS u l-informazzjoni elenkati hawn taħt:

Tip ta' messaġġ	Kodiċi indikattiv	Kumment
Telf tas-sinjal tal-GNSS	GPS_LOSS (Telf tas-sinjal tal-GPS)	Dan il-messaġġ jintbagħat meta l-modulu tal-GNSS tat-terminal tal-VMS ikun naqas milli jikseb pożizzjoni tal-GNSS
Irkupru tas-sinjal tal-GNSS	GPS_RECOVERY (Is-sinjal tal-GPS reġa' ġie)	Messaġġ li jintbagħat meta l-modulu tal-GNSS tat-terminal tal-VMS jirnexxilu jikseb pożizzjoni tal-GNSS wara GPS_LOSS
Provvista tal-elettriku esterna MIXGĦULA	POWER_UP (Reġa' tqabbad mal-main tad-dawl)	Dan il-messaġġ jintbagħat meta tinxtegħel il-provvista tal-elettriku esterna
Provvista tal-elettriku esterna MITFIJA	POWER_DOWN (Skonnettjat mill-main tad-dawl)	Dan il-messaġġ jintbagħat meta l-provvista tal-elettriku esterna tintefa, u t-terminal tal-VMS jibda jitħaddem bil-batterija
Tmiem tal-funzjonament tal-Modalità tal-Batterija	LAST_ON_BATTERY (Ħsara fil-Batterija)	Messaġġ li jintbagħat eżatt qabel jieqaf it-terminal tal-VMS meta tispiċċa l-batterija
Talba tal-pożizzjoni attwali (polling)	PING	Tweġiba għal talba għall-pożizzjoni attwali tat-terminal tal-VMS (polling)
Pożizzjonijiet maħżuna waqt li n-network ma kienx qed jaħdem	DATALOGGER	Messaġġ li jintbagħat meta jiġi rkuprat in-network tas-satellita. Dan il-messaġġ fih ir-rapporti tal-pożizzjoni maħżuna matul il-perjodu li matulu ma jkunx qed jaħdem in-network
Twissija ta' Intrużjoni	INTRUSION	Messaġġ li jintbagħat meta tinfetaħ l-għata tat-terminal tal-VMS
Skonnessjoni tal-kejbil tas-sinjali	DOME DISMOUNTING	Messaġġ li jintbagħat meta l-kejbil li jgħaqqad l-għata mal-junction box jiġi skonnettjat

APPENDIĊI 8

UŻU TAL-STANDARD UN/FLUX U TAN-NETWORK UE FLUX

1. Il-Partijiet jaqblu dwar it-tranżizzjoni eventwali mill-istandard ERS 3.1 għall-istandard UN/FLUX (United Nations Fisheries Language for Universal eXchange) u għan-network ta' skambju UE FLUX għall-iskambju tal-pożizzjonijiet tal-bastimenti, tal-ġurnal ta' abbord elettroniku tas-sajd u tad-*data* dwar l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

2. L-emendi tal-istandard UN/FLUX għandhom jiġu implimentati f'limitu ta' żmien definit mill-Kumitat Konġunt abbażi tad-dispożizzjonijiet tekniċi pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea, fejn xieraq permezz ta' skambju ta' ittri.

3. L-arranġamenti għall-implimentazzjoni tad-diversi skambji elettroniċi għandhom, jekk ikun meħtieġ, jiġu stabbiliti f'dokument ta' implimentazzjoni mħejji mill-Kummissjoni Ewropea u vvalidat mill-Kumitat Konġunt.

4. Il-miżuri tranżitorji jistgħu jintużaw sal-bidla għall-istandard UN/FLUX għal kull komponent (pożizzjonijiet, ġurnal ta' abbord tas-sajd, awtorizzazzjonijiet). L-awtoritajiet tal-Mauritania għandhom jiddeterminaw il-perjodu meħtieġ għal din it-tranżizzjoni filwaqt li jqisu r-restrizzjonijiet tekniċi li jista' jkun hemm. Huma għandhom jistabbilixxu l-perjodu ta' provi previst qabel il-bidla għall-użu effettiv tal-istandard UN/FLUX. Ladarba dawn il-provi jitlestew b'suċċess, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu flimkien mill-aktar fis possibbli, id-data effettiva tal-applikazzjoni fil-Kumitat Konġunt jew permezz ta' skambju ta' ittri.

APPENDIĊI 9

RAPPORT TAL-OSSERVATUR XJENTIFIKU

Isem l-osservatur: .....

Bastiment: ..... Nazzjonalità: .....
Numru u port tar-reġistrazzjoni: .....
Karatteristika: ....., tunnellaġġ: ..... TG, Qawwa: ..... hp
Liċenzja: ..... nru: ..... Tip: .....
Isem il-kaptan: .....Nazzjonalità: .....

Tlugħ abbord tal-osservatur: Data: ....., Port: .....
Inżul tal-osservatur: Data: ....., Port: .....

Teknika tas-sajd awtorizzata .....
Irkaptu użat: .....
Malja tax-xibka u/jew daqs: .....
Żoni tas-sajd iffrekwentati: .....
Distanza mill-kosta: .....
Għadd ta' baħħara mill-Mauritania mtellgħin abbord: .....
Dikjarazzjoni tad-dħul...../...../..... u tal-ħruġ ...../..... miż-żona tas-sajd

Stima tal-osservatur
Produzzjoni globali (f'kg): ...., iddikjarata fuq JP/JB: .....
Qabdiet inċidentali: speċijiet ....., Rata stmata: .....%
Mormija: Speċijiet: ....., Kwantità (f'kg) : .....

Speċijiet miżmuma						
Kwantità (f'kg)						
Speċijiet miżmuma						
Kwantità (f'kg)						

Sejbiet tal-osservatur:		
Natura tas-sejba	data	pożizzjoni

Kummenti tal-osservatur (ġenerali):.....
.....
.....
.....

Magħmul fi ....., fi .....

Firma tal-osservatur .....

Kummenti tal-kaptan
.....
.....
.....
Kopja tar-rapport irċevuta fi ..... Firma tal-kaptan .....

Rapport mibgħut lil .....
Kwalità: .....

APPENDIĊI 10

ID-DETTALJI TA' KUNTATT TAL-AWTORITAJIET KOMPETENTI TAL-UNJONI EWROPEA U TAL-MAURITANIA

Iż-żewġ Partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin id-dettalji ta' kuntatt tal-istituzzjonijiet differenti mniżżlin hawn taħt waqt l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

L-UNJONI EWROPEA

- Il-Kummissjoni Ewropea – id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE)

- Id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea – Nouakchott (il-Mauritania)

IL-MAURITANIA

- Il-Ministeru tas-Sajd u l-Ekonomija Marittima

- Il-Gwardja tal-Kosta tal-Mauritania

- Id-Direttorati Reġjonali Marittimi

APPENDIĊI 11
Tlugħ abbord tal-baħħara tal-Mauritania

1. L-għadd ta' baħħara tal-Mauritania li jridu jittellgħu abbord

1.1. L-għadd minimu ta' baħħara tal-Mauritania li għandhom jittellgħu abbord f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Kapitolu IV tal-Anness għandu jkun kif ġej:

a) għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni, wieħed għal kull bastiment;

b) għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief u għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-konz, tlieta għal kull bastiment;

c) għall-bastimenti tas-sajd għall-gambli u l-ħut tal-qiegħ, 60 % tal-ekwipaġġ imqarreb 'l isfel, l-uffiċjali (il-kaptan tal-bastiment, il-kaptan awżiljarju jew tal-kosta, l-assistent inġinier u l-inġinier ewlieni) mhux inklużi f'din iċ-ċifra;

d) Għall-bastimenti tat-tkarkir għas-sajd tal-ħut pelaġiku, 60 % tal-ekwipaġġ li jopera f'kompiti tal-produzzjoni (fabbrikazzjoni, imballaġġ u ffriżar), kif indikat fil-pjan tal-ekwipaġġ
tal-bastiment imsemmi kif xieraq mill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera. Fil-qafas tal-obbligu li jitilgħu abbord żewġ osservaturi, wieħed minnhom se jitnaqqas minn dan in-numru minimu ta' baħħara tal-Mauritania.

e) Fuq talba tal-awtoritajiet tal-Mauritania, it-tlugħ abbord tal-uffiċjali apprendisti tal-Mauritania bħala appoġġ għall-politika ta' taħriġ u ta' kwalifikazzjoni mqabbda mill-Ministeru huwa mħeġġeġ. Jekk sid il-bastiment tas-sajd itella' abbord uffiċjali apprendisti tal-Mauritania, in-numru tagħhom jitnaqqas min-numru minimu ta' baħħara tal-Mauritania mitlub, f'konformità mal-paragrafi preċedenti.

1.2. Sid il-bastiment tas-sajd imsemmi fil-paragrafu 1.3(d) huwa awtorizzat juża l-għadd meħtieġ ta' baħħara tal-Mauritania skont sistema ta' rotazzjoni dokumentata u ppjanata abbord/fuq l-art mal-awtorità marittima, li tippermettilu jiġġestixxi l-bastiment tas-sajd tiegħu b'mod responsabbli u effettiv, f'konformità mal-miżuri adottati mill-Istat tal-bandiera skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu u f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

1.3. F'konformità mal-paragrafu 4 tal-Kapitolu IV tal-Anness, il-kaptan għandu jżomm reġistru tal-baħħara li jaħdmu abbord il-bastiment tiegħu, billi jistabbilixxi lista tal-ekwipaġġ iffirmata kif xieraq mill-kaptan jew minn kwalunkwe persuna oħra awtorizzata mill-kaptan. Il-lista tal-ekwipaġġ għandha tinżamm aġġornata u għandha tinkludi *data* ddettaljata għal kull sajjied, mill-inqas dwar dan li ġej:

a) il-grad jew il-kariga;

b) in-nazzjonalità;

c) id-data u l-post tat-twelid;

d) it-tip ta' dokument ta' identità u n-numru tiegħu.

1.4. Il-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-lista tal-ekwipaġġ tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni fil-mument tal-ispezzjoni, kif stabbilita u ffirmata mill-kaptan jew minn kwalunkwe persuna oħra awtorizzata mill-kaptan.

2. Il-kundizzjonijiet tal-aċċess tal-baħħara tal-Mauritania għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni

2.1. Il-Ministeru għandu jiżgura li l-lista msemmija fil-paragrafu 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness tinkludi d-dettalji ta' kull sajjied inklużi mill-inqas l-isem u l-kunjom tiegħu, id-data

tat-twelid, il-post tat-twelid, il-kwalifiki u d-dokumenti relatati mal-istatus tiegħu bħala sajjied u l-esperjenza tiegħu.

2.2. Il-Ministeru għandu jiżgura li kull baħħar fil-lista msemmija fil-paragrafu 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness jissodisfa mill-inqas ir-rekwiżiti li ġejjin:

a) huwa familjari mal-vokabularju bażiku tas-sikurezza f'waħda mil-lingwi ta' ħidma li ġejjin: il-Franċiż, l-Ispanjol jew l-Ingliż;

b) għandu passaport validu maħruġ mill-awtoritajiet tal-Mauritania;

c) għandu ktieb tal-baħħara validu maħruġ mill-awtoritajiet tal-Mauritania jew dokument ekwivalenti għaliha;

d) huwa detentur u jkollu fil-pussess tiegħu, ċertifikat validu li jikkonferma li huwa rċieva taħriġ bażiku dwar is-sikurezza fuq il-baħar għall-persunal tal-bastimenti tas-sajd f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli, b'mod partikolari l-Konvenzjoni STCW-F dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;

e) ikollu fil-pussess tiegħu ċertifikat mediku validu li juri li huwa kapaċi jwettaq id-dmirijiet tiegħu abbord bastimenti tas-sajd u li ma għandu l-ebda marda li tittieħed jew disturb li jista' jipperikola s-sigurtà u s-saħħa ta' persuni oħra abbord; L-eżami mediku għandu jsir skont l-istandards internazzjonali applikabbli u għandu jinkludi eżamijiet radjugrafiċi għat-tuberkuloži;

f) ikollu fil-pussess tiegħu dokumentazzjoni li tista' tiġi inkluża fil-ktieb tal-baħħara jew fid-dokument imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 2.2, li tiddeskrivi fid-dettall il-ħiliet tiegħu u, għal kull bastiment tas-sajd li fuqu jkun ħadem, l-isem u t-tip tal-bastiment tas-sajd, il-grad jew ir-rwol tiegħu abbord u t-tul tas-servizz tiegħu abbord;

g) ikollu fil-pussess tiegħu ċertifikat li jafferma l-għarfien ta' waħda mil-lingwi msemmija fil-paragrafu (a) hawn fuq;

h) ikollu fil-pussess tiegħu kopja oriġinali tal-kuntratt tal-impjieg bħala baħħar iffirmat kif xieraq;

i) ikollu fil-pussess tiegħu kull dokument ieħor meħtieġ mill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd u minn sid il-bastiment tas-sajd.

2.3. Kull dokument imsemmi fil-punti (c) sa (i) tal-paragrafu 2.2 għandu jinħareġ fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania jew tal-pajjiż emittenti u għandu jkun akkumpanjat minn traduzzjoni għall-Ingliż.

2.4. F'konformità mal-istandards internazzjonali fis-seħħ, kull dokument imsemmi fil-punti (c) sa (i) tal-paragrafu 2.2 għandu jitqies validu biss jekk ikun jikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.3, ikun iffirmat kif xieraq, ma jkunx skada fil-mument tat-tlugħ abbord, u jekk l-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd jiggarantixxi li t-taħriġ jew l-eżami li għalih inħareġ id-dokument jikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Istat tal-bandiera.

Għal dan il-għan, l-awtoritajiet tal-Mauritania jawtorizzaw lill-uffiċjali maħturin mill-Istat tal-bandiera jwettqu, fit-territorju tagħhom, l-evalwazzjonijiet u l-verifiki meħtieġa b'rabta ma' dan. F'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, l-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin fit-twettiq tal-kompiti li jirriżultaw minn dan il-paragrafu sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania.

2.5. Il-baħħara mill-Mauritania għandhom jibagħtu lill-kaptan, fuq talba tiegħu, id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2.2 għal finijiet ta' kontroll. Il-kaptan jista' jżomm kopja ta' dawn id-dokumenti msemmija għal finijiet amministrattivi.

2.6. Sid il-bastiment tas-sajd jew il-kaptan li jaġixxi f'ismu għandhom id-dritt li jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni għat-tlugħ abbord ta' baħħar mill-Mauritania fuq il-bastiment tas-sajd tal-Unjoni tagħhom jekk dan ma jissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2.2 sa 2.4.

3. Kuntratti ta' impjieg tal-baħħara mill-Mauritania

Bħala minimu, dawn il-kuntratti għandhom jispeċifikaw dan li ġej:

a) l-ismijiet u l-kunjom tal-baħħar, id-data tat-twelid jew l-età, u l-post tat-twelid;

b) il-post u d-data fejn ġie konkluż il-ftehim;

c) id-dežinjazzjoni tal-bastiment(i) tas-sajd u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-bastiment(i) tas-sajd li fuqhom is-sajjied jitqabbad jaħdem;

d) l-isem ta' min iħaddmu jew ta' sid il-bastiment tas-sajd jew ta' parti oħra fil-ftehim;

e) il-kariga li għaliha s-sajjied għandu jiġi impjegat jew ingaġġat;

f) fejn possibbli, id-data u l-post fejn is-sajjied se jkun meħtieġ jippreżenta ruħu abbord għall-bidu tas-servizz tiegħu;

g) l-ammont tal-paga tal-baħħar jew, jekk jitħallas fuq bażi ta' sehem, il-perċentwali tas-sehem tiegħu u l-metodu tal-kalkolu ta' dak is-sehem, jew, jekk tiġi applikata sistema mħallta ta' remunerazzjoni, l-ammont tal-paga, il-perċentwali tas-sehem tiegħu u l-metodu tal-kalkolu ta' dak is-sehem, u kwalunkwe paga minima miftiehma;

h) id-data tal-iskadenza tal-ftehim u l-kundizzjonijiet relatati miegħu, jew:

(i) jekk il-ftehim ikun ġie konkluż għal perjodu fiss, id-data stabbilita għall-iskadenza tiegħu;

(ii) jekk il-ftehim ġie konkluż fil-vjaġġ, il-port tad-destinazzjoni maqbul għal tmiem il-ftehim u indikazzjoni tal-perjodu li fi tmiemu s-sajjied se jiġi rilaxxat wara l-wasla f'dik id-destinazzjoni;

(iii) jekk il-ftehim ikun ġie konkluż għal perjodu indefinit, il-kundizzjonijiet li taħthom kwalunkwe waħda mill-partijiet tista' ttemm il-ftehim u l-perjodu ta' notifika minn qabel meħtieġ, li ma għandux ikun iqsar għal min iħaddem, għal sid il-bastiment tas-sajd jew għal parti oħra milli hu għas-sajjied;

i) il-protezzjoni f'każ ta' mard, korriment jew mewt tas-sajjied assoċjati mas-servizz tiegħu;

j) il-leave annwali mħallas jew il-formula użata għall-kalkolu tiegħu, fejn applikabbli;

k) il-benefiċċji tas-saħħa u tas-sigurtà soċjali li għandhom jiġu pprovduti lis-sajjied mill-impjegatur, minn sid il-bastiment tas-sajd jew minn parti oħra għall-ftehim dwar l-impjieg tas-sajjied, skont il-każ;

l) id-dritt tas-sajjied għar-ripatrijazzjoni;

m) ir-referenza għall-ftehim kollettiv, fejn applikabbli;

n) il-perjodi minimi ta' mistrieħ

4. Informazzjoni li għandha tingħata lill-Ministeru

4.1. Kull Stat tal-bandiera tal-Unjoni għandu jikkomunika lill-Ministeru, fuq lista mfassla u miżmuma mill-Unjoni, l-isem tal-awtorità kompetenti tiegħu msemmija fil-paragrafu 2.4.

4.2. B’kunsiderazzjoni għall-punti (d) u (h) tal-paragrafu 2.2, l-Istat tal-bandiera għandu jinforma kif xieraq lill-Ministeru, permezz tal-Unjoni, dwar il-ħtieġa tiegħu għal dokumentazzjoni addizzjonali għall-baħħara abbord jew impjegati abbord bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu.

4.3. Sid il-bastiment tas-sajd, jew il-kustodju li jaġixxi f’ismu, għandu jgħarraf lill-Ministeru bit-tlugħ abbord tal-baħħara tal-Mauritania biex jaħdmu abbord il-bastiment tiegħu, permezz tal-lista tal-ekwipaġġ imsemmija fil-paragrafu 1.3.

4.4. Il-Ministeru għandu jibgħat irċevuta ffirmata lil sid il-bastiment tas-sajd, jew lill-kustodju li jaġixxi f’ismu, malli tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.3.

4.5. Sid il-bastiment tas-sajd, jew il-kustodju li jaġixxi f’ismu, għandu jibgħat kopja tal-kuntratt tal-impjieg tas-sajjied direttament lill-Ministeru fi żmien xahrejn mill-iffirmar tiegħu.

4.6. Il-Ministeru għandu jibgħat irċevuta ffirmata lil sid il-bastiment tas-sajd, jew lill-kustodju li jaġixxi f’ismu, malli tasal il-kopja tal-kuntratt tal-impjieg tal-baħħara, f’konformità mal-paragrafu 4.5.

ANNESS II

PROĊEDURA BIEX JIĠU APPROVATI L-EMENDI TAL-PROTOKOLL LI L-KUMITAT KONĠUNT GĦANDU JADOTTA

Meta l-Kumitat Konġunt jintalab jadotta emendi tal-Protokoll f'konformità mal-Artikolu 11(1) tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi proposti, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni f'isem l-Unjoni:

a) tkun konformi mal-objettivi tal-politika komuni tas-sajd;

b) tkun kompatibbli mar-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u tkun tqis il-ġestjoni konġunta min-naħa tal-Istati kostali;

c) tkun tqis l-aħħar informazzjoni statistika, bijoloġika u ta' tip ieħor rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni.

(2) Qabel ma tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħathom lill-Kunsill biżżejjed żmien qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt.

(3) Il-Kunsill għandu jivvaluta l-konformità tal-emendi proposti mal-kriterji stabbiliti fil-punt 1 ta' dan l-Anness.

(4) Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni, sakemm għadd ta' Stati Membri li jkun daqs minoranza li timblokka lill-Kunsill, skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ma joġġezzjonax għalihom. F'każ li jkun hemm it-tali minoranza li timblokka, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-emendi proposti f'isem l-Unjoni.

(5) Jekk, matul laqgħat ulterjuri tal-Kumitat Konġunt, ikun impossibbli li jintlaħaq ftehim, inkluż fuq il-post, il-kwistjoni għandha terġa' tintbagħat lill-Kunsill, f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-punti 2 sa 4, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun tista' tqis elementi ġodda.

(6) Il-Kummissjoni hija mistiedna tieħu, fiż-żmien dovut, il-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura s-segwitu tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, fejn ikun xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-komunikazzjoni ta' kull proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra, li ma jikkonċernawx emendi għall-Protokoll, f'konformità mal-Artikolu 11(1) tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt għandha tiġi stabbilita skont it-Trattati u l-prattiki ta' ħidma stabbiliti.